# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 133/2018**

**Onor. Kap tal-Opposizzjoni Avukat Adrian Delia**

***v.***

**Onor. Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat;**

**L-Avukat Ġeneral;**

**Il-Kap Eżekuttiv tal-*Malta Industrial Parks Limited*, illum *INDIS Malta Ltd*;**

***Vitals Global Healthcare Assets Limited*, illum *Steward Malta Assets Limited*;**

***Vitals Global Healthc*are *Limited* illum *Steward Malta Limited*;**

***Vitals Global Healthcare Management Limited*, illum *Steward Malta Management Limited*;**

**Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet li assuma l-funzjonijiet li qabel kien jassumi l-Kummissarju tal-Artijiet;**

**Iċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet**

1. Dan huwa appell tas-soċjetajiet konvenuti *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* [flimkien "is-soċjetajiet appellanti"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2023. Huwa wkoll appell mill-istess sentenza magħmul mis-soċjetà Spanjola *Steward Health Care International, S.L.U.* taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-ewwel qorti fis-sentenza appellata laqgħet talba tal-attur biex tħassar numru ta' kuntratti – fosthom kuntratt li bih art tal-Gvern ingħatat b'enfitewsi temporanja – li kienu saru bejn is-soċjetajiet appellanti u l-Gvern ta' Malta jew aġenziji tal-Gvern.

2. Fir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża l-attur fisser illi:

> »1. b'kuntratt ta' enfitewsi temporanja tal-22 ta' Marzu 2016, fl-atti tan-Nutar Thomas Vella, bejn min-naħa l-waħda il-*Malta Industrial Parks Limited*, u l-Kummissarju tal-Artijiet in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u min-naħa l-oħra *Vitals Global Healthcare Assets Limited*[1], ġew ittrasferiti b'titolu ta' konċessjoni enfitewtika temporanja għal perjodu rinnovabbli ta' tletin sena numru ta' siti ġewwa Malta u Għawdex, *cioè* s-sit tal-Isptar San Luqa, is-sit tal-Isptar Karin Grech, kif ukoll is-sit tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, u dan għall-iskopijiet hemm indikati …;
>
> »2. *ai termini* konċessjoni enfitewtika temporanja suriferita ġie stipulat *ai termini* ta' klawsola 4.5.2.2 (*e*), ġie stabbilit illi,
>
>> »"In addition to all its other obligations contained in this Emphyteutical Deed, at its own cost and expense and as applicable at all times throughout the Original Term and, if applicable, the Extended Term, the Grantee shall:
>>
>> »… … …
>>
>> »"(e) not sell, transfer, alienate or in any manner dispose of or otherwise encumber the Sites (or attempt to do so) save and except as expressly set forth in this Emphyteutical Deed and the Related Instruments or as expressly authorised in writing by the Grantor, provided that the Grantee and / or its assignees shall be free to create such encumberances over and on the Sites in favour of the Primary Lenders."

[1] Illum *Steward Malta Assets Limited*

»3. ir-*Related Instruments* huma s-*Service Concession Agreement*, il-*Health Services Delivery Agreement*, *the Labour Supply Agreement and any amendments and/or addendum thereto* liema dokumenti jiffurmaw integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja …;

»4. kopja ta' dawn ir-*Related Instruments* tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 429 tad-19 ta' Ottubru 2016;

»5. l-iskopijiet għal dan it-trasferiment ta' proprjetà kif jirriżulta mill-kuntratt ta' enfitewsi temporanja hawn fuq riferit *ai termini* ta' klawżola 4.3.1 huwa "*Procuring the Development Obligations thereon in accordance with the provisions of this deed and for the sole use of the sites for the Provision of Healthcare and Medical Services and ancillary and related services including the services envisaged in the Services Concession Agreement*";

»6. id-*Development Obligations* huma l-obbligi ta' *Vitals Global Health-care Assets Limited* (C 70625) u tal-*Concessionaire* ossija *Vitals Global Healthcare Management Limited* (C 70624) u *Vitals Global Healthcare Limited* (C 70546) biex jassigura illi dak kollu li kellu jsir mill-*Concessionaire* jiġi attwat skond is-*Services Concession Agreement* fir-riżvilupp tas-siti mogħtija b'konċessjoni enfitewtika temporanja;

»7. is-*Service Concession Agreement* huwa l-ftehim milħuq bejn il-Gvern, il-konċessjonarju u l-enfitewta għall-iżvilupp tal-isptarijiet skond il-ftehim raġġunt;

»8. konsegwentement l-intimati kollha kienu in solidum bejniethom obbligati illi jattwaw l-obbligi kif naxxenti mill-konċessjoni enfitewtika temporanja;

»9. dawn l-obbligi kienu jikkonsistu fost affarijiet oħra fil-bini ta' skola medika u faċilitajiet ta' tagħlim b'konsultazzjoni mal-Gvern Malti, l-iżvilupp u l-kreazzjoni ta' *state of the art*, riċerka u faċilitajiet ta' żvilupp fis-settur tas-saħħa u f'*medical campus* f'Malta u Għawdex, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' *regional primary care hub* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ir-riżvilupp tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u l-kreazzjoni ta' *medical campus* f'Malta u Għawdex u l-immodernizzar tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

»10. dan kollu kellu jsir a bażi ta' *Health Services Delivery Agreement* u tas-*Services Concession Agreement*, … it-tnejn iffirmati fit-30 ta' Novembru 2015 skont dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 429 tad-19 ta' Ottubru tas-sena 2016, …;

»11. dawn il-ftehim jirregolaw il-konċessjoni tas-servizzi fl-isptarijiet indikati fil-konċessjoni enfitewtika temporanja hawn fuq riferita, u jiffurmaw parti integrali mill-konċessjoni enfitewtika temporanja mogħtija nhar it-22 ta' Marzu 2016 kif jirriżulta mill-istess konċessjoni enfitewtika temporanja ai termini tal-artikolu 4.3 tal-istess kuntratt …;

»12. dan ir-rimpjazzament, bini u servizzi li kellhom jibdew jiġu mogħtija minn *Vitals Global Healthcare Limited*[2] u *Vitals Global Healthcare Management Limited*[3], *ai termini* ta' *concession agreement* hawn fuq imsemmi, kellhom isiru skont *completion milestones* ossia *handover plans*, *design plans*, *Barts College* fil-*campus* ta' Għawdex, ħamsin sodda

[2] Illum *Steward Malta Limited*

[3] Illum *Steward Malta Management Limited*

addizzjonali f'*Karin Grech Hospital*, San Luqa, tmenin sodda ta' riabilitazzjoni f'*Saint Luke's Hospital*, it-tlestija tal-binja l-ġdida fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, it-tlestija tar-rinovazzjoni tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u t-tlestija tas-sodod għat-turiżmu mediku fl-Isptar San Luqa jitlestew fit-termini stabbiliti u mhux magħrufa lill-pubbliku, però żgur qabel l-iskadenza ta' tliet snin mill-iffirrnar tal-istess ftehim tat-30 ta' Novembru 2015;

»13. dawn il-*completion milestones* ma ntlaħqux u lanqas għadhom inbdew jiġu effettwati u wisq inqas kompletati;

»14. konsegwentement l-iskop għal xiex ġiet mogħtija din il-konċessjoni enfitewtika temporanja ma twettqitx fl-essenzjal tagħha, u dan skond ir-Riżoluzzjoni Parlamentari hawn fuq referita;

»15. *ai termini* ta' klawsola 15.1 tas-*Services Concession Agreement* li jifforma parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja u r-raġuni għaliex ġiet mogħtija din il-konċessjoni enfitewtika temporanja skond klawżola 4.3 tal-istess kuntratt hawn imsemmi, l-intimati *Vitals Global Healthcare Limited* u *Vitals Global Healthcare Management Limited* kellhom id-dritt li jassenjaw l-obbligi tagħhom wara l-perijodu ta' tliet snin mid-data ta' tlestija ossia mid-data meta ċertifikat ta' tlestija li jikkonferma li l-*concession milestones* intlaħqu, u li x-xogħol tlesta, u dawn iż-żewġ kumpanniji hawn imsemmija bħala konċessjonarji ma setgħux jittrasferixxu, jassenjaw, jew b'xi mod ieħor jiddisponu mill-isħma u/jew mill-ishma tas-sussidjarji tagħhom;

»16. minn dawn il-ftehim għadhom m'għaddewx it-tliet snin stipulati mil-liġi wisq inqas tliet snin mit-tlestija tal-completion milestones assoċjati mat-tlestija tax-xogħlijiet fuq is-siti kif hawn fuq imsemmija u elenkati, u lanqas ma tħallsu l-ebda penalitajiet skont l-iskeda numru 6 paġna 124 tas-*Services Concession Agreement*;

»17. konsegwentement ai termini tal-konċessjoni enfitewtika temporanja dan it-trasferiment ta' bejgħ ta' azzjonijiet lil terzi u/jew trasferiment ta' proprjetà ma jistax jiġi awtorizzat għax ma ntlaħqux il-*completion milestones* għat-tlestija tax-xogħlijiet fuq is-siti *ai termini* tal-ftehim raġġunt bil-konċessjoni enfitewtika temporanja u s-*Services Concession Agreement* iffirrmat bejn l-intimati;

»18. il-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali ma jistax japprova dan it-trasferiment ta' art lil terzi *ai termini* tal-artikolu 4.7 tal-konċessjoni enfitewtika ġaladarba l-obbligi tal-enfitewta ma ġewx adempiti ai termini tal-istess kuntratt;

»"19. fi kwalunkwe każ il-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali jridu jassiguraw illi d-dettami tal-konċessjoni enfitewtika temporanja u l-kundizzjonijiet hemm stipulati jiġu hekk adempiti kif stipulati fl-istess kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika li tagħmel referenza għal dan is-*Service Concession Agreement* u l-*Health Services Delivery Agreement* u huwa parti integrali mill-istess konċessjoni enfitewtika temporanja;

»"20. bi protest ġudizzjarju tad-29 ta' Jannar 2018, … ir-rikorrenti talbu illi jekk il-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali mhuwiex ser jieħu l-azzjoni neċessarja skont il-liġi għall-adempiment tal-obbligi kif naxxenti mill-istess konċessjoni enfitewtika temporanja, … u s-*Services Concession Agreement*, huwa jkun qiegħed jonqos li jipproteġi l-proprjetà tal-pubbliku u l-interessi li l-istess pubbliku fl-iżviluppi li kellhom isiru fuq

is-siti tal-isptarijiet liema obbligu jemani mill-kawtela ta' drittijiethom u fin-nuqqas tal-obbligi tal-enfitewta u dan *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta;

»"21. fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'kull każ u f'kull eventwalità u wara li jgħaddu t-tliet snin mill-*concession mile-stones* irid jiġi assikurat illi bit-trasferiment ta' dawn id-drittijiet u obbligi lil kwalsiasi terza persuna, u dan kif stabbilit mill-istess ftehim, il-persuna li lilha ġew trasferiti dawn id-drittijiet għandha tkun persuna ta' *good standing* u ta' reputazzjoni tajba, u, qabel ma dan isir, il-Gvern Malti għandu jiġi infurmat mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tali trasferiment, u għandu jagħti d-dettalji kollha rigwardanti dan it-trasferiment liema dettalji għandhom jiġu skrutinati mill-Kamra tad-Deputati;

»"22. ġaladarba l-Avukat Ġenerali u l-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet mhux ser jieħdu l-passi neċessarji *ai termini* tal-liġi, ossia tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jassiguraw li *Vitals Global Healthcare Assets Limited* qabel ma jittentaw jitrasferixxu l-konċessjoni enfitewtika temporanja surreferita lil terzi jassiguraw illi huma jadempixxu l-obbligi skont il-ftehim approvat mill-Kamra tad-Deputati, kemm rigwardanti l-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika temporanja tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella u l-ftehim tat-30 ta' Novembru 2015, sia rigwardanti l-*Health Services Delivery Agreement* u s-*Services Concession Agreement*, ir-rikorrenti huma obbligati jaġixxu fl-interess tal-poplu Malti *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tutela tal-proprjetà pubblika u tal-pattijiet u kundizzjonijiet approvati mill-istess Kamra tad-Deputati.«

3. L-atturi għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi l-intimati *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, *Vitals Global Healthcare Limited* u *Vitals Global Healthcare Management Limited* ma adempewx u kisru l-obbligi tagħhom *ai termini* tal-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella u tas-*Service Con-cession Agreement*, il-*Health Services Delivery Agreement, the Labour Supply Agreement* u emendi u/jew *addendum* liema dokumenti jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja surreferita;

»2. tiddikjara … illi r-*related instruments* jiffurmaw parti integrali tal-kon-ċessjoni enfitewtika temporanja tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella;

»3. tiddikjara … illi l-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet li assuma l-funzjonijiet li qabel kien jassumi l-Kummissarju tal-Artijiet u ċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali huma f'obbligu *ai termini* tal-liġi biex jittutelaw il-proprjetà pubblika u biex jieħdu l-passi neċessarji sabiex jassiguraw illi l-kundizzjonijiet kollha tal-proprjetà konċessa mill-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet jiġu adempiti u mhux mibdula *ai termini* tal-istess kuntratti u tar-resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

»4. tħassar u tannulla l-konċessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 u r-*Related Instruments* li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja u tordna li tintradd lura l-proprjetà kollha fejn jinsabu s-siti ta' *St Luke's Hospital*, … il-*Karin Grech Rehabilitation Hospital* … u l-*Gozo General Hospital* … kif

aħjar deskritti fil-konċessjoni enfitewtika lill-istess kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet;

»5. tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv tat-tħassir u nullità tal-imsemmija konċessjoni enfitewtika temporanja f'jum, ħin u lok kif stabbilit minn din il-qorti;

»6. tinnomina kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, liċ-*chief executive officer* tal-*Malta Industrial Parks Limited* u lill-Gvern ta' Malta u/jew *Vitals Global Healthcare Assets Limited* fuq l-att ta' tħassir u nullità tal-imsemmija konċessjoni enfitewtika fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. Is-soċjetajiet appellanti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. preliminarjament, jiġi rilevat li r-rikors ġuramentat tal-attur huwa irritu u null a tenur tal-artikolu 789(1)(*a*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'referenza għal dak provdut fl-artikolu 156(1)(*a*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi r-rikors promotur ma fihx "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża" senjatament *in vista* tal-fatt li għalkemm ir-rikorrent jagħmel referenza ġenerika għall-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta ma jispeċifikax taħt liema artikolu qed jibbaża l-azzjoni tiegħu, liema nuqqas iqiegħed l-esponenti f'posizzjoni tali li ma jistgħux jiddefendu ruħhom kif imisshom;

»2. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, iżda dejjem *in linea* preliminari, ir-rikorrent għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu biex jipproponi u jmexxi din il-kawża;

»3. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, iżda dejjem *in linea* preliminari, prinċipju ġenerali tal-liġijiet tagħna hu li kuntratt li fih persuna ma tkunx parti hu *inter alios acta* għaliha u għaldaqstant il-kuntratti msemmijin fir-rikors promotur huma inekwivokabilment *res inter alios acta* għar-rikorrent;

»4. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, m'hemm l-ebda nuqqas kontrattwali u lanqas ksur fir-rigward tal-konċessjoni mertu tal-kawża;

»5. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda."

5. Il-konvenuti l-oħra wkoll ikkontestaw it-talbiet tal-attur iżda ma ressqux appell mis-sentenza tal-ewwel qorti.

6. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati kollha;

»tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif redatta, u għalhekk:

»tiddikjara illi s-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, il-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u

l-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016, flimkien mal-emendi u *addendum* varji illi saru, għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja konċessa lis-soċjeta *Steward Malta Assets Limited*, ġà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella;

»tiddikjara illi l-intimati *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* ma adempwewx u kisru l-obbligi tagħhom *ai termini* tal-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, tal-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016 flimkien ma' l-emendi u addendum illi saru sussegwentement.

»tiddikjara illi l-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, li assuma l-funzjonijiet li qabel kien jassumi l-Kummissarju tal-Artijiet, u ċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet kif ukoll l-Avukat Ġenerali, huma f'obbligu, *ai termini* tal-liġi, sabiex jittutelaw il-proprjetà pubblika u biex jieħdu l-passi neċessarji sabiex jassiguraw illi l-kundizzjonijiet kollha tal-proprjetà konċessa jiġu adempiti u mhux mibdula *ai termini* tal-istess kuntratti u tar-resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, u għaldaqstant:

»tħassar u tannulla l-konċessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, tal-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u *addendum* varji illi saru u li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja surreferita;

»tordna li tintradd lura l-proprjetà kollha fejn jinsabu s-siti ta' *St Luke's Hospital* …, il-*Karin Grech Rehabilitation Hospital* … u l-*Gozo General Hospital* kif aħjar deskritti fil-konċessjoni enfitewtika surreferita lill-istess kap eżekuttiv tal-Awtorita' tal-Artijiet;

»tinnomina li-Nutar Prinċipali tal-Gvern sabiex jippubblika l-att relattiv tat-tħassir u nullità tal-imsemmija konċessjoni enfitewtika temporanja sa żmien tliett xhur millum;

»tirriserva li tinnomina kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, lic-*chief executive officer* tal-*Malta Industrial Parks Limited* u lill-Gvern ta' Malta u/jew *Vitals Global Healthcare Assets Limited* fuq l-att ta' tħassir u nullità tal-imsemmija konċessjoni enfitewtika f'każ illi jintalab wara li tkun ingħatat is-sentenza.

»Spejjeż tal-proċeduri odjerni u tal-atti notarili meħtieġa in ottemperanza mad-deċiżjoni odjerna għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjetà *Steward Malta Limit*ed.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Konsiderazzjonijiet

»Bażi tal-Azzjoni

»… … …

»342. Huwa fatt inkontestat illi Dr Adrian Delia huwa Membru tal-Kamra tad-Deputati, fejn, fi żmien meta ressaq il-kawża odjerna, huwa kien Kap tal-Opposizzjoni, u llum il-ġurnata għadu Membru tal-Kamra tad-Deputati.

»343. Jirriżulta, għalkemm mhux espressament miktub fil-kontenut tar-rikors promotur, iżda ċertament iċċarat fis-smigħ tax-xhieda u fis-sottomissjonijiet dettaljati mressqa mill-abbli konsulent legali tiegħu, illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-artikolu 33 (2) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

»344. L-artikolu 33 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, ossija Kap 573, jipprovdi dan li ġej:

> »"(1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkun null u bla effett.
>
> »"(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.
>
> »"(3) L-effetti u l-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 541 u 543 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jgħoddu fuq min jikseb art bi ksur tal-artikolu 31."

»345. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrent, bħala Membru tal-Kamra tad-Deputati, avalla ruħu minn dritt lilu mogħti, bħala rappreżentant elett mill-poplu, sabiex jikkontesta deċiżjoni meħuda mill-Gvern tal-ġurnata u l-awtoritajiet kompetenti li jaqgħu taħt il-kontroll tal-istess Gvern, bil-għan illi tali deċiżjoni titħassar.

»… … …

»

»348. Jirriżulta wkoll illi l-intimati soċjetà *Vitals*, sussegwentement *Steward*, u l-*INDIS Malta Ltd* qajjmu wkoll eċċezzjoni preliminari ta' natura ta' formalità, ossija illi, bi ksur tal-artikolu 156(1)(*a*) tal-Kap 12, ma kienx hemm "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża".

»349. Il-qorti ser issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet abbażi tal-varji difiżi mressqa mill-intimati … … …:

»A. Rikors ġurament null għax bi ksur tal-artikolu 156 tal-Kap 12.

»350. Il-qorti tibda biex tistqarr ili huwa minnu illi l-formaliżmu huwa parti essenzjali mill-proċeduri ġudizzjarji, *stante* illi, fin-nuqqas tagħhom, il-qrati jkunu rinfaċċjati b'sitwazzjonijiet komplessi u mhux f'lokhom li jistgħu jwasslu sabiex il-qorti ma tiffunzjonax b'mod effiċjenti u ma tkunx tista' ssir il-ġustizzja u l-ħaqq kif mistenni minnha.

»351. Madanakollu, dana ma jfissirx illi tali formaliżmu għandha tintuża b'mod affissjanti sabiex ixxekkel u twaqqaf proċeduri li jkunu inbdew quddiemha b'mod leġittimu.

»352. Dana qiegħed jingħad għax, fil-każ odjern, filwaqt illi r-rikorrent, fir-rikors promotur tiegħu, naqas milli jindika bil-miktub li l-bażi tal-azzjoni tiegħu kienet l-artikolu 33 tal-Kap. 573, liema bażi ta' azzjoni huwa eventwalment indika, kemm fix-xiehda tiegħu kif ukoll fis-sottomissjonijiet

tiegħu, mill-assjem tal-korp tar-rikorrent kien joħroġ ċar x'kienet l-azzjoni tiegħu – ossija t-tħassir tal-kuntratt mogħti lis-soċjetajiet *Vitals* abbażi ta' ksur bis-saħħa mogħtija lilu fl-artikolu 33 tal-Kap 573.

»353. Għaldaqstant, tali eċċezzjoni mqajjma mis-soċjetajiet *Vitals*, sussegwentement *Steward*, u s-soċjetà *Malta Industrial Parks Limited*, sussegwentement *INDIS Limited*, ma timmeritax illi tiġi akkolta.

»B. Li l-kuntratti ta' servizz huma distinti u separati mill-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika

»354. Il-qorti, hawnhekk, tibda billi tosserva illi huwa minnu illi dina d-difiża ma hijiex waħda minn tal-ewwel li ressqu l-varji intimati, u di fatti kienet eċċezzjoni li qajjmu prinċipalment il-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali, iżda din il-qorti tirrileva illi huwa opportun li l-ewwel tqis u tiddeċiedi tali difiża, *stante* illi għandha rilevanza, eventwalment, fuq id-difiżi l-oħra imqajjma mill-istess intimati.

»355. Jirriżulta illi fit-talba tar-rikorrent, partikolarment it-tieni talba tiegħu, huwa talab lill-qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi illi r-*Related Instruments* jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika illi huwa kien qiegħed jattakka.

»356. Jirriżulta illi r-raġuni għal tali talba hija ċara għal din il-qorti – ir-rikorrent qiegħed jikkontendi illi seħħew varji ksur ta' kundizzjonijiet fir-*Related Instruments*, liema ksur għaldaqstant kellhom jitqiesu bħala ksur tal-konċessjoni enfitewtika mogħtija lis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, bir-riżultat li għalhekk it-talba tiegħu tiġi kkunsidrata u, possibbilment, milqugħa għal dak li jirrigwarda kemm il-konċessjoni enfitewtika, kif ukoll il-varji *Related Instruments*.

»357. Mill-assjem tal-provi kollha, kif riprodotti quddiem dina l-qorti, jidher illii kien hemm tlet '*Related Instruments*', li eventwalment wasslu għall-iffirmar tal-Konċessjoni Emfitewtika, li huma s-segwenti:

»• *Service Concession Agreement* iffirmat fit-30 ta' Novembru 2015;

»• *Health Services Delivery Agreement* iffirmat fit-30 ta' Novembru 2015;

»• *Labour Supply Agreement* iffirmat fit-8 ta' Jannar 2016.

»358. Jirriżulta ukoll illi dawna l-ftehim gew kollha varjati diversi drabi wara illi ġew iffirmati.

»359. Jirriżulta illi l-ewwel ftehim illi ntlaħaq u li ġie ffirmat wara li s-soċjetà *Vitals* ġew magħżula kien is-*Service Concession Agreement* iffirmat fit-30 ta' Novembru 2015, li fl-introduzzjoni tiegħu jgħid dan li ġej:

> »"(4) The Government of Malta recognises that the involvement of an operator in the private sector, of sufficient levels of technical competence, fitness and probity with operational and infra-structural experience and financial soundness, is crucial to fund the necessary developments and operating the healthcare facilities in realising the abovementioned policy objectives.
>
> »"(5) The Government of Malta wants to undertake a substantial capital redevelopment project with the aim of developing existing national healthcare resources and intends to implement such project through the grant of the Concession to the Concessionaire.

»“(6) By granting the Concession the Government of Malta has developed a framework for the development and eventual operation of land, buildings and existing improvements thereon at three specific sites:

»“(i) St Luke’s Hospital [“SLH”];

»“(ii) Karin Grech Rehabilitation Hospital [“KGRH”]; and

»“(iii) Gozo General Hospital [“GGH”]

»“(collectively the “Sites”).

»“(7) The dual policy objectives of the Government of Malta for the redevelopment of the Sites and granting of the Concession are:

»“(i) the redevelopment, maintenance, management and operation of the Sites; and

»“(ii) the supply of Healthcare Services by the Concessionaire to the Government of Malta for the benefit of End-Users; and

»“(iii) the development of the local service offering to be able to target a regional market of prospective end-users on an elective and non-elective basis.

»“(8) The Parties are desirous that this Agreement will, *inter alia*, detail the intended Concession, particulady the re-development and improvement programme which the Concessionaire will undertake on the Sites.

»“(9) This Agreement provides for an organised assumption of day-to-day management and administration of the Sites in the immediate term and for the remainder of the Concession Period.

»“(10) The grant of this Concession requires the Achievement of key Ancillary policy objectives of the Government of Malta including the construction of

»“(i) a medical school to be operated and managed by QMUL[4] Malta; and

»“(ii) a university-level educational institution offering teaching and qualifications in nursing to be operated and managed by an operator which is yet to be identified by the Concessionaire following consultation with the Government of Malta;

»“(iii) to develop and create state of the art research and development facility for the health sector;

»“(iv) to construct and operate a Regional Primary Care Hub (Health Centre) at GGH.

»“(11) This Concession is being granted pursuant to a competitive award process which has identified the Concessionaire as the most suitable candidate to develop and manage the Sites for the purposes of providing the healthcare services identified in recital (7);

---

4 *Queen Mary University of London*

»“(12) This Concession shall be granted for a period of 30 (thirty) years in the manner detailed in this Agreement;

»“(13) The Government of Malta is granting, in the manner provided by and subject to the conditions outlined in this Agreement, [*sc.* to]

»“(i) the Concessionaire rights to exploit the provision of healthcare and ancillary services from the Sites, both to the Government of Malta and third parties;

»“(ii) the AssetCo [5] real rights over the Sites, to be granted in terms of the provisions of, and in full compliance with, the Disposal of Government Land Act and pursuant to a public deed, to enable it to provide the intended services;

»“In consideration for:

»“(i) the obligation to re-develop the Sites;

»“(ii) the payment of ground rent in respect of the Sites;

»“(iii) the obligation tomaintain and invest in the Sites for the duration of the Concession.

»“(14) It is not the purpose of this Agreement, nor is it the intention of the Government of Malta to compensate the Concessionaire for the development and ongoing maintenance of the Sites.

»“(15) During and after the Sites have been re-developed to the standards required by this Agreement, the Concessionaire will be required to provide consistent, reliable and Healthcare Services of the standards required in terms of the Health Services Delivery Agreement.

»“(16) The Government of Malta will, for the duration of the Concession, be acquiring services to complement the existing public healthcare framework.

»“(17) Concurrently with this Agreement, the Government of Malta and the Concessionaire are entering into the Healthcase Services Delivery Agreement and the Labour Supply Agreement and, within the time frame provided in Clause 4, the Government of Malta and the AssetCo will enter into the Emphytetical Deed(s).”

»360. Jirriżulta illi fi klawsola 4 tal-istess *Services Concession Agreement*, hemm ipprovdut illi:

»“As of the Effective Date, the GoM[6] and the AssetCo will enter into the Emphyteutical Deeds whereby GoM is granting to the AssetCo, by title of temporary emphyteusis, the Sites *tale quale* and in their current state and condition for their use by the AssetCo and/or Concessionaire, as may be applicable, for the provision of the Concession Services and the Healthcare Services under the Concession.”

5 *Vitals Global Healthcare Assets Limited* Illum *Steward Malta Assets Limited*

6 *Government of Malta*

»361. Jirriżulta illi permezz ta' *Addendum to Services Concession Agreement* iffirmat fit-30 ta' Ġunju 2017, klawsola 4 inbidlet biex tinqara kif ġej:

> »"The GoM and the AssetCo will enter into the Emphyteutical Deeds whereby GoM will grant to the AssetCo, by title of temporary emphyteusis, the Sites *tale quale* and in their current state and condition for their use by the AssetCo and/ or the ManagementCo[7], as may be applicable, for the provision of the Concession Services and the Healthcare Services under the Concession."

»362. Jirriżulta ċar mid-diċitura tas-*Services Concession Agreement* illi l-iffirmar tal-konċessjoni enfitewtika kien pre-rekwiżit ossija *sine qua non* għall-ftehim kollu, liema ftehim kien jinkludi komplessivament ukoll il-ftehim għas-servizzi tas-saħħa, ossija *Health Services Delivery Agreement*, kif ukoll il-ftehim li jikkontempla l-ħaddiema ingaġġati f'tali proġett, ossija *Labour Supply Agreement* – mingħajr il-koncessjoni enfitewtika, ebda mill-*agreements* fuq imsemmija ma setgħu jiġu implimentati.

»363. Huwa ċar di fatti, mill-ftehim kollu, illi mingħajr il-konċessjoni enfitewtika ma seta' jkun hemm ebda konċessjoni miftiehma mas-soċjetà *Vitals* – il-konċessjoni enfitewtika kienet meqjusa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett kollu intiż mill-Gvern u mogħti lill-*Vitals*.

»364. Għaldaqstant, bl-istess loġika applikata mill-partijiet, it-tliet *Related Instruments* illi saru qabel il-konċessjoni enfitewtika għandhom ta' bilfors jitqiesu bħala parti intrinsika tal-konċessjoni enfitewtka.

»365. Dana qiegħed jingħad peress illi huwa ċar u impliċitu li l-kon-ċessjoni enfitewtika ġiet mogħtija lis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited* unikament in vista tar-*Related Instruments* l-oħra fuq imsemmija. Dana jfisser illi l-konċessjoni enfitewtika ma tistax titqies bħala separata u distinta mill-ftehim l-oħra, kif jinsistu l-Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat, iżda għandu jiġi kkunsidrat u meqjus flimkien mal-kuntratti l-oħra, ossija ir-*Related Instruments* fuq imsemmija.

»366. Hija ovvja li, f'każ li jkun hemm ksur f'wieħed mir-*Related Instruments* li jwassal għat-terminazzjoni tiegħu, dan iwassal sabiex l-assi u drittijiet mogħtija lis-soċjetà *Vitals* illum *Steward* sabiex timplimenta dak minna obbligat li tagħmel fir-*Related Instrument*, ossija l-użu esklussiv permezz ta' kuntratt enfitewtiku ta' proprjetà intiża għall-skopijiet ta' saħħa, għandu jiġi terminat wkoll.

»367. Il-qorti tosserva wkoll illi jidher ċar li l-konċessjoni enfitewtika hija marbuta instrinsikament mar-*Related Inst*ruments, tant illi, fi klawsola 4.3.1 tal-kuntratt enfitewtiku inniffsu, hemm dan li ġej ipprovdut:

> »"4.3.1. The object and purpose of this Emphyteutical Deed is the grant by the Grantor to the Grantee by title of temporary emphyteusis of the Sites *tale quale* in their current state and condition for the purpose of the Grantee procuring the Development Obliations thereone in accordance with the provision of this Deed and for the sole use of the Sites for the provision of healthcare and medical services and ancillary and

[7] *Vitals Global Healthcare Management Limited* illum *Steward Malta Management Limited*

related services, including the services envisaged in the Services Concession Agreement.

»367. Dwar terminazzjoni, il-qorti tosserva illi l-istess konċessjoni enfitewtika tipprovdi f'Klawsola 4.8 illi: :

»"4.8.1. The Grantor may terminate this Emphyteutical Deed upon the occurence of any of the following events:

»"… … …

»"(ii) if at any time the Grantee fails to use the Sites or any part thereof for the purposes stipulated in clause 4.3.1."

»Ikkunsidrat dan kollu, għalhekk, tenut kont tal-fatt li l-konċessjoni enfitewtika kien parti intrin*sika* minn serje ta' ftehim differenti, riferuti bħala *Related Instruments* illi lkoll flimkien kienu jwasslu għall-implimentazzjoni tal-proġett illi l-Gvern esprima x-xewqa li jara lis-soċjetà *Vitals* timplimenta, dak ifisser illi l-kundizzjonijiet u obbligi assunti mill-partijiet, kemm il-Gvern ta' Malta, kif ukoll s-soċjetajiet *Vitals*, fil-varji ftehim li saru, għandhom jitqiesu bħala li jiffurmaw parti integrali mill-konċessjoni enfitewtika temporanja tat-22 ta' Marzu 2016 magħmul fl-atti tan-Nutar Thomas Vella.

»370. Għalhekk, it-tieni talba tar-rikorrent timmerita illi tintlaqa'.

»B. Li r-rikorrent ma għandux interess ġuridiku fil-kawża odjerna peress illi l-azzjoni ma setgħetx tiġi intentata a tenur tal-artikolu 33 tal-Kap 573

»371. L-intimati, lkoll kemm huma, qajmu d-difiża illi r-rikorrent ma kellux l-interess ġuridiku illi jqajjem l-azzjoni odjerna, li huwa għamel abbażi tal-artikolu 33 tal-Kap 573, fejn lkoll saħqu illi kwalsiasi azzjoni illi setgħet tispetta lir-rikorrent, bħala deputat tal-Kamra tar-Rappreżentanti, kienet waħda illi huwa seta' jadopera biss sabiex jattakka t-trasferiment *per se*, f'każ illi xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 31 tal-Kap 573 ma kinux ġew osservati.

»372. L-intimati, di fatti, jinsistu illi r-rikorrent qiegħed jibbaża il-kawża tiegħu, u qiegħed għalhekk jitlob it-tħassir u nullità tal-konċessjoni enfitewtika, abbażi tal-fatt illi kien hemm ksur kontrattwali wara li seħħ it-trasferiment, liema ksur allegat, l-intimati jikkontendu, minnu nnifsu jfisser illi t-trasferiment kien ġà sar u ġie konkluż, u għalhekk ir-rikorrent bħala membru tal-Kamra tad-Deputati jkun tilef id-dritt li jikkontesta tali trasferiment. Huwa għalhekk illi l-intimati jinsistu li t-talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi meqjusa *stante* illi, kif jikkontendu huma, hija bbażata fuq ksur kontrattwali u mhux fuq it-trasferiment *per se*, liema trasferiment huwa regolat skond l-artikolu 31, liema fatt għalhekk ifisser li r-rikorrent ma setax jagħmel l-azzjoni tiegħu odjerna abbażi tal-artikolu 33 tal-Kap 573.

»373. Ir-rikorrent, da parte tiegħu, jisħaq illi, abbażi tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, la darba jiġi stabbilit illi l-bażi tal-għotija tal-kuntratti lis-soċjetà *Vitals* kien ivvizzjat b'qerq u vizzju, dak ifisser illi, bħala deputat tal-poplu, huwa kellu d-dmir u l-obbligu illi jara li l-obbligi assunti kontrattwalment jiġu osservati u, f'każ li dak ma jseħħx, jieħu l-passi opportuni sabiex il-kuntratti relattivi jiġu rexissi.

»374. Saħaq ukoll illi kien obbligu ta' kull min kien involut fit-trasferiment, kif ukoll tal-Avukat Ġenerali, sabiex jitlob għan-nullità tal-kuntratt enfitewtiku, fin-nuqqas ta' liema azzjoni kien jispetta lilu, bħala membru tal-Kamra tad-Deputati, sabiex jagħmel it-talba għad-dikjarazzjoni ta' nullità tat-trasferiment.

»375. Ir-rikorrent jisħaq illi, a tenur tal-klawsola ħmistax (15.1) tas-*Service Concession Agreement*,

> »"15.1 For three years from the Completion Date, the Concessionaire shall not suffer or allow to suffer the transfer, transmission, allotment, assignment or other dispersion sohowever called of its shares or the shares of its subsidiaries without the express prior written consent of the GoM."

»376. Huwa jinsisti illi, la darba l-hekk imsejħa *Completion Date* qatt ma seħħet attwalment minħabba f'inadempjenza tas-soċjetà *Vitals*, għaldaqstant, it-trasferiment tas-sehem tal-kumpannija li bbenefika mill-konċessjoni enfitewtika, ossija *Vitals Global Healthcare Assets Limited* lil *Steward* qatt ma kellha ssir, bir-riżultat illi t-trasferiment li seħħ huwa null u rexindibbli.

»377. Il-qorti qieset bir-reqqa id-dokumentazzjoni kollha eżebita quddiemha u tosserva s-segwenti:

»• is-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, li illum tissejjaħ *Steward Malta Assets Limited*, għandha bħala azzjonista unika tagħha is-soċjetà *Vitals* Global Healthcare Limited, liema soċjetà llum tissejjaħ *Steward Malta Limited*;

»• s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, meta ġiet iffurmata fit-13 ta' Mejju 2015, kellha bħala azzjonista unika tagħha lis-soċjetà *Bluestone Investments Malta Limited*;

»• fid-19 ta' Frar 2018, il-*Malta Business Registry* ġiet mgħarrfa, permezz ta' dokument *Form T* lilha ppreżentata,li fis-16 ta' Frar 2018, 1,140 sehem illi hija kellha fis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* ġew trasferiti lis-soċjetà *Steward Healthcare International Limited* filwaqt illi 60 sehem illi kellha fl-istess soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* ġew traferiti lil Ashok Rattehalli;

»• jirriżulta, għalhekk, illi fis-16 ta' Frar 2018, ossija anqas minn sentejn wara l-iffirmar tal-konċessjoni enfitewtika, l-ishma tas-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited* ġew trasferiti lill-terzi;

»• jirriżulta illi, a tenur tal-ftehim fuq imsemmi, ossija *Services Concession Agreement*, ebda trasferiment ta' ishma, f'kwalsiasi mod, ma seta' jsir mingħajr il-permess bil-miktub tal-Gvern;

»• did-dokumentazzjoni voluminuża ppreżentata lil dina l-qorti waqt il-mori tal-kawża, imkien ma jidher illi kien hemm il-kunsens espress bil-miktub tal-Gvern ta' Malta għal tali trasferiment, u s-soċjetà *Steward* ma ressqet ebda dokumentazzjoni in sostenn mal-asserzjoni tagħha li kellhom l-approvazzjoni tal-Gvern.

»378. Il-qorti tosserva illi huwa ċar li t-trasferiment b'titolu ta' enfitewsi temporanju illi sar lis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited* sar abbażi ta' dak ipprovdut fl-artikolu 31(*g*) (C)(i)(*b*) li jipprovdi li art tista' tiġi trasferita:

> »"jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għall-proġett industrijali wara li l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità kompetenti dwar il-benefiċċju li l-proġett jagħti lill-ekonomija tal-pajjiż u li n-numru ta' impiegi li joħloq huwa adegwat."

»379. Il-qorti tosserva wkoll illi mkien fil-Kap. 573 ma l-azzjoni li membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandu jew għandha a tenur tal-artikolu 33

ma hija soġġetta għal xi perjodu ta' preskrizzjoni sa meta tali azzjoni tista' ssir, u, għalhekk, tali talba tista' ssir fi kwalsiasi ħin, anke wara illi jkun laħaq sar u ġie effettwat it-trasferiment.

»380. Kif ben osserva l-Avukat Ġenerali, iżda, li jrid jiġi stabbilit huwa jekk it-trasferiment illi kien seħħ kienx attwalment bi ksur tal-artiklu 31 jew le. Tali argument, madanakollu, jippresumi, bħala punt ta' tluq, li r-rikorrent, bħala membru tal-Kamra tar-Rappresentanti, għandu dritt illi jitlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt, dritt illi jidher li l-intimati kollha, mill-banda l-oħra, qed jikkontendu li r-rikorrent ma għandux.

»381. Il-qorti, wara li qieset l-argumentazzjoni kollha miġjuba quddiemha mill-intimati, tirrileva illi huwa dmir ta' membru tal-Kamra tad-Deputati illi jipproteġi l-interessi taċ-ċittadin li jkun eleġġieh sabiex jirrappreżentah, u jassikura ruħu li propjetajiet tal-Gvern jingħataw lill-terzi in ottemperanza ta' dak indikat fil-liġi u fl-aħjar interess taċ-ċittadin.

»382. Daqstant huwa dmir ta' partijiet f'kuntratt li jkunu dehru għall-Gvern jew xi entità tiegħu fi trasferiment ta' proprjetà tal-poplu, kif ukoll l-Avukat Ġenerali, li jassikura li dik il-parti li tkun ingħatat proprjetà tal-Gvern u li tkun obbligat ruħha illi tagħmel xi ħaġa in ritorn, attwalment mhux tgħidu biss bil-kliem, iżda tagħmlu bil-fatti wkoll.

»383. Tali obbligi għandhom dejjem jitqiesu bħala parti essenzjali tat-trasferiment minnu nniffsu, u ma jispiċċawx dakinhar li jseħħ it-trasferiment, iżda jibqgħu viġenti tul l-eżistenza kollha tal-konċessjoni illi tkun ingħatat, bir-riżultat illi huma għandhom dejjem ikunu soġġetti għall-iskrutinju tal-partijiet fil-ftehim.

»384. Għaldaqstant, la darba l-obbligi assunti għandhom jitqiesu bħala parti intrinsika mit-trasferment li jkun sar, dak ifisser illi ksur ta' tali obbligi għandu jwassal għal azzjoni korrettiva, jew mhux rexxisorja, liema rikjesta tista' ssir fi kwalsiasi stadju, u mhux biss dakinhar li jkun seħħ it-trasferiment.

»385. Tenut kont ta' dan kollu, il-qorti tqis illi r-rikorrent, bħala membru tal-Kamra tad-Deputati, a tenur tal-artikolu 33, kellu kull dritt, jekk mhux dover, illi jintervjeni u jniedi l-proċeduri fil-każ odjern, u dan *in vista* tan-nuqqas da parte tal-partijiet fil-kuntratt w/jew l-Avukat Ġenerali li jagħmlu dan, sabiex jitlob ir-rexxissjoni tat-trasferiment b'titolu ta' enfitewsi temporanja lis-soċjetà *Vitals*, illum *Steward* u tal-kuntratti miegħu marbutin.

»386. Għaldaqstant, l-eċċezzjonijiet tal-intimati fejn jingħad li r-rikorrent ma kellux interess leġittimu sabiex jagħmel l-azzjoni odjerna ma jimmeritawx illi jiġu akkolti.

»D. Li r-rikorrent ma kienx parti fil-kuntratt li qed jigi attakkat, u għalhekk ma għandux interess ġuridiku jattakkah, u dana abbażi tal-prinċipju *res inter alios acta*

»387. Eċċezzjoni oħra imqajjma mill-intimati, partikolarment is-soċjetà *Steward* u *INDIS Limited*, kienet illi r-rikorrent ma kienx parti fil-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016, u għalhekk ma għandu ebda *locus standi* fil-kawża odjerna u ma għandu ebda dritt li jitlob it-tħassir tal-kuntratt.

»388. L-abbli difensur tas-soċjetà *Steward*, in sostenn ma' tali argument-azzjoni, jagħmel referenza għall-artikolu 992, 999 u 1001 tal-Kap. 16, li jipprovdu dan li ġej:

»“992. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta’ liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

»“(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

»“… … …

»“999. (1) Ħadd ma jista’ b’kuntratt f’ismu jobbliga ruħu jew jik-kuntratta ħlief għalih innifsu.

»“… … …

»“1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta’ ħsara jew ta’ ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.”

»389. Il-qorti, madanakollu, tosserva illi, fil-każ odjern, teżisti ċirkostanza, kif pprovduta wara kollox fl-artikolu 992 (2) tal-Kap. 16 fuq kwotat, ossija dik indikata bħala “jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi”, fejn persuna mhux parti mill-kuntratt jista’ jitlob ir-rexxissjoni tagħha – u każ magħruf fil-liġi huwa dak ta’ membru tal-Kamra tad-Deputati fil-każ ta’ trasferiment, bi kwalsiasi titolu, ta’ art tal-Gvern, ossija taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

»390. Għalhekk, a differenza ta’ dak indikat mis-soċjetà *Steward*, ir-rikor-rent, bħala membru tal-Kamra tad-Deputati elett sabiex jirrappreżenta l-interessi taċ-ċittadin, għandu kull dritt illi jintrometti ruħu f’kuntratti, partikolarment bħal dik fil-każ odjern, fejn proprjetà pubblika tkun tingħata lill-terzi a skop ta’ lukru, u dan sabiex jassikura li l-obbligi assunti a favur tal-Gvern jiġu onorati u, f’każ illi dana ma huwiex il-każ, jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt.

»391. Huwa ċar li, bħal fil-każ odjern, meta proprjetà tal-Gvern, u allura taċ-ċittadin, tingħata lil terzi a tenur tal-artikolu 31 tal-Kap. 573, membru tal-Kamra tad-Deputati, bħala rappreżentant taċ-ċittadin, u għalhekk għan-nom taċ-ċittadin illi lilu tkun ittieħdet proprjetà u tkun ġiet mogħtija lil terzi presumibbilment għall-benefiċċju taċ-ċittadin, għandu kull dritt li jitlob ir-rexxissjoni ta’ kuntratt mogħti bis-saħħa ta’ tali leġislazzjoni, f’każ illi jkun hemm ksur.

»392. Il-qorti hawnhekk tosserva illi, fil-każ odjern, għandna proprjetà li hija tal-Gvern, u li tipprovdi servizz essenzjali lill-pajjiż, ossija dik tas-saħħa, li hija ta’ interess nazzjonali, u għaldaqstant il-qorti tippretendi li ċertament tali trasferimenti għandhom dejjem ikunu taħt l-iskrutinju ta’ kull rappreżentant elett mill-poplu biex jirrappreżentahom, liema rappreżent-ant għandu d-dmir lejn iċ-ċittadin sabiex jassikura li dak mogħti lill-terzi, fil-każ odjern ċarament a skop ta’ lukru, jsir minnu skond kif miftiehem.

»393. Għaldaqstant, tali linja difensjonali ma titqiesx illi tista’ tiġi aċċetata minn dina l-qorti u għalhekk tali argumentazzjoni qed tiġi miċħuda.

»E. … … …

»… … …

»F. Li ma kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet

»408. Il-qorti tibda billi tirrileva illi dina l-kwistjoni hija l-qofol tal-azzjoni kollha odjerna, kif redatta mir-rikorrent fir-rikors promotur – jekk kienx hemm ksur tal-konċessjoni enfitewtika mogħtija lis-soċjetà *Vitals Global Health Assets Limited*.

»Ħsieb wara l-għoti tal-konċessjoni enfitewtika

»409. Jibda biex jingħad illi ġà ġie stabbilit illi l-konċessjoni enfitewtika temporanja mogħtija permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella għandha titqies bħala parti instrinsika minn serje ta' konċessjonijiet varji li ngħataw lis-soċjeta' *Vitals*, illum, *Steward*, u li kellhom bħala għan ewlieni dak deskritt fis-*Services Concession Agreement* iffirmat fit-30 ta' Novembru 2015, ossija:

> »"The Redevelopment, Maintenance, Management and Operation of the sites at St Luke's Hospital, Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital."

»410. Ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-konċessjoni enfitewtika setgħet kienet viabbli u eżistenti biss riżultat tat-tliet *Agreements* illi saru qabel l-iffirmat tiegħu, ossija is-*Services Concession Agreement*, il-*Health Services Delivery Agreement* u l-*Labour Supply Agreement*.

»411. Din il-qorti ma għandha assolutament ebda dubju li, mingħajr l-eżistenza ta' tali tliet ftehim, il-Gvern ta' Malta qatt ma kien jidħol f'konċessjoni emfitewtika bħal dik fejn, in essenza, il-proprjetà ta' tliet sptarijiet ewlenin ġewwa Malta, bħalma huma dawk ta' *St Luke's*, *Karin Grech* u Għawdex, ingħaddiet b'mod kważi assolut lis-soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, bir-riżultat li s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, li sussegwentement bdew jissejjħu *Steward Malta Assets Limited*, setgħu jiddisponu minnhom kif jidhrilhom opportun.

»412. Tinsab ċert ukoll illi l-intenzjoni tal-Gvern ta' Malta ma kinetx biex tgħaddi tali propjetajiet lis-soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, sabiex dawna jagħmlu żvilupp ekonomiku a benefiċċju tal-istess *Vitals*, illum *Steward*, liema ħsieb, mill-banda l-oħra, jidher li seta' kien dak ta' l-azzjonisti ta' dak iż-żmien tas-soċjetà *Vitals* meta ressqu l-interess tagħhom għall-proġett, iżda l-ħsieb tal-Gvern kien illi dawna qegħdin jingħatawlhom unikament sabiex l-istess soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, ikunu jistgħu jimplimentaw dak minnhom imwiegħed fit-tliet *Agreements* illi kienu saru preċendentement għall-iffirmar tal-konċessjoni rnfitewtika.

»413. Dan huwa ukoll rifless fid-diċitura tal-konċessjoni enfitewtika innifisha, fejn jingħad dan li ġej:

> »"Whereas the granting of the emphyteutical concession of the Sites is calculated to lead to the achievement of key ancillary policy objectives of the Government of Malta including but not limited to:-
>
> »A. the construction of:
>
> > »"i) a medical school; and
> >
> > »"ii) teaching facilities following consultation with the Government of Malta;
>
> »"B. the development and creation of state of the art research and development facilities for the healthcare sector and of a medical campus in Malta and Gozo;
>
> »"C. the construction and operation of a Regional Primary Care Hub (Health Centre) at Gozo General Hospital;
>
> »"D. the redevelopment of Gozo General Hospital;
>
> »"E. the creation of a medical campus in Malta and Gozo; and
>
> »"F. the refurbishment and upgrading of St Luke's Hospital and Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital;

»"Whereas the Grantor and the Grantee have mutually agreed to proceed with the devolution of the Sites described hereunder unto the Grantee by title of temporary emphyteusis and are thus appearing hereon for this said purpose;

»"Whereas the Grantor is desirous to dispose of the Sites in accordance with the Disposal of Government Land Act (Cap. 268 of the Laws of Malta)."

»414. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited* kienet obbligat ruħha għas-segwenti:

»"4.5.2.3 The Grantee shall undertake or shall procure that development and construction works and maintenance of the Sites are undertaken and carried out by the Concessionaire for the purpose of discharging the Development Obligations and maintenance obligations relative to the Sites.

»"4.5.2.4 In addition the Grantee shall undertake the Development Obligations in line with the relative Malta Environment and Planning Authority permits and that all the said works and improvements forming part of the Development Obligations are executed according to the provisions of all building laws and regulations and in conformity with all health and safety regulations and practices. Save as provided for in this Emphyteutical Deed and the Related Instruments, all such works and improvements shall be deemed to accede to the immovable property without any right on the part of the Grantee to claim or demand at any time any refund or compensation from the Grantor for such works and improvements.

»"4.5.2.5 The Grantee binds itself to procure the execution of the development works after having obtained all the necessary building permits from the competent authorities in terms of Applicable Law. The Grantee guarantees that all such works shall be in accordance with all the approved building permits and plans and in conformity with all existing building laws and regulations and shall be executed under the direction and supervision of a qualified architect and civil engineer chosen by the Grantee and/or the Concessionaire, as may be applicable.

»415. Fid-definizjonijiet stabbiliti fi klawsola 1.1, *Development Obligations* ġew definiti kif ġej:

»"The obligations of the Grantee or the Concessionaire, including the obligation of the Grantee to procure the fulfilment of the Concessionaire's obligations as undertaken in the Services Concession Agreement to redevelop the Sites in accordance with the terms thereof."

»416. Dwar *Concessionaire*, l-istess definizzjonijiet jindikawhom bħala s-soċjetà intimati *Vitals Global Healthcare Management Li*mited u *Vitals Global Healthcare Limited*.

»417. Għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju li, f'każ illi hemm ksur ta' xi waħda mill-*Agreements* fuq imsemmija, dak ikun ifisser ukoll illi hemm ksur ukoll fil-konċessjoni enfitewtika, li għandha l-eżistenza tagħha intrinsikament konnessa ma' tali *Agreement*, u *vice-versa*.

»*Concession milestones*

»418. Jirriżulta illi fis-Sitt Skeda fi ħdan is-*Services Concession Agreement*, intitolata *Concession Milestones*, illi kienu ġew deliberatament moħbija meta tali kuntratti ġew ippreżentati lill-Kamra tad-Deputati fid-19 ta' Ottubru 2016, hemm indikat is-segwenti obbligi assunti mit-tliet soċjetajiet *Vitals*, illum *Steward*, u dawna kienu li ġej:

| | |
|---|---|
| »"Completion Milestones | |
| »"1. Handover Plan: | 120 days from Commencement Date |
| »"2. Design Plans: | 90 days from Effective Date |
| »"3. Barts College in Gozo Campus: | July 15th 2017 |
| »"4. 50 Additional beds for KGRH at SLH: | January 1st 2017 |
| »"5. 80 Rehabilitation Beds for SLH: | September 30th 2017 |
| »"6. Completion of New Build at GGH: | May 31st 2018 |
| »"7. Completion of Renovation of GGH: | September 30th 2018 |
| »"8. Completion, of SLH Tourism Beds: | December 31st 2018 |

»419. Jirriżulta ċar, mill-assjem tal-provi …, illi ebda minn dawna l-*Completion Milestones* ma ġew osservati mis-soċjetajiet *Vitals*, illum *Steward*.

»420. Jirriżulta, madanakollu, illi l-introduzzjoni tal-*Completion Milestones* fil-ftehim fuq imsemmi kien soġġett għall-kundizzjoni li, kif sussegwentement emendati fit-30 ta' Ġunju 2017, spiċċaw rendewhom virtwalment ineffettivi, jekk mhux daħqa fil-wiċċ.

»421. Jirriżulta, di fatti, li fil-ftehim oriġinali, fi klawsola 16.1.2, din ukoll moħbija mill-Kamra tad-Deputati, hemm pprovdut li:

> »"The Concession Milestones shall be subject to the licences, the Other Licenses and any other permits or licenses whatsoever required by the Concessionaire to fulfil its obligations in terms of this Agreement being obtained
>
> »"• for SLH and KGRH by the 15th February 2016;
>
> »"• for GGH by the 30th May 2016.
>
> »"In the event that the Licences, the Other Licenses and any other permits or licenses whatsoever required by the Concessionaire to fulfil its obligations in terms of this Agreement are not obtained by the said dates, the Concessionaire shall not be deemed to be in default of the Concession Milestones, the penalties contemplated in Schedule 6 shall not apply and the Parties shall endeavour to agree on a fresh set of concession milestones.

»422. Tali dritt, madanakollu, ma kienx suffiċjenti għas-soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, u minkejja li ġie ammess u aċċettat minn kullħadd, salv l-intimati *Steward*, illi l-*milestones* fuq imsemmija ma ġewx onorati fiż-żmien oriġinalment stabbilit, il-Gvern ta' Malta, hekk kif deher ċar li s-soċjetà *Vitals* kienet qiegħda tikser l-ftehim, flok ma għadda biex iħassar il-ftehim fuq nuqqas ta' adempjiment tal-obbligi kuntrattwali assunti mis-soċjetà *Vitals* u għalhekk jieħu lura pussess tal-proprjetajiet sabiex

jiżviluppa l-istess b'mod ieħor, fit-30 ta' Ġunju 2017, inkredibbilment issokkomba u aċċetta tibdil fil-ftehim illi issa kien jipprovdi dan li ġej:

> »"Provided that the Concessionaire shall by not later than thirty-six (36) months from the issuance of any relative construction permit complete the works covered by the said construction permit and in the event that the Concessionaire is unable to conclude the relevant works by the lapse of thirty-six (36) months the Concessionaire shall be automatically, without any further action of GoM, be granted a further extension of eighteen (18) months from the lapse of the thirty-six (36) months.

»423. Jiġifieri, permezz ta' tali ftehim, il-Gvern ikkonċeda lis-soċjetajiet *Vitals* tliet snin oħra, li kienu imbagħad awtomatikament estendibbli għal sena u nofs oħra, jiġifieri erba' snin u nofs b'kollox, ossija sa l-aħħar tas-sena 2022, sabiex jagħmlu x-xogħolijiet li kellhom jagħmlu.

»424. Jidher, madanakollu, illi anke tali estensjoni ma kinetx suffiċjenti għal *Steward* biex jagħmlu dak li kellhom jagħmlu!

»425. Filwaqt li l-qorti tifhem illi tali estensjonijiet ma ġewx onorati mis-soċjetà *Vitals* kif ukoll *Steward*, peress illi issa ninsabu fis-sena 2023 u ħafna mix-xogħlijiet li kellhom isiru għadhom ma sarux, il-qorti tistqarr illi hija tassew imħassba mid-deċiżjoni meħuda minn rappreżentanti tal-Gvern ta' Malta fit-30 ta' Ġunju 2017. Il-kosternazzjoni u tħassib ta' dina l-qorti hija dovuta għal fatt illi, filwaqt li f'dak iż-żmien, il-Ministru tas-Saħħa Mr Chris Fearne kien qiegħed jesprimi d-disappunt tiegħu għan-nuqqasijiet serji fl-adempjiment tal-obbligi kuntrattwali tas-soċjetà *Vitals*, kif *del resto* l-istess Mr Fearne stqarr quddiem dina l-qorti bil-ġurament, Dr Konrad Mizzi, li mill-banda l-oħra, minkejja li ma kienx għadu Ministru tas-Saħħa, għal raġunijiet burokratiċi u oħrajn li ċertament ma għandhom ebda loġika u trasparenza u ħadd ma ta spjegazzjoni loġika għaliha, huwa kien għadu firmatarju għall-Gvern mas-soċjetajiet *Vitals*, ikkonċeda lis-soċjetajiet *Vitals* tliet snin oħra, awtomatikament estentibbli għal sena u nofs oħra, jiġifieri erba' snin u nofs b'kollox, ossija sa l-aħħar tas-sena 2022, biex jagħmlu dak illi huma kienu obbligaw ruħhom li jagħmlu li kellhom jagħmlu sa mhux aktar minn l-aħħar ta' Settembru 2018.

»426. Din il-qorti tirrileva li, għalkemm inizjalment Dr Konrad Mizzi għażel illi jixhed u jispjega l-fatti kif seħħew skond hu, fi stadju ulterjuri, hekk kif ħarġu dawn il-fatti fuq imsemmija quddiem dina l-qorti għażel li ma jixhidx aktar, u għalhekk ma offra ebda spjegazzjoni għal tali deċiżjoni li ċertament timmerita li tigi ġustifikata b'xi mod.

»427. Din il-qorti tirrileva wkoll illi l-għażla ta' Dr Konrad Mizzi li ma jixhidx seħħet wara li huwa kien irriżenja minn ministru tal-Gvern fis-26 ta' Novembru 2019, liema riżenja, fi kliem Mr Fearne, seħħet dahinkar illi fil-Kabinett kien ser jiġi diskuss ilment uffiċjali li l-istess Mr Fearne kien għamel kontra l-istess Dr Mizzi dwar deċiżjonijiet u ftehim magħmula minn Dr Mizzi minn wara dahar Dr Fearne, liema deċiżjonijiet u ftehim kienu qed jiġu konklużi minkejja l-oġġezzjonijiet u t-tħassib serju tiegħu.

»428. Il-qorti tifhem illi tali ftehim tat-30 ta' Ġunju 2017, bħal ftehim oħrajn li din il-qorti jkollha l-opportunità ssemmi aktar 'il quddiem, ma jagħmlu ebda sens loġiku u jsaħħu bi kbir l-argumentazzjoni u tħassib serju espress mill-Awditur Ġenerali fir-rapporti minnu redatti f'Lulju 2020 u Diċembru 2021 dwar ir-raġġiri u manuvri li seħħew qabel l-għoti tal-kuntratt inizjalment lis-soċjetà *Vitals*, liema tħassib dina l-qorti kellha l-opportunità illi ġà tirreferi għalihom fis-sentenza odjerna aktar 'il fuq, u li

hija stess tabbraċċja u tagħmel bħala tagħha, kif ser jingħad aktar 'il quddiem.

Xogħlijiet illi għamlu s-soċjetà *Vitals* u sussegwentement is-soċjetà *Steward*

»429. Il-qorti tosserva illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jisħaq li l-konċessjoni enfitewtika mogħtija lis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited* kif ukoll il-kuntratti relattivi ffirmati u indikati bħala *Related Instruments* għandhom jiġu annullati u rexissi peress illi l-*completion milestones* stabbiliti fil-ftehim oriġinali ma' ġewx onorati mis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, kemm meta kienet proprjetà tas-soċjetà *Bluestone Investments Malta Limited*, kif ukoll meta eventwalment saret proprjetà tas-soċjeta' *Steward Malta Investments Limited*.

»430. Għal dan il-għan, ir-rikorrent tella varji xhieda sabiex jikkonfermaw illi x-xogħol li wegħdu li ser jagħmlu s-soċjetà *Vitals* attwalment ma kienx sar, fejn xehdu nies bħal Dr Martin Balzan, president tal-*Medical Association of Malta*, li stqarr illi minn dak li kien imwiegħed minn *Vitals* ma kien sar kważi xejn, filwaqt illi l-Gvern baqa' jħallas ferm aktar minn dovut lill-istess soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, mingħajr ma jingħata dak lilu dovut.

»431. L-istess Ministru tas-Saħħa, Mr Chris Fearne, stqarr illi kien biss wara l-involviment personali tiegħu fil-kwistjoni ġenerali, liema involviment preċedentement kien prekluż milli jagħmel *in vista* tal-involviment esklussiv ta' Dr Konrad Mizzi, li xi affarjiet bdew isiru ġewwa l-Isptar t'Għawdex, fejn l-Iskola Medika, li kellha tinfetaħ sal-1 ta' Lulju 2017, attwalment kienet infetħet erba' snin wara, ossija ftit qabel ma xehed quddiem dina l-qorti fl-1 ta' Marzu 2021. Aċċetta wkoll illi, madanakollu, fejn jirrigwarda l-Isptar ta' San Luqa u l-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech, ħafna mix-xogħol u servizzi illi kienu ġew imwiegħda kienu għadhom ma seħħewx.

»432. Saħansitra l-intimat Dr Joseph Muscat stess ikkonċeda illi mhux dak kollu li kien imwiegħed attwalment kien sar.

»433. Kien għalhekk illi din l-qorti kienet tistenna, mingħand is-soċjetà *Steward*, illi tressaq quddiem dina l-qorti provi dettaljati u skjaċċanti biex juru illi sar l-investiment kollu illi kienet intrabtet illi tagħmel, u dana anke in linja ma' asserzjonijiet minnha magħmula li kienet għamlet b'madwar sittin miljun euro (€60,000,000) f'xogħlijiet u investimenti li sar in ottemperanza ma' dak miftiehem minnha u mill-preċedessuri tagħha mal-Gvern ta' Malta, u għalhekk l-obbligi tagħha kienu kollha onorati minnha.

»434. Madanakollu, b'sorpriża kbira għal dina l-qorti, l-unika prova illi ressqu s-soċjetà *Steward* quddiem dina l-qorti kienet *affidavit* ta' paġna tal-Ingineer James Grima, *Director of Facilities Management* fi ħdan it-tliet sptarijiet operati minn *Steward*, ma' liema *affidavit* eżebixxa sitta u sebgħin paġna b'ritratti ta' proġetti allegatament minnhom magħmula in ottemperanza ma' dak minnhom obbligat li jagħmlu.

»435. Tali rapport fotografiku jibda minn ritratti ta' *helicopter* ġdid illi allegatament inxtara fis-sena 2016, sa *refurbishment* tal-kamra tal-banju tat-*telephone operator* fi ħdan l-Isptar ta' Għawdex, bid-dettalji taċ-ċeramika kollha minnhom installati.

»436. Ebda indikazzjoni ma ngħatat dwar spejjeż minnhom inkorsi sa issa, u, aktar u aktar, ebda indikazzjoni ma ngħatat dwar xi proġetti u

xogħlijiet oħra li huma ppjanati sabiex isiru biex dak li huma obbligati jagħmlu, u li għadhom ma għamlux sa issa, attwalment isir.

»437. Din il-qorti tistqarr illi hija tassew perplessa bil-faqar tal-provi illi s-soċjetà *Steward* ressqu quddiem dina l-qorti, liema faqar probabbilment jirrifletti l-faqar ta' investiment, proġetti u ippjanar fil-futur illi l-istess *Steward* għandha ppjanat**.**

»438. Din il-qorti tosserva illi, skond il-ftehim oriġinali, qabel ma ġie mibdul bi ftehim varji li għalihom issokkomba il-ministru ta' dak iż-żmien Dr Konrad Mizzi, sa Jannar ta' sitt snin ilu, jiġifieri tas-sena 2017, ġewwa l-Isptar San Luqa u l-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech, kellhom jiżdiedu ħamsin (50) sodda oħra għall-pazjenti – ma nġiebet ebda prova da parte tas-soċjetà *Steward* illi tali sodod ġodda ġew introdotti, u għal-hekk il-qorti tifhem illi tali sodod għadhom ma ġewx introdotti sal-ġurnata tallum.

»439. Din il-qorti tosserva illi, skond il-ftehim oriġinali, sal-aħħar ta' Settembru ta' sitt snin ilu, jiġifieri tas-sena 2017, ġewwa l-Isptar San Luqa, kellhom jiżdiedu tmenin (80) sodda ta' riabilitazzjoni oħra għall-pazjenti – ma nġiebet ebda prova da parte tas-soċjetà *Steward* illi tali sodod ġodda ġew introdotti, u għalhekk il-qorti tifhem illi tali sodod għadhom ma ġewx introdotti sal-ġurnata tallum.

»440. Din il-qorti tosserva illi, skond il-ftehim oriġinali, sal-aħħar ta' Mejju ta' ħames snin ilu, jiġifieri tas-sena 2018, ġewwa l-Isptar ta' Għawdex kellu jinbena bini ġdid ġewwa l-istess sptar. Filwaqt illi jidher illi saru xi xogħlijiet ġewwa l-Isptar t'Għawdex, din il-qorti ma għandha ebda indikazzjoni illi x-xogħolijiet illi oriġinalment kienet obbligat ruħha li tagħmel is-soċjetà *V0itals*, illum *Steward*, attwalment kollha saru, u għalhekk il-qorti tifhem illi x-xogħol ta' bini ġdid ġewwa l-Isptar ta' Għawdex għadu ma tlestiex sal-ġurnata tallum.

»441. Din il-qorti tosserva illi, skond il-ftehim oriġinali, sal-aħħar ta' Settembru ta' ħames snin ilu, jiġifieri tas-sena 2018, ġewwa l-Isptar ta' Għawdex kellu jitlesta r-renovazzjoni kollu ġewwa l-istess sptar. Għal darba oħra, filwaqt illi jidher illi saru xi xogħlijiet ta' rinovazzjoni ġewwa l-Isptar t'Għawdex, inkluż fit-*toilets* tat-*telephone operator*, din il-qorti ma għandha ebda indikazzjoni illi r-renovazzjoni kollha illi oriġinalment kienet obbligat ruħha li tagħmel is-soċjetà *Vitals*, illum *Steward*, attwalment saru, u għalhekk il-qorti tifhem illi x-xogħol ta' renovazzjoni ġewwa l-Isptar ta' Għawdex għadu ma tlestiex sal-ġurnata tallum.

»442. Din il-qorti tosserva, finalment, illi, skond il-ftehim oriġinali, sal-aħħar ta' Diċembru ta' ħames snin ilu, jiġifieri tas-sena 2018, ġewwa l-Isptar ta' San Luqa kellu jitlesta' l-proġett ta' implimentazzjoni ta' hekk imsejjħa *tourism beds* ġewwa l-istess sptar. Tul il-provi kollha ppreżentati, irriżulta ċar li tali proġett qatt ma beda jiġi kkunsidrat u qatt ma sar xejn dwaru, la mis-soċjetajiet *Vitals*, meta kienu proprjetà ta' *Bluestone*, u wisq anqas meta saru propjeta' ta' *Steward*. Deher ukoll car illi tali progett kien gie totalment *shelved*, tant illi s-soċjetà *Steward* ma ressqet ebda tip ta' prova in sostenn dwar jekk attwalment tali proġett ta' *tourism beds* attwalment ġiex implimentat jew jekk qiegħed jiġi implimentat jew, addirittura, jekk hemmx il-ħsieb illi jiġi implimentat. Għalhekk il-qorti tifhem illi tali *milestone* ma hija ser tiġi milħuqa qatt.

»443. In-nuqqas lampanti tas-soċjetajiet *Steward* illi jipprovaw jiġġustifikaw l-posizzjoni tagħhom u jiddefendu l-insistenza tagħhom illi ma kien

hemm ebda ksur da parte tagħhom għal dak minnhom obbligat li jagħmlu, iwassal lill-qorti sabiex tiddubita bi kbir il-*buona fede* tas-soċjetà *Steward* illi tonora l-ftehim u l-obbligi fuqha imposti u minnha assunti liberament fil-mument illi akkwistat l-ishma tas-soċjetajiet *Vitals* fis-16 ta' Frar 2018, kif ukoll tqajjem dubji serji dwar l-onesta u l-*buona fede* tal-istess *Steward* meta dawna għamlu l-ftehim tas-27 ta' Awissu 2019 fejn obbligat il-Gvern illi jħallasha penali ta' mitt miljun Euro (€100,000,000) f'każ illi dina l-qorti, kif komposta, tiddikjara il-kuntratti li kienu ingħataw lis-soċjetà *Vitals*, u li hija naqset milli tonora, bħala nulli.

»444. Tali dubju, din il-qorti tosserva, kellu jitqajjem ukoll minn kull min kien involut sabiex iħares id-drittijiet tal-Gvern ta' Malta u li kien oriġinalment imdaħħal f'tali ftehim, u dana jinkludi wkoll lill-Dr Konrad Mizzi, kemm sa meta kien Ministru tal-Energija, Saħħa u Proġetti meta ġew iffirmati l-ftehim oriġinali, u aktar u aktar meta, minkejja li ma kienx għadu Ministru tas-Saħħa, iffirma varji ftehimi oħrajn li emendaw l-ftehim oriġinali, u xjentement irrevoka u naqqas drittijiet illi kellu l-Gvern, liema tibdiliet saru biss a benefiċċju tas-soċjetà *Vitals* kif ukoll *Steward*, u ċerta-ment mhux a benefiċċju tal-Gvern u ċ-ċittadin li kellu, finalment, jibbene-fika mill-proġetti fdati lis-soċjetà *Steward* u li ma ġewx minnhom espletati.

»445. Tali dubji u tħassib da parte ta' dina l-qorti jwassluwha sabiex tqis u tikkunsidra l-aħħar argumentazzjoni mqajjma mir-rikorrent, ossija *fraus omnia corrumpit*.

»*Fraus omnia corrumpit*

»446. Il-qorti tirrileva, l-ewwel u qabel kollox, li l-intimati, fis-sottomiss-jonijiet tagħhom, jikkontendu illi tali argumentazzjoni u rikjesta saret unikament fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent u ma hijiex kkunsidrata fir-rikors promotur tar-rikorrenti, u għalhekk, la darba mhux imsemmija espressament fir-rikors promotur, ma għandhiex titqies minn dina l-qorti.

»447. Il-qorti, madanakollu, tosserva illi huwa ċar, mid-diċitura tar-rikors promotur, li għalkemm il-frażi *fraus omnia corrumpit* ma saritx referenza diretta għaliha, l-argumentazzjoni u l-premessi mqajjma mir-rikorrent u t-talbiet kollha illi huwa eventwalment għamel huma lkoll ibbażati fuq il-fatt illi huwa kien qiegħed jallega illi seħħet frodi fl-għoti tal-kuntratt lis-soċjetà *Vitals* u li għalhekk tali kuntratti kellhom jiġu annullati u rexissi.

»448. Ikkunsidrat dan il-punt, il-qorti tqis illi huwa għalhekk opportun illi tqis tali punt imqajjem mir-rikorrent, ossija jekk il-kuntratti humiex milquta bl-element ta' frodi jew le.

»449. Il-qorti tqis illi, qabel ma tinoltra ruħha aktar f'dana l-aspett tal-każ odjern, ikun opportun illi ssir referenza għal ġurisprudenza nostrana, kif żviluppata tul is-snin, dwar il-prinċipju tal-frodi, sabiex kwalsiasi konsiderazzjoni illi dina l-qorti għandha tagħmel isir fl-ambitu tat-tagħlim tal-qrati tagħna.

»… … …

»452. Jidher, għalhekk, illi sabiex jirriżulta illi hemm l-element tal-*fraus* ossija frode, kif indikat mir-rikorrent, dana irid jirriżulta mill-aġir u azzjoni meħuda mill-persuna li kkontrattat għal gwadann, fil-każ odjern is-soċjetà *Vitals*, u jrid jintwera illi kienet ir-raġuni prinċipali illi wasslet għall-ottjeniment ta' dak minnha mixtieq bi ħsara lill-kontro parti – fil-każ odjern, il-konċessjoni enfitewtika għal tliet sptarijiet ġewwa Malta għal perjodu ta'

tletin sena rinnovabbli unikament da parte tagħha stess għal perjodu massimu ta' disgħin sena, kif ukoll il-ftehim kollha relatati.

»453. Din il-qorti tibda billi tosserva illi, mill-assjem tal-provi u fatti kif prodotti, l-element tal-*fraus* ossija frodi, kif ukoll *mala fede* da parte tas-soċjetà *Vitals* kif ukoll *Steward* sussegwentement jista' jirriżulta fi tliet stadji tal-proċess kollu, ossija kemm dak li seħħ qabel l-għoti tal-kuntratt lis-soċjetà *Vitals*, kemm ukoll dak li seħħ wara l-għoti tal-istess kuntratt, u saħansitra fl-istadju meta s-soċjetà *Steward* daħlet fiż-żarbun tas-soċjetà *Vitals* u assumiet l-obbligi kuntrattwali tal-*Vitals*.

«Aġir frawdolenti li wassal għall-għoti tal-kuntratt lis-soċjetà *Vitals*

»454. Il-qorti tqis illi, qabel ma tgħaddi biex tagħmel l-konsiderazzjonijiet tagħha, ikun ġust u opportun illi tagħmel referenza ampja għat-*timeline of key developments'* redatta abbilment u f'mod skematiku mill-Awditur Ġenerali fit-tieni rapport ferm dettaljat tiegħu, ossija dak ippubblikat f'Diċembru 2021, intitolat *Part 2 | A review of the contractual framework (abridged),* fejn minn paġna 8 sa paġna 15 tal-istess rapport jagħti *time-line*' dettaljata u ben deskritta tal-andament kollu tal-proċess tal-kuntratt odjern.

»455. Il-qorti tqis illi huwa ta' importanza kbira li tirriproduċiha *in toto* għall-kompletezza ta' tali atti, bil-għan illi tingħata stampa ċara li biha ser twassal il-qorti tagħmel il-konklużjonijiet tagħha, u dana abbażi ta' kon-siderazzjonijiet u studji magħmula mill-Awditur Ġenerali, liema Awditur Ġenerali għamel osservazzjonijiet ben eruditi u maħsuba, li dina l-qorti ma għandha ebda diffikulta illi tagħmel bħala tagħha wkoll.

»"January 2014 A medical brief for the national rehabilitation centre, outlining the envisaged development and expansion of facilities and services, was drawn up.

»"February 2014 A Memorandum of Understanding (MoU) was signed between the Government and the Queen Mary University of London (QMUL) regarding the development of the GGH as a teaching hospital.

»"3 March 2014 A memorandum to Cabinet regarding the Gozo Health Campus, outlining the envisaged development and expansion of facilities and services, was presented by the then Minister for Health, the Hon. Godfrey Farrugia.

»"2 April 2014 The Hon. Konrad Mizzi was appointed Minister for Energy and Health, while the Hon. Chris Fearne was appointed Parliamentary Secretary for Health.

»"10 October 2014 An MoU was signed between the Government and the developers and operators of the proposed project, the majority of whom would later constitute the VGH. The MoU outlined the investors' interest in the setting up of a Gozo Medical Complex.

»"9 December 2014 *Bluestone Investments Malta* Ltd was registered in Malta and was solely owned by the British Virgin Islands-registered company, *Bluestone Special Situations 4 Ltd*.

»"6 January 2015 A letter of engagement was submitted by *RSM Malta Consulting Ltd*, appointed by Government to assist in the negotiation process.

»"25 February 2015 An agreement was entered into between QMUL Malta, the QMUL, Malta Enterprise, the Ministry for the Economy and

Industry, the Ministry for Energy and Health (MEH) and the Ministry for Education and Employment for the establishment and operation of the Barts and the London School of Medicine and Dentistry in Malta.

»“27 March 2015 Government published a Request for Proposals (RfP) for the granting of a services concession for the redevelopment, maintenance, management, and operation of the SLH, the GGH and the KGRH.

»“27 March 2015 Ram Tumuluri was appointed director and legal and judicial representative of *Bluestone Investments Malta Ltd*.

»“10 April 2015 The first meeting of the Steering Committee, which Committee was to provide strategic direction to the project, was held. Among other items discussed were the various work streams. These were identified as legal/financial, lands, stakeholder and communications management, technical, permitting and RfP-related. The latter comprised the set-up of various subcommittees, including the Negotiation Committee.

»“23 April 2015 The second meeting of the Steering Committee was held, during which several of the points raised during the first meeting were discussed.

»“1 May 2015 A letter of engagement was submitted by *BEAT Ltd*, appointed by Government to assist in the negotiation process.

»“11 May 2015 Terms of reference for the various work streams were drafted.

»“12 May 2015 *Bluestone Investments Malta L*td entered into an agreement with Ashok Rattehalli, previously mentioned as one of the investors who had signed the MoU with the Government, entitling him to five per cent of the shares of the VGH on the day of its entry into the concession agreement.

»“13 May 2015 *VGH Ltd*, whose directors and legal and judicial representatives were Mark Edward Pawley and Ram Tumuluri, was registered. *VGH Ltd* fully owned three other companies, that is, *VGH Management Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Resources Ltd*.

»“14 May 2015 The third meeting of the Steering Committee was held.

»“18 May 2015 *VGH Management Ltd* and *VGH Assets Ltd* were registered. Mark Edward Pawley and Ram Tumuluri were the directors and legal and judicial representatives of the companies.

»“19 May 2015 Closing date for the submission of bids, by which date bids by the *VGH*, *Image Hospitals Ltd* and *BSP Investments Ltd* were received.

»“22 May 2015 *Projects Malta Ltd* informed the chief executive officer (CEO) KGRH of his required participation in the service level definition team and in the contract drafting and negotiation team.

»“10 June 2015 The fourth meeting of the Steering Committee was held, during which a minute presented by the CEO *BEAT Ltd* regarding the appointment of the Negotiation Committee was approved. The Negotiation Committee’s terms of reference were set and its members were to be the CEO *BEAT Ltd* (acting as Chair), a Partner from *RSM*, the CEO of *Malta Enterprise* and the managing partner at *Mifsud Bonnici Advocates*.

»"19 June 2015 The Evaluation Committee concluded its assessment of the bids submitted in reply to the RfP issued by *Projects Malta Ltd* for the redevelopment, maintenance, management, and operation of the SLH, KGRH and GGH, recommending the VGH as the preferred bidder.

»"21 June 2015 The Minister for Energy and Health submitted a memorandum to Cabinet titled *Healthcare Services Concession,* wherein ministers were requested to approve the award of preferred bidder status to the *VGH* and the commencement of negotiations with the company.

»"23 June 2015 Cabinet approved the memorandum put forward by the Minister for Energy and Health.

»"27 June 2015 *Projects Malta Ltd* informed the *VGH* that it was designated the highest-ranking bidder.

»"10 July 2015 The fifth meeting of the Steering Committee was held. The main elements for negotiation with the *VGH*, as indicated in a paper presented by the CEO *BEAT Ltd*, were discussed. Key elements identified in this respect comprised the ownership and corporate structure, the concession agreement, financing, the joint monitoring board, ground rent, the health services delivery agreement, quality standards, medical tourism and termination.

»"22 July 2015 The chair Negotiation Committee informed the other stakeholders involved in negotiations and contract drafting that instructions had been received to conclude negotiations by 10 August 2015.

»"29 July 2015 The sixth meeting of the Steering Committee was held. The focus of this meeting was the concession agreement which, at the time, was being revised with the *VGH*, resulting in the emergence of several points of discussion.

»"25 August 2015 Draft copies of the Services Concession Agreement (SCA) were submitted to the Attorney General's Office.

»"31 August 2015 The seventh meeting of the Steering Committee was held. Updates relating to ongoing actions, primarily concerning the relocation of the National Blood Bank Unit, site preparation and the concession agreement, were provided. Of note was an action item attributed to the CEO *BEAT Ltd* and the *RSM* partner, who were to share the governance structure being proposed, and the respective terms of reference with the PS MEH-Health for review.

»"9 September 2015 Following negotiations, *Projects Malta Ltd* notified the *VGH* of Government's intention to award it the services concession for the redevelopment, maintenance, management and operation of the sites at the SLH, the KGRH and the GGH.

»"13 October 2015 The Minister for Energy and Health provided Cabinet with an update on the public-private partnership (PPP) for the Sites. According to the minister, the concession agreement, the healthcare services agreement, the agreement regulating labour supply and the emphyteutical deed were finalised. Another agreement dealing with the financial aspects of the concession was yet to be concluded.

»"14 October 2015 The eighth meeting of the Steering Committee was held. Discussions focused on ongoing actions mainly relating to site preparation and updates relating to the negotiation process. This was the last meeting for which records were provided to the NAO. It remained

unclear to this office whether the Steering Committee continued to operate beyond this date.

»“27 October 2015 Cabinet again discussed the PPP. The Minister for Energy and Health indicated that the main contracts that were to regulate the PPP had been negotiated. These included the concession agreement, the emphyteutical deed, as well as direct and collateral contracts governing the obligations of the parties in cases of default. It was agreed that the Minister was to sign these contracts with the *VGH*.

»“30 November 2015 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into the SCA. The SCA provided a framework for the concession granted by government to the *VGH* for the redevelopment and improvement of the SLH, the GGH and the KGRH.

»“30 November 2015 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into the Health Services Delivery Agreement (HSDA). The agreement regulated the terms and conditions of the purchase by the government and the supply by *VGH Management Ltd* of health-care/clinical and ancillary non-clinical services.

»“7 December 2015 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into the first *Addendum* to the HSDA. Through this *Addendum*, the government agreed to take up 100 additional beds.

»“7 December 2015 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Management L*td, represented by Ram Tumuluri, entered into the second *Addendum* to the HSDA. Through this *Addendum*, several changes were made to the services, activities and operations that were to be carried out by the *VGH* as part of the concession.

“»7 December 2015 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into an agreement regarding a possible additional concession fee payable to the government by *VGH Management Ltd*. The fee was not to exceed €2,800,000. Noted in the agreement was that the government was to refund the paid additional fee to *VGH Management Ltd*.

»“15 December 2015 A letter of engagement was submitted by *Mifsud Bonnici Advocates* in relation to its role of assisting government in negotiations. The date of this letter followed the conclusion of the negotiation proċess.

»“8 January 2016 The government, represented by the Minister for Energy and Health, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into the Labour Supply Agreement (LSA). The LSA allowed for the supply of government’s employees to *VGH Management Ltd* for the latter to meet the terms of the transaction agreements.

»“17 February 2016 The *VGH Ltd* and the *VGH Management Ltd* entered into an agreement with the engineering, procurement and construction (EPC) contractor *Shapoorji Pallonji Mideast LLC*. *Shapoorji* was to provide, furnish, or install all labour, materials, plant and equipment, temporary works, supervisory and other staff, inspection, utilities, supplies, consumable and all other items required for the

construction of the SLH, the KGRH and the GGH, and was also to construct the project at these sites.

»"2 March 2016 *VGH Ltd* provided the government with a performance guarantee in accordance with the terms of the SCA. The guarantee presented was issued by *Deutsche Bank AG*, London on 2 March 2016, for the sum of €9,000,000, and was valid until 31 May 2018.

»"9 March 2016 The Attorney General provided advice to the Prime Minister in relation to the transfer of the sites. Despite requests to the OPM, the NAO was informed that the advice sought could not be traced.

»"22 March 2016 The CEO *Malta Industrial Parks* (*MIP*) *Ltd*, appearing for and on behalf of *MIP Ltd*, in turn appearing for and on behalf of the Commissioner of Land; the Commissioner of Land, in the name and on behalf of the government and appearing solely for the purposes of the clause relating to the disposal of the sites at the GGH, the SLH and the KGRH; and the director *VGH Assets Ltd*, entered into the emphyteutical deed. Through this deed, *MIP Ltd* granted *VGH Assets Ltd* the title of temporary emphyteusis for 30 years of the buildings and sites occupied by the SLH, the GGH and the KGRH. On expiry, the grant could be extended for 69 years at the sole discretion of *VGH Assets Ltd*.

»"29 March 2016 Concession milestone – the handover plan was to be submitted to government. The *VGH* failed to provide the handover plan by the specified date.

»"29 April 2016 Hon. Konrad Mizzi ceases to be the Minister for Energy and Health and is sworn in as Minister within the OPM. Hon. Chris Fearne is sworn in as Minister for Health.

»"19 May 2016 The government, represented by the Minister within the OPM, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, collectively represented by Ram Tumuluri, entered into a side letter to the transaction agreements on 19 May 2016 to confirm the attainment of several conditions specified in the SCA, on the basis of which the rights and obligations in the same agreement were to be rendered effective under the terms and conditions stipulated in the Letter. Of note was that the *VGH*'s obligation to supply the government with the financing agreements was waived to 19 February 2017.

»"24 May 2016 *VGH Management Ltd* submitted a planning application for the restoration of the elevation of the main building within the SLH (PA 03134/16).

»"1 June 2016 The effective date, triggered by the fulfilment or waiver of stipulated conditions in the SCA, which rendered effective the provisions of the contracts.

»"June 2016 The handover plan was submitted by the *VGH*, in fulfilment of the concession milestone. This condition had been waived through the side letter to the transaction agreements dated 19 May 2016.

»"August 2016 The Health Construction Committee (HCC), Health Management Committee (HMC) and Project Monitoring Board (PMB) were constituted. The HMC, the HCC and the PMB, in their combined format, met several times between August 2016 and April 2017.

»"11 August 2016 *VGH Management Ltd* submitted a planning application for the construction of a medical school (PA 05493/16).

»"30 August 2016 Concession milestone – the design plans were to be submitted to government. The VGH failed to achieve this milestone by the indicated date and until the concession was transferred to *Steward Health Care*.

»"2 September 2016 PA 03134/16, which related to the restoration of the elevation of the main building within the SLH, was approved by the Planning Commission. A full development permission was issued.

»"15 September 2016 The government, represented by the Minister within the OPM, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, collectively represented by Ram Tumuluri, entered into a second side letter to the transaction agreements. In this side letter, it was acknowledged that *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd* had computed the accurate value of the charges for deployed employees of government to the *VGH* and subcontracted human resources (HR).

»"16 September 2016 *RSM Malta* issued a report outlining the details of the list of resources and the charges in relation to the resources.

»"14 November 2016 *VGH Management Ltd* submitted the drawings of a master plan for the refurbishment of the GGH for screening, to obtain feedback from the Planning Authority (PA) in preparation for the eventual submission of a planning application (PA 07491/16).

»"21 November 2016 Request by the *UĦM* and the *MAM* submitted to the PAC for an investigation of the contracts awarded by the Government to the *VGH* in relation to the GGH, the SLH and the KGRH.

»"5 December 2016 Further correspondence submitted by the government members on the PAC in relation to the request made for investigation.

»"9 December 2016 The analysis of the statistical treatment of the project, classifying it as on the government balance sheet, is compiled by the National Statistics Office (NSO). The capital expenditure related to the project was recorded as a gross fixed capital formation for government, with an impact on the fiscal balance, and a corresponding increase in government's debt. The impact of this classification for the period 2015 to 2019 was €26,474,000.

»"12 December 2016 The Minister for Finance submitted correspondence to the Prime Minister informing him about the NSO's findings. Stated was that classification of the project as on-balance sheet changed the cost-benefit fundamentals of the project.

»"End 2016 For 2016, government paid the *VGH* a total fee of €16,022,406.

»"1 January 2017 Concession milestone – 50 additional beds were to be provided at the KGRH. The VGH failed to achieve this milestone by the indicated date and until the concession was transferred to *Steward Health Care*.

»"16 January 2017 The *VGH* and the Malta College of Arts, Science and Technology entered into an agreement relating to the nursing college, which agreement was valid for three years.

»"14 February 2017 The government, represented by the Minister within the OPM, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, collectively represented by Ram Tumuluri, entered into the first side letter to the SCA. Through this side letter, the government waived the

obligation to provide the financing agreements by 19 February 2017, subject to a copy being provided by not later than 30 June 2017.

»"14 February 2017 The Minister for Finance wrote to the Minister within the OPM, outlining that unless there were developments on the agreements, the NSO's comments would continue to hold. On the same day, the Minister within the OPM replied that discussions of clauses had been reopened with the *VGH*.

»"15 February 2017 The full development permission for PA 05493/16, which comprised the construction of a medical school, was granted.

»"7 March 2017 The Minister within the OPM sought Cabinet's ratification of the extension of the long stop date for financial close, which date was to be extended to 30 April 2017.

»"7 March 2017 Cabinet approved the memorandum submitted by the Minister within the OPM.

»"23 June 2017 The government, represented by the Minister for Tourism, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, collectively represented by Ram Tumuluri, entered into a second side letter to the SCA. Through this side letter, the government waived the obligation to provide the financing agreements by 30 June 2017, subject to a copy being provided by not later than 31 December 2017.

»"24 June 2017 Hon. Konrad Mizzi is sworn in as Minister for Tourism following the 2017 General Election. Hon. Chris Fearne retains his role as Minister for Health.

»"30 June 2017 The government, represented by the Minister for Tourism, and *VGH Ltd*, *VGH Assets Ltd* and *VGH Management Ltd*, collectively represented by Ram Tumuluri, entered into the *addendum* to the SCA. Through this *addendum* several terms of the SCA were revised, foremost among which was a proviso relating to the deadline for the completion of works, which was revised from a fixed deadline to one that rendered the deadline relative to the attainment of relevant construction permits.

»"30 June 2017 The government, represented by the Minister for Tourism, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, entered into a third *addendum* to the HSDA. Through this *addendum*, changes were made to amend the first *addendum* to the HSDA, whereby it was agreed to extend the date of provision of the additional beds from 1 January 2018 to not later than 1 January 2020.

»"30 June 2017 The government, represented by the Minister for Tourism, and *VGH Management Ltd*, represented by Ram Tumuluri, signed an *addendum* to the LSA, which was made effective with retrospective effect from 1 June 2016. The *addendum* superseded the side letter dated 15 September 2016. Several LSA-related amendments were introduced through this *addendum*, foremost among which was the formalisation of the list of resources as corresponding to 1,536 staff.

»"1 July 2017 Concession milestone – the Barts College in the Gozo Campus was to be completed. The *VGH* failed to achieve this milestone by the specified date and until the concession was transferred to *Steward Health Care*.

»"11 July 2017 Authorisation for entry into the third *addendum* to the HSDA – entered into a few weeks prior – was sought from Cabinet through a memorandum submitted by the Minister for Tourism. The memorandum stated that the extension was required due to delays

experienced in the issuance of planning permits, which had delayed construction. Also sought through the memorandum was an extension in the long stop date for financial close, now proposed to be 31 December 2017.

»"11 July 2017 Cabinet approved entry into the third *addendum* to the HSDA and the extension of the long stop date for financial close to 31 December 2017.

»"24 July 2017 *VGH Resources Ltd* was registered. Ram Tumuluri was appointed as its director and secretary.

»"7 September 2017 In correspondence sent by the Minister for Finance to the Minister within the OPM, the latter was requested to expedite the review of outstanding matters relating to the concession awarded to the *VGH* and subject to discussions.

»"25 September 2017 The first meeting of the Quality and Assurance Board (QAB) was held, wherein the Board was established. Monthly meetings were held from September to December 2017 and recommenced in May 2018.

»"30 September 2017 Concession milestone – the provision of 80 rehabilitation beds at the SLH. The *VGH* failed to achieve this milestone by the indicated date and until the concession was transferred to *Steward Health Care*.

»"2 October 2017 *VGH Management Ltd* submitted a planning application for the demolition of part of the GGH and for the building of stores (PA 09895/17).

»"19 December 2017 The Prime Minister informed Cabinet of the possibility of positive developments in relation to the concession.

»"27 December 2017 *VGH* requested the *MIP Ltd* to provide its consent to and approve the sale by *Bluestone Investments Malta Ltd* of shares in issue in *VGH Ltd* to *Steward Healthcare International Ltd*.

»"29 December 2017 The Minister for Tourism informed the *VGH* that the government consented to the request for and approved the eventual transfer of shares held by *Bluestone Investments Malta Ltd* in *VGH Ltd* to *Steward Healthcare International Ltd*.

»"29 December 2017 The Minister for Tourism informed the *VGH* that, further to the *VGH*'s request for an extension of the deadline to pursue the transfer of shares, government agreed that the deadline be extended to 5 March 2018 or to one month following the transfer of shares.

»"End 2017 For 2017, the government paid the VGH a total fee of €33,555,813.

»"3 January 2018 The *MIP Ltd* consented to the request for and approved the eventual transfer of shares held *by Bluestone Investments Malta Ltd* in *VGH Ltd* to *Steward Healthcare International* Ltd.

»"8 January 2018 Further correspondence submitted by the Oppos-ition members on the PAC in relation to the request made for investigation.

»"9 January 2018 In a memorandum submitted by the Minister for Tourism, Cabinet was requested to ratify the extension for financial close up to 5 March 2018, or possibly earlier, and endorse the consent granted by the government for the eventual transfer of shares held by *Bluestone*

*Investments Malta Ltd* in *VGH Ltd* to *Steward Healthcare International Ltd*.

»“9 January 2018 The Prime Minister and the Minister for Tourism discussed the memorandum that had been submitted by the latter during a Cabinet meeting. Cabinet sanctioned that requested through the memorandum.

»“7 February 2018 The development permission for PA 09895/17, corresponding to the demolition of part of the GGH and the building of stores, was granted.

»“16 February 2018 The transfer of shares held by *Bluestone Investments Malta Ltd* in *VGH Ltd* to *Steward Healthcare International Ltd* was finalised. Aside from the other concession milestones that had not been achieved, by this date the milestones relating to the completion of the new build at the GGH, the completion of renovation of the GGH and the completion of the SLH medical tourism beds remained pending as their deadline had not yet occurred.

»“19 February 2018 The Prime Minister informed Cabinet that the transfer of the shares of the *VGH* had been concluded. This marks the tail end of the audit period reviewed in the second part of the NAO audit of the concession awarded to the *VGH*.

»“9 July 2018 Eurostat provided an assessment confirming the on-balance sheet recording of the project as concluded by the NSO.

»456. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kif prodotti quddiem dina l-qorti, kif ukoll mir-rassenja ta’ dati kif redatti mill-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu ppubblikat f’Diċembru 2021, illi ferm qabel ma l-Gvern għarraf lill-pubbliku in ġenerali bil-ħsieb tiegħu li jipprivatizza tliet sptarijiet pubbliċi, liema ħsieb l-ewwel ġie indikat ftit zmien qabel li r-*Request for Proposals* gie ppubblikat fis-27 ta’ Marzu 2015, l-azzjonisti aħħarija u oriġinali tas-soċjetà *Vitals*, ossija ‘l hekk imsejħa *beneficial owners* kienu ġà daħlu f’*Memorandum of Understanding* mal-Gvern ta’ Malta fuq żvilupp ta’ sptarijiet.

»457. Jirriżulta, di fatti, illi fl-10 ta’ Ottubru tas-sena 2014 l-investituri illi sussegwentement iffurmaw il-kumpannija *Vitals Global Healthcare Limited* għamlu ftehim, imsejjaħ *Memorandum of Understanding* mal-Gvern, u dana wara illi l-Gvern ġie mgħarraf li grupp ta’ investituri kienu interessati jinvestu fl-Isptar ta’ Għawdex fejn jieħdu t-tmexxija tiegħu f’idejhom sabiex jestenduh u jtejbu l-operazzjoni tiegħu, kif ukoll sabiex tinfetaħ skola tal-mediċina mmexxija minn *Barts School of Medicine*.

»458. Jirriżulta illi tali grupp ta’ investituri kienu jikkonsistu fi żviluppaturi u operaturi li sussegwentement iffurmaw is-soċjetà *Vitals Global Healthcare Ltd*, fosthom Mark Edward Pawley, bis-soċjetà *Bluestone Special Situations 4 Limited*, Dr Ashok Rattehalli, bis-soċjetà *AGMC Incorporated* u żewġ persuni ta’ nazzjonalità Pakistana, Mohammad Shoaib Walajahi u Chaudhry Shaukat Ali, li kienu ffurmaw kumpanija bl-isem ta’ *Pivot Holdings Limited* ġurnata qabel tali ftehim, ossija fid-9 ta’ Ottubru 2014.

»459. Jirriżulta illi l-Gvern obbliga ruħu, f’tali ftehim, illi ma jinnegozja ma’ ħadd dwar l-Isptar ta’ Għawdex waqt illi l-ftehim kien viġenti, liema kundizzjoni kellha tibqa’ viġenti sal-aħħar ta’ Frar, jew sa meta kien għadu validu il-ftehim bejn il-Gvern u l-investituri.

»460. Jirriżulta li, sadanittant, kienet għadha ma saret ebda tħabbira pubblika, għall-ghoti tat-tliet sptarijiet lill-pubbliku.

»461. Jirriżulta wkoll, u ta' importanza kbira għal każ odjern, illi, permezz ta' tali ftehim, il-Gvern qabel mal-investituri illi ser jassistihom biex jipprovdilhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu f'posizzjoni jagħtu l-aħjar offerta lill-Gvern għal dak minnu meħtieġ – jidher ċar li tali informazzjoni sussegwentement intużat mis-soċjetà *Vitals* meta għamlet il-proposta tagħha li ġiet sussegwentement deskritta bħala "*true and detailed picture of healthcare in Malta and Gozo at present"* minn min kien qiegħed jevalwa l-offerta tal-*Vitals*.

»462. F'tali ftehim tal-10 ta' Ottubru 2014, il-Gvern kien insista illi kienu ser jagħmlu *due diligence* tal-investituri kollha u li Gvern kellhu d-dritt li jħassar kollox f'każ li tali *due diligence* ma jgħaddix!

»463. Sussegwentement, jirriżulta illi fit-23 ta' Novembru tas-sena 2014 sar ftehim bejn l-istess investituri, li kienu Mark Pawley għal *Bluestone*, Ram Tumuluri għal *Portpool* u Dr Ashok Rattehali għas-soċjetà *AGMC* mill-parti l-waħda, u Dr Gupta għal *Medical Associates of Northern Virginia*, fejn dawna kienu ġà qed jiftiehmu kif ser jaqsmu l-profitti tal-proġett li kien jinkludi:

»"• takeover the existing 210 bed general hospital in Gozo, Malta and operate the hospital as per the terms agreed with the Government of Malta;

»"• to build an additional 200 bed hospital in the same premises. Gozo General Hospital to be a total of 410 bed teaching hospital by the end of 2016;

»"• to build a 200 bed assisted living facility in the same premises;

»"• to build a medical college as per the standards of Barts and the London School of Medicine and Dentistry;

»"• potential acquisition of St Philips and or St Luke's hospital in Malta.

»464. Jirriżulta, għal darba oħra, li, sadanittant, kienet għadha ma saret ebda tħabbira pubblika, kif fuq imsemmi.

»465. Jirriżulta illi fil-bidu ta' Jannar 2015, kif konfermat kemm minn Dr Konrad Mizzi, kif ukoll Mr Chris Fearne, l-investituri għamlu l-presentazzjoni tagħhom, iżda, fi kliem Dr Mizzi, il-ħtiġijiet tal-Gvern ma kinux aktar li jiffukaw unikament fuq l-Isptar ta' Għawdex, iżda riedu jinkludu wkoll l-isptarijiet f'Malta wkoll.

»466. Hawnhekk, il-qorti ma tistax ma tirrilevax illi, inċidentalment, il-ftehim privat illi għamlu bejniethom l-investituri wara li ġie ffirmat il-*Memorandum of Understanding* mal-Gvern fl-10 ta' Ottubru 2014, kien ġà jinkludi wkoll li ser jinvestu wkoll fi sptar ġewwa Malta, u possibbilment l-Isptar tal-Gvern St. Luke's – indikazzjoni ċara li setgħu kienu ġà konoxxenza ta' xi tibdil ta' ħsieb da parte tal-Gvern.

»467. Jirriżulta li eventwalment, skond Dr Mizzi, wara l-laqgħa illi saret f'Jannar 2015, il-Gvern allegatament għarrafhom li ma kienx interessat fi proġett magħhom, peress illi riedu jkabbru l-proġett – dokumentazzjoni in sostenn ma' tali allegazzjoni, madanakollu, ma jidher li ma jeżisti mkien!

»468. Jirriżulta, iżda, mill-banda l-oħra, illi mhux talli l-proposta tal-investituri ma kinetx qed tiġi kkontemplata, iżda talli fid-9 ta' Frar 2015, jiġifieri wara li din il-laqgħa fejn, skond Dr Mizzi, l-investituri ġew mgħarrfa li l-Gvern ma kienx għadu interessat fil-pjan tagħhom, l-*executive chair-*

*man* tal-*Malta Enterprise*, f'ittra kontra-iffirmata mill-Ministru tal-Ekonomija u s-Segretarju Parlamentari għall-*Planning*, kiteb lid-Direttur Ġenerali tal-Artijiet fejn għarrfu illi l-*Malta Enterprise* kienet identifikat l-art tal-Isptar ta' Għawdex tal-kejl ta' 72,483 sqm, ossija ta' l-istess daqs bħal dik identifikata għall-investituri, "*for use as part of the medical hub intended to be created in Gozo*". Kien għalhekk illi l-*Malta Enterprise* talbet lill-*Government Property Department* sabiex tagħmel dak kollu neċessarju sabiex tgħaddi l-proprjetà f'isimha.

»469. Jirriżulta li, sadanittant, għal darba oħra, ma kienet għadha saret ebda tħabbira pubblika li l-Gvern kien interessat jagħti l-Isptar ta' Għawdex u ta' Malta lill-privat.

»470. Jidher iżda li sussegwentement seta' seħħ xi ripensament da parti tal-awtoritajiet, u di fatti, fis-16 ta' Marzu 2015, il-Kummissarju tal-Artijiet irċieva ittra, din id-darba ffirmata miċ-*chief executive officer* tal-*Malta Industrial Parks Limitied*, u kontra iffirmata mill-Ministru tal-Ekonomija u s-Segretarju Parlamentari għall-*Planning* fejn, filwaqt li għamel referenza għall-ittra tal-*executive chairman* tal-*Malta Enterprise* tad-9 ta' Frar 2015, għarrfu illi ġie miftiehem li l-art kellha tingħadda lill-*Malta Industrial Parks Limited* u mhux lill-*Malta Enterprise*, u għalhekk l-Kummissarju tal-Artijiet kellu jagħmel l-arranġamenti kollha biex tingħadda lill-*Malta Industrial Parks Limited*. Tali ittra kienet kontro iffirmata mill-*dxecutive chairman* tal-*Malta Enterprise* ukoll.

»471. Sadanittant, għal darba oħra, ma kienet għadha ma saret ebda tħabbira pubblika li l-Gvern kien interessat jagħti l-Isptar ta' Għawdex u ta' Malta lill-privat.

»472. Eventwalment, fis-27 ta' Marzu 2015, f'dokument ta' erbgħa u tletin faċċata, il-Gvern ippubblika *Request for Proposals* għall-konċessjoni għall-isptarijiet ta' St Lukes, Karin Grech u Għawdex, liema dokument, skond Dr Konrad Mizzi, ġie redatt minn *Ganado Advocates* – il-qorti hawnhekk tirrileva illi tali dokument huwa wieħed kompless u dettaljat, illi ċertament ħa ż-żmien tiegħu sabiex jiġi redatt u approvat, u għalhekk ma għandhiex dubju illi tali dokument kien ilu qed isir xogħol fuqu għal ġimgħat jekk mhux xhur minn qabel. Tali assunzjoni qiegħda ssir ukoll abbażi ta' dak illi qal Adrian Said, *executive chairman* tal-*Projects Malta Limited* fiż-żmien tal-*RfP* u l-proċess kollu, fejn fix-xiehda tiegħu insista li meta huwa kien beda f'Settembru 2014 kien gia sab li l-*RfP* kien lest u preparat!

»473. Jirriżulta illi fid-dokumentazzjoni tar-*Request for Proposals*, ippubblikat fis-27 ta' Marzu 2015, fost il-kundizzjonijiet imposti fuq il-*bidder* kien hemm is-segwenti:

> »"3.15.3 – When putting forward a proposal, the Bidder must declare that is it affected by no potential conflicts of interest and to its knowledge (reasonable ascertained) has no particular link with other tenderers or parties involved in the competitive award process. Should such a situation arise during the competitive award process, including the adjudication of the proposals or during subsequent negotiations, the Bidder must immediately inform PM[8]. PM reserves the right to proceed on the matter as it may determine at its own and absolute discretion in the circumstances.

8 *Projects Malta*

> "3.14.4 – Bidders are responsible for ensuring no conflicts of interest exist between the Bidder and their advisors and the Government and its advisors. Any Bidder who fails to comply with this requirement may be disqualified from the procurement at the discretion of the Government."

»474. Jirriżulta illi fl-ebda mument ma s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, iffurmata dak iż-żmien mis-soċjetà *Bluestone Investments Malta Ltd*, li kienet ġiet reġistrata fid-9 ta' Diċembru 2014 bil-għan esklussiv li l-investituri jikkonkludu dak miftiehem fl-10 ta' Ottubru 2014, ma għarrfet lill-*Projects Malta* dwar xi kunflitt illi seta' kellha *in vista* ta' ftehim ġà milħuq bejn l-investituri tagħha u l-Gvern ta' Malta speċifikatament fuq l-għoti tal-Isptar f'Għawdex lilhom.

»475. Jirriżulta illi, skond it-*timeline* stabbilit f'tali *Request for Proposals*, sa ġimagħtejn wara s-sejħa pubblika, jiġifieri bejn it-13 u s-17 ta' April 2015, kien ser isir spezzjoni tat-tliet sptarijiet bi ftehim ma' *Projects Malta*. Sussegwentement, sa *ġimgħa* wara, jiġifieri t-22 ta' April 2015, kull min kien interessat kellu l-aħħar ċans jitlob għal kjarifiki, liema kjarifiki mbagħad kellhom jiġu spjegati sa mhux aktar tard mit-28 ta' April 2015 – jiġifieri, skond tali *timeline*, kull min kien interessat kellu mhux aktar minn tliet ġimgħat sabiex jifhem il-portata tal-proġett tat-tliet sptarijiet li kienu ser jidħlu għaliha.

»476. Jirriżulta illi, finalment, kull min kien interessat jagħmel proposta kellu jagħmel tali proposta sa mhux aktar tard mid-19 ta' Mejju 2015, flimkien ma' *bid bond* ta' nofs miljun euro (€500,000) – jiġifieri anqas minn xahrejn wara is-sejħa pubblika għal proġett li kien jinvolvi tliet sptarijiet ewlenin f'Malta u Għawdex.

»477. Inċidentalment, il-qorti hawnhekk tosserva illi, fil-ftehim magħmul bejn l-investituri fit-23 ta' Novembru 2014, huma kienu qablu li sa Jannar tas-sena 2015 kellhom javvanzaw fil-proġett is-somma ta' sitt mitt elf Dollaru Amerikan ($600,000) sabiex jagħmlu tajjeb għal *pre-project costs*. Għalkemm huwa minnu li fl-istess ftehim tali flejjes ġew indikati bħala spejjeż varji, jibqa' l-fatt illi l-investituri kienu ġà għamlu investiment konsiderevoli f'tali proġett li, skond Dr Mizzi, kien ġie skartat mill-Gvern wara l-preżentazzjoni li għamlu l-investituri – huwa ferm diffiċli għall-qorti li temmen li tali flejjes intilfu fix-xejn.

»478. Jidher illi fid-19 ta' Mejju 2015 daħlu tliet proposti għand *Projects Malta*, iżda *bid bond* ġiet ippreżentata unikament mis-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, liema kumpannija kienet iffurmata fit-13 ta' Mejju 2015 u li fiha kien hemm 1,200 isħma *fully paid up*, permezz ta' depositu minn kont bankarju tal-Bank of Valletta ġewwa Victoria, Għawdex.

»479. Jidher illi, kif stqarrew it-tliet membri tal-*Evaluation and Adjudication Committee* li xehdu quddiem dina l-qorti, ossija James Camenzuli, Manwel Castagna u Robert Borg, il-proposta tas-soċjetà *Vitals Global Assets Limited*, iffurmata sitt ijiem qabel ma ppreżentat il-proposta, kienet waħda ben studjata u motivata, fejn kellhom studju approfondit ħafna tal-proġett kollu u indikazzjonijiet ċari dwar x'kellu jsir.

»480. Fi kliemhom stess:

> »"The Evaluation and Adjudication Committee noted that the *VGH* bid submission is a detailed submission, which presents a true and detailed picture of healthcare in Malta and Gozo at present.

Their bid submission is based on the present inefficiencies of the service and how to improve it."

»481. Il-qorti hawnhekk ma tistax ma tirrilevax li, ċertament, fuq medda qasira ta' xagħrejn, kien ikun impossibbli għal kwalsiasi entità sabiex tressaq pjan daqstant fid-dettall u bi *business plan* vijabbli, jekk mhux abbażi ta' studji u informazzjoni approfonditi illi setgħet għamlet, jew hija stess, jew *tramite* terzi minnha mqabbda sa minn qabel ma ħarġet ir-*Request for Proposals*.

»482. Fil-każ odjern, din il-qorti ma għandha assolutament ebda dubju illi s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* għamlet użu tal-ftehim milħuq mal-Gvern ta' Malta permezz ta' *Memorandum of Understanding* li sar fl-10 ta' Ottubru 2014, fejn l-investituri fil-kumpannija li kienet l-azzjonista prinċipali tagħha, ossija *Bluestone Investments Malta Limited*, kienu ġà rabtu lill-Gvern sabiex jagħtihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu f'posizzjoni li jagħmlu proġett ta' sptar ġewwa Għawdex u skola medika.

»483. Din il-qorti ma għandha wkoll ebda dubju li jidher ċar li s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* abbużat mill-informazzjoni ġà a konoxxenza tal-investituri tagħha sabiex tippreżenta proġett li ma setax ma jiġix aċċettat mill-Gvern ta' Malta, liema Gvern kien ġà ikkommetta ruħu, fil-programm elettorali tiegħu li bih kien ġie elett sentejn qabel, li jtejjeb l-isptarijiet ta' Malta u Għawdex, u li għalhekk kien marbut politikament sabiex jattwa dak li wiegħed, u l-investituri tas-soċjetà *Vitals*, ben konxji ta' tali sitwazzjoni politika, permezz ta' raġġiri u manuvri ben maħsuba minn qabel ħadu vantaġġ mill-ambizzjonijiet politiċi tal-Gvern u wasslu lill-istess Gvern ta' Malta sabiex jagħżel il-proġett propost minnhom.

»484. Din il-qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax il-metodoloġija laxka u xejn professjonali, kwazi kważi dilettantesk, illi biha persuni, fdati mill-Gvern sabiex jevalwaw u jaġġudikaw il-proġett kif ukoll sabiex imexxu l-proċess kollu li wassal għall-kuntratti mogħtija lis-soċjetà *Vitals*, operaw bih tul il-proċess kollu.

»485. Jidher ċar, mill-assjem tal-provi, illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni ma għamel assolutament ebda evalwazzjoni tad-*due diligence* finanzjarja ta' l-istess soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, u straħet biss fuq hekk imsejjħa *Letters of Comfort* minn banek inter-nazzjonali, liema dokumentazzjoni, madanakollu, eventwalment irriżulta illi ma wasslu għal ebda investiment da' parte ta' tali banek fil-proġett li seħħ f'Malta, fejn jirriżulta li l-unika sors finanzjarju li s-soċjetà *Vitals* ottjeniet, apparti ħlasijiet regolari da parte tal-Gvern ta' Malta stess, kien minn bank lokali, ossija l-*Bank of Valletta plc*, li fih wara kollox il-Gvern ta' Malta huwa azzjonist prinċipali.

»486. Din il-qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi, filwaqt li fil-*Memorandum of Understanding* illi sar f'Ottubru 2014 kien ġie speċifikat illi l-Gvern kien qed jinsisti illi ssir *due diligence* tal-investituri kollha involuti, fir-*Request for Proposals* ma ssir assolutament ebda rikjesta għall-informazzjoni dwar *due diligence* ta' min kien qiegħed jagħmel il-proposti – għal dina l-qorti, din hija indikazzjoni ċara li ma kien hemm ebda raġuni sabiex dina ssir *stante* illi l-ħruġ tar-*Request for Proposals* kien ovvjament parti konsegwenzjali tal-ftehim illi l-investituri kienu laħqu mal-Gvern fl-10 ta' Ottubru 2014.

»487. Din il-qorti, di fatti, hija konvinta illi l-ħruġ tar-*Request for Proposals* fis-27 ta' Marzu 2015 kien biss parti mill-pjan kollu maħsub u kkonċertat unikament mill-investituri li kienu għamlu l-ftehim tal-10 ta' Ottubru 2014 mal-Gvern li, permezz tar-raġġiri u *leverage* finanzjarja illi saħqu illi kellhom, b'fondi ta' biljuni ta' Euro, qarrqu b'kullħadd u, wasslu lill-awtoritaijiet sabiex jemmnu il-gideb tagħhom u jikkonċedulhom il-proġett finali, liema raġġiri eventwalment sfumaw fix-xejn u l-ħafna wegħdiet tagħhom baqgħu fl-arja.

»488. Dwar d-*due diligence*, jiġi osservat illi l-persuni kollha involuti fl-*Evaluation and Adjudication Committee* insistew b'qawwa kbira illi ma kienx xogħolhom li jaraw li jsir id-*due diligence* tas-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, liema *due diligence*, huma insistew, ma kienx inkluż meta ġie redatt fir-*Request for Proposals* redatt mill-avukati mqabbda mill-Gvern għal dan il-għan, ossija *Ganado Advocates* – il-qorti ngħatat x'tifhem, allura, li kellhom indikazzjoni li ma kienx hemm bżonn li jsir *due diligence*.

»489. Jiġi osservat ukoll illi anke l-awdituri tas-soċjetà intimata *Malta Industrial Parks Limited*, sussegwentement imsejjħa *INDIS Limited*, ossija *RSM Limited*, li inċidentalment kienu wkoll membru tal-i*steering group* illi kien qiegħed imexxi l-implimentazzjoni tal-proġett kollu sa minn qabel ma nħareġ l-*RfP*, fir-rapport illi huwa rrediġew għas-soċjetà *INDIS Limited* sabiex jiġi ġustifikat l-importanza tal-investiment tas-soċjetà *Vitals Limited*, u dan sabiex jiġi sodisfatt dak pprovdut fl-artikolu 31 tal-Kap. 573, liema rapport b'kumbinazzjoni ġie ppreżentat ġurnata qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika, kienu insistew illi r-rapport tagħhom ma kellux jitqies bħala *audit finanzjarju* tas-soċjetà *Vitals*.

»490. Din il-qorti, għalhekk, tasal għall-assunzjoni u konklużjoni illi jidher ċar li l-ftehim li l-investituri kellhom mal-Gvern iffirmat fl-10 ta' Ottubru 2014 kien parti intrinsku minn proċess sħiħ illi wassal kemm għall-ħruġ ta' *Request for Proposals*, kif ukoll għall-għażla tas-soċjetà *Vitals* u għall-għoti tal-kuntratti finali lill-istess *Vitals*.

»491. Dana qiegħed jingħad ukoll għax, *in vista* ta' tali konnessjoni ċara u diretta bejn il-*Memorandum of Understanding* tal-10 ta' Ottubru 2014 u l-għoti tal-konċessjoni lis-soċjetà *Vitals*, kien obbligu tal-istess soċjetà *Vitals*, fil-proċess tal-evalwazzjoni, illi tindika u tiddikjara biċ-ċar li kien hemm tali sitwazzjoni ta' kunflitt, liema sitwazzjoni ta' kunflitt kellu, ta' bilfors, iwassal lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni sabiex jiskwalifika lis-soċjetà *Vitals* mill-proċess ta' għażla – madanakollu, l-membri kollha tal-kumitat insistew li ma kienu jafu b'ebda *Memorandum of Understanding*, u saħansitra Robert Borg saħaq li, kieku kien jaf, kien jirrifjuta l-inkarigu.

»492. Il-fatt illi s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, xjentement, għażlet illi żżomm mistur l-eżistenza tal-*Memorandum of Understanding* tal-10 ta' Ottubru 2014 mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, hija indikazzjoni ċara tal-intenzjoni frawdolenti illi hija kellha fil-mument illi ppreżentat il-proposta tagħha lill-Gvern, liema intenzjoni frawdolenti kienet tali illi wasslet lill-Gvern sabiex jaċċetta l-proposta tas-soċjetà *Vitals*, bl-impressjoni illi l-istess soċjetà kienet f'posizzjoni illi tattwa dak minnha mwiegħed – impressjoni li eventwalment ġie ppruvat li kienet waħda erroneja, peress illi kollox sfuma fix-xejn hekk kif is-soċjetà *Vitals* bdiet tikser kull waħda mill-obbligi u *milestones* minnha aċċetatti.

»493. Tali aġir frawdolenti baqa' jippersisti mhux biss qabel l-għoti tal-kuntratti iżda wkoll matul il-perjodu kollu illi fih is-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, bl-azzjonisti *Bluestone Investments Malta Limited*, kienet qiegħda topera, fejn joħroġ ċar, mill-volum ta' provi prodotti quddiem dina l-qorti, kif ukoll mir-rapporti dettaljati tal-Awditur Ġenerali, illi l-wegħdiet finanzjarji minnha magħmula kollha fallew filwaqt illi l-proġetti illi kellhom jimplimentaw baqgħu qatt ma ġew ikkompletati, b'ħafna minnhom lanqas biss mibdija, filwaqt illi l-wegħda tagħhom li jdaħħlu turiżmu mediku ġewwa Malta, liema wiegħda kienet ċertament dik illi wasslet lill-Gvern ta' Malta, possibbilment riżultat ta' inġenwità, sabiex jilqa' l-proposti tas-soċjetà *Vitals*, kienet wegħda fiergħa u bla bażi, peress illi qatt ma avverat ruħha u qatt ma sar ebda tentattiv da parte tas-soċjetà Vitals biex timplimentaha. Huwa ċar illi l-utilizz tal-idea ta' *medical tourism* kien biss parti mill-messa in xena u raġġiri sħaħ illi għamlu l-investituri tas-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* u l-istess soċjetà-jiet *Vitals* biex tagħmi lill-Gvern ta' Malta biex jikkonċedilha l-kuntratti u, partikolarment, il-konċessjoni enfitewtika fuq propjeta kbira ġewwa Malta u Għawdex, illi ċertament għandhom valur spekulattiv ferm akbar minn dak mediku.

»Aġir frawdolenti ta' *Steward Malta Limited*

»494. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi s-soċjetà *Steward Malta Limited*, *tramite* il-kumpanija *Steward Health Care International Limited*, fis-16 ta' Frar tas-sena 2018 akkwistat l-ishma tas-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, u bir-riżultat ta' dan akkwistat l-ishma wkoll tas-soċjetajiet *Vitals Global Healthcare Assets Limited* u *Vitals Global Healthcare Management Limited*.

»495. Din il-qorti ma għandha ebda dubju li, dak iż-żmien, is-soċjetà *Steward Health Care International Limited* kienet ben konxja tan-nuqqasijiet li kien hemm da parte tas-soċjetà *Vitals* illi hija kienet ser takkwista u l-obbligi minnhom assunti u mhux onorati, u dan anke *in vista* tal-fatt illi s-*CEO* tal-*Vitals*, sa ftit qabel, ossija Armin Ernst, kien issa l-President ta' *Steward International*.

»496. Jirriżulta madanakollu, illi minn dakinhar illi akkwistat l-ishma tas-soċjetà *Vitals*, jidher li s-soċjetà *Steward* daħlet f'serje interminabbli ta' ftehim mal-Gvern għal dak illi jirrigwarda l-finanzjament tal-proġett li, oriġinalment, kien indikat illi ser isir minn banek esteri, iżda li finalment seħħ unikament minn bank Malti, ossija il-*Bank of Valletta plc*, fejn il-Gvern għamel tajjeb għalihom.

»497. Jirriżulta, di fatti, illi permezz ta' tali ftehim varji s-soċjetà *Steward* spiċċat ħadet erba' *loans* b'kollox mingħand il-*Bank of Valletta plc*, ossija wieħed ta' ħames miljun Euro (€5,000,000) fit-8 ta' Mejju 2018, ieħor ta' tliet miljun Euro (€3,000,000) fid-19 ta' Settembru 2018 u tnejn oħra fil-valur ta' tnejn u għoxrin miljun Euro (€22,000,000) u ħames miljuni u disa' mitt elf Euro (€5,900,000) fis-17 ta' Lulju 2019 – dawna kollha flimkien jagħmlu total ta' ħamsa u tletin miljun u disa' mitt elf euro (€35,900,000).

»498. Jirriżulta illi f'dawna l-kuntratti ta' self kollha l-Gvern ta' Malta għamel tajjeb għas-soċjetà *Steward*, presumibbilment bħala sid tal-propjeta li kienu fil-pussess tas-soċjeta' *Steward*.

»499. Jirriżulta, iżda, illi permezz ta' kuntratt iffirmat fis-27 ta' Awissu 2019, it-tliet soċjetajiet *Steward*, għalkemm ben konxji tal-proċeduri odjerni quddiem dina l-qorti, wasslu lill-Gvern ta' Malta sabiex jaqblu li

jinbidel il-kontenut tas-*Service Concession Agreement* illi kien iffirmat fit-30 ta' Novembru 2015, fejn ġie miftiehem is-segwenti:

> »"(i) if, by way of any Applicable Law or any final order, judgment, decision, notice, decree or any other instrument of any Public Body or otherwise, any of the Transaction Agreements are wholly or partially rescinded, terminated, declared to be null or void or invalid, withdrawn, annulled, cancelled, repealed or quashed, such an event shall be deemed to be a Non-Rectifiable GoM Event of Default"

»500. Jirriżulta illi, skond Skeda 7 tas-*Services Concession Agreement*, f'dan il-każ, il-Gvern ta' Malta kien qed jassumi fuqu l-ħlas tad-djun kollha mal-*Bank of Valletta plc*, ta' ftit anqas minn sitta u tletin miljun Euro (€36,000,000) kif ukoll penali ta' mitt miljun euro (€100,000,000) dovuta lil *Steward*.

»501. Din il-qorti ma għandha ebda dubju li s-soċjetà *Steward* kienet ben konxja tal-kawża odjerna meta daħħlet lill-Gvern ta' Malta f'tali obbligu ġdid, u għalhekk din il-qorti ma għandha ebda dubju wkoll illi tiddikjara li tali kundizzjonijiet kienu riżultat ta' aġir frawdolenti tas-soċjetà *Steward* li riedet iddawwar a favur tagħha sitwazzjoni kkawżata minn azzjoni frawdolenti tal-preċedessuri tagħha bil-għan illi tagħmel arrikkiment indebitu minn fuq dahar il-Gvern ta' Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

»502. Il-qorti tistqarr, madanakollu, illi hija tassew imħassba kif persuni responsabbli mill-awtoritajiet governattivi setgħu qatt xjentement jidħlu għal tali obbligi daqstant onerużi fuq il-Gvern, u trid temmen illi tali obbligu ġie minnhom assunt, possibbilment riżultat ta' inġenwità, jekk mhux pressjoni sabiex il-proġett oriġinali jibqa' vijabbli, iżda ċertament temmen li seħħ *in vista* tal-aġir frawdolenti u, possibbilment kriminali, kemm tas-soċjetà *Steward*, kif illum komposta, kif ukoll mis-soċjetà *Vitals*, kif oriġinalment komposta, u l-investituri tagħha.

»503. Il-qorti tistab ċerta illi ebda persuna li għandha għal qalbha l-interessi tal-pajjiż ma kien jidħol għal tali obbligi onerużi, jekk mhux għax imġiegħel b'mod frawdolenti u qarrieqi, liema piż assunti iwassal biss sabiex is-soċjetà *Steward* takkwista vantaġġi finanzjarji fuq il-Gvern ta' Malta illi bl-ebda mod ma huma dovuti lilha u li għalhekk huwa unikament rikatt u arrikkiment indebitu a spejjeż taċ-ċittadin.

»504. L-aġir tas-soċjetà *Steward*, f'din l-istanza, hija tassew waħda kundannabbli u turija ċara tan-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligi minnha assunti meta akkwistat l-ishma fis-soċjetà *Vitals*, kif ukoll tal-proċess ġudizzjarju kollu, fejn permezz ta' tali ftehim ittentat tinfluwenza wkoll id-deċiżjoni aħħarija ta' dina l-qorti, bil-għan uniku illi takkwista vantaġġi finanzjarji filwaqt illi ma tonorax l-obbligi minnha assunti.

»505. Ikkunsidrat dak kollu kif fuq deskritt, dina il-qorti tibda biex tirribadixxi li ma għandha ebda dubju illi s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited* illum *Steward Malta Limited*, kif ukoll is-soċjetajiet *Vitals Global Healthcare Assets Limited* illum *Steward Malta Assets Limited* u s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Management Limited* illum *Steward Malta Management Limited* ingħataw is-*Service Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, il-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, il-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Jannar 2016 u l-konċessjoni enfitewtika tat-22 ta' Marzu 2016, riżultat ta' raġġir u gideb intiżi unikament sabiex jikkorrompu l-ħsieb u l-valutazzjoni ta' min kien responsabbli biex jagħżel u jiddeċiedi, liema raġġiri wasslu sabiex tig-

gwadanja unikament is-soċjetà *Vita*l**s** *Global Healthcare Limited*, flimkien mas-soċjetajiet sussidjarji *Vitals Global Healthcare Assets Limited* u s-soċjetà *Vitals Global Healthcare Management Limited*, illum ilkoll proprjetà tas-soċjeta *Steward Malta International Limited*, a skapitu tal-Gvern ta' Malta.

»506. Il-qorti ma għandha ebda dubju wkoll illi, fil-mument li s-soċjetà *Steward Healthcare International Limited* akkwistat l-ishma tas-soċjetà *Vitals Global Healthcare Limited*, l-obbligi kuntrattwali u l-*milestones* illi kienu obbligaw ruħhom illi jottemperaw ruħhom magħhom is-soċjetajiet *Vitals* ma kienu ġew milħuqa bl-ebda mod, bir-riżultat illi l-Gvern ta' Malta kien obbligat illi ma jaċċetax kwalsiasi trasferiment ta' ishma għal għand *Steward Healthcare International Limited*, u minflok kellu jgħaddi biex jitlob għar-rexxissjoni tal-kuntratti kollha abbażi ta' non adempjenza da' parte tas-soċjetà *Vitals*.

»507. Il-qorti ma għandha ebda dubju wkoll illi l-Gvern ta' Malta, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra kompetenti msejjħa fil-kawża odjerna, kellhom l-obbligu u dmir illi jirrexxindu l-kuntratti kollha, *in vista* tar-raġġiri u aġir frawdolenti mħaddna b'mod sistematiku mis-soċjetà *Vitals* u *Steward* u għalhekk:

»508. Il-qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju wkoll illi kien dmir tar-rikorrent, bħala membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, elett sabiex jirrappreżenta, jiddefendi u jippromwovi l-interess taċ-ċittadin, illi fin-nuqqas ta' aġir da' parti tal-awtoritajiet kompetenti, jagħmel użu mill-għodda mogħtija lilu fl-artikolu 33 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob għar-rexxissjoni tal-konċessjoni enfitewtika tat-22 ta' Marzu 2016, flimkien mal-ftehim kollu illi sar anteċendement għal tali konċessjoni, ilkoll indikati bħala *Related Instruments*, liema ftehim għandhom jitqiesu bħala parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika datata 22 ta' Marzu 2016.

»509. Għaldaqstant, din il-qorti tara illi l-azzjoni tar-rikorrenti, kif premessa, u kif ippruvata, timmerita illi tintlaqa'. «

8. Il-konvenuti *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* appellaw b'rikors tal-15 ta' Marzu 2023. Il-konvenuti l-oħrajn wieġbu għal dan l-appell fl-4 ta' April 2023 u l-attur wieġeb ukoll fl-4 ta' April 2023.

9. Sar ukoll appell ["l-appell tat-terz"] taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mis-soċjetà Spanjola *Steward Health Care International, S.L.U.* Għal dan l-appell wieġbu l-konvenuti ħlief is-soċjetàjiet appellanti fl-4 ta' April 2023; is-soċjetajiet appellanti wieġbu fl-4 ta' April 2023, u l-attur ukoll wieġeb fl-4 ta' April 2023.

10. Fit-tweġiba tagħhom għall-appell tas-soċjetajiet appellanti ["l-appell ewlieni"] il-konvenuti l-oħrajn ressqu eċċezzjonijiet preliminari li jolqtu l-validità ta' dak l-appell, u għalhekk il-qorti sejra tqis dawk l-eċċezzjonijiet qabel ma tqis l-appell ewlieni.

11. Madankollu, qabel ma tqis l-eċċezjonijiet preliminari, l-appell ewlieni u l-appell tat-terz, il-qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet u konsiderazz-jonijiet dwar fatti li jolqtu l-meriti tal-appelli.

12. Konsiderazzjoni ewlenija f'din il-kawża hija illi t-tliet soċjetajiet appellanti – is-soċjetajiet *Steward* – huma l-istess tliet soċjetajiet – is-soċjetajiet *Vitals* – li magħhom saru l-kuntratti impunjati f'din il-kawża. Fir-rikors tal-appell tagħhom is-soċjetajiet appellanti jfittxu li jagħmlu "enfasi fuq id-distinzjoni bejn *Steward* u l-grupp *Vitals*" bħallikieku, hekk kif l-ishma fis-soċjetajiet appellanti għaddew minn idejn l-azzjonisti oriġinali għal idejn dawk tallum, nħolqu persuni ġodda b'*tabula rasa*. Jingħad fir-rikors tal-appell illi:

> »30. Il-kumpanniji li ngħataw il-konċessjoni, wara dak li l-appellanti fehmu li kien proċess kompetittiv, kienu *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, *Vitals Global Healthcare Limited* u *Vitals Global Healthcare Management Limited*. Illum, wara bidla fl-azzjonisti awtorizzata mill-Gvern ta' Malta, il-partijiet fil-konċessjoni huma l-esponenti appellanti *Steward Malta Assets Ltd*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited*.«

13. Jingħad ukoll illi:

> »31. Fil-mument tal-għotja tal-konċessjoni, l-azzjonista fil-grupp *VGH* kienet kumpanija jisimha *Bluestone Investments Malta Limited*. Il-grupp *Steward Health Care*, il-*parent shareholder* preżenti, ma kellu x'jaqsam xejn ma' dik il-fażi tal-konċessjoni. *Steward* ma kinitx offerent u lanqas ma pparteċipat fil-proċeduri tal-għotja tal-konċessjoni u/jew f'xi forma ta' diskussjonijiet li wasslu għall-għotja tal-konċessjoni.«

14. Din hija rappreżentazzjoni żbaljata tal-fatti u tista' tqarraq: il-konċessjonarji baqgħu dejjem l-istess; it-tliet soċjetajiet appellanti, kemm jekk iġibu l-isem ta' *Vitals* u kemm jekk iġibu l-isem ta' *Steward*, baqgħu l-istess u l-bagolli li kienu jġorru baqgħu u għadhom l-istess. L-argumenti u l-osservazzjonijiet fir-rikors tal-appell dwar x'wassal lill-azzjonisti tallum biex kisbu l-ishma fis-soċjetajiet appellanti jista' jkollhom relevanza għal vertenzi oħrajn iżda mhux għal din il-kawża.

15. Għalhekk, meta fir-rikors tal-appell is-soċjetajiet appellanti igħidu illi:

> »34. Evidenza reċenti tagħti x'tifhem illi l-għotja tal-konċessjoni lil *VGH* jista' jingħad li kienet irregolari. Mhuwiex l-iskop ta' dan l-appell illi jqis jew jikkonkludi jekk l-għotja tal-konċessjoni kinitx "frawdolenti" (anke jekk issa hemm indikazzjonijiet illi dan jista' jkun il-każ.) Biex wieħed jista' jiddetermina dan u jasal għal dik il-konklużjoni, li tmur lil hemm mill-iskop u mill-parametri tal-kawża odjerna, jinħtieġu proċeduri ulterjuri u investigazzjoni aktar profonda, partikolarment jekk, kif ġara, l-ewwel qorti addirittura allegat "aġir kriminali".
>
> »35. Fid-dawl tal-evidenza fattwali illi f'dan l-istadju hija disponibbli firrigward tal-perjodu sakemm *Steward* ħadet il-konċessjoni wara *VGH*, wieħed jista' jasal li jikkonkludi illi (a) n-nuqqasijiet ta' *VGH* immedjatament wara l-għotja tal-konċessjoni wrew illi *VGH* ma kinitx konċessjonarja adegwata u (b) n-nuqqas ta' azzjoni mill-Gvern ta' Malta (ħlief biex jgħin lil *VGH* billi, fost l-oħrajn, jestendi d-data effettiva biex il-konċessjoni tieħu l-effett jew billi jaħfer l-obbligu ta' *VGH* illi tottjeni finanzjament bankarju jew billi addirittura jagħmel ħlasijiet lil *VGH* mingħajr ħtieġa illi din tipprovdi l-*accounts* tagħha) tissuġerrixxi illi l-proċess tal-għażla ta' *VGH*, kif ukoll l-mod kif din l-entità ġiet trattata bħala konċessjonarju, u kif il-Gvern ta' Malta naqas illi jeżerċita drittijiet taħt il-kuntratt għal aktar minn sentejn sħaħ sakemm *Steward* ħadet il-konċessjoni huwa suspettuż u jista' jindika xi forma ta' kollużjoni bejn il-konċedent u l-konċessjonarju. Din tista' tkun ir-raġuni illi għaliha l-Gvern qiegħed issa jagħżel illi ma jappellax is-sentenza – għalkemm jista' jkun hemm raġunijiet oħra għal din id-deċiżjoni sorprendenti inkluż illi (i) fid-dawl tal-provi illi huma issa disponibbli, il-Gvern ma jaqbillux illi jipprova jargumenta kontra l-indikazzjonijiet ta' kollużjoni ma' *VGH* u (ii) huwa konvenjenti għall-Gvern illi jinqeda bis-sentenza tal-qorti u jeħles ħafif mill-obbligi tiegħu b'daqsxejn ta' ċanfira, forsi l-aħjar soluzzjoni għall-Gvern fiċ-ċirkustanzi«

effettivament qegħdin jattribwixxu nuqqasijiet lilhom infushom u jistqarru illi l-kuntratti impunjati huma effettivament "suspettużi".

16. Kif jidher aktar 'il quddiem, din il-qorti taqbel ma' bosta mill-osservazzjonijiet magħmula mis-soċjetajiet appellanti f'dawn iż-żewġ paragrafi. Ma taqbilx iżda illi kwistjonijiet dwar jekk il-konċessjoni kinitx frawdolenti u jekk kienx hemm kollużjoni bejn esponenti għolja tal-Gvern ta' Malta jew tal-aġenziji tiegħu u s-soċjetajiet appellanti – li, ma ninsewx, kienu u baqgħu l-istess persuni legali mill-bidu sallum, irrispettivament mill-identità tal-azzjonisti – huma kwistjonijiet "lil hemm mill-iskop u mill-parametri tal-kawża"; anzi, kif naraw 'il quddiem, jolqtu l-qofol tal-kawża.

17. Ngħaddu mela biex inqisu appuntu kienx hemm għemil illeċitu fl-għoti tal-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti u f'dak li seħħ wara.

18. Fil-fehma ta' din il-qorti l-mod kif svolġiet l-istorja juri mhux qerq min-naħa u inġenwità min-naħa l-oħra, kif emmnet l-ewwel qorti, iżda kollużjoni bejn is-soċjetajiet appellanti u esponenti għolja tal-Gvern jew tal-aġenziji tiegħu li wasslet biex saru kuntratti simulati maħsuba mhux biex jagħtu servizz mediku ta' kwalità iżda iżda biex jilħqu għanijiet oħra.

19. Meta sar l-ewwel *memorandum of understanding* dwar l-Isptar ta' Għawdex fl-10 ta' Ottubru 2014, kien ġà, sa Settembru tal-2014, imħejji r-*request for proposals* dwar it-tliet sptarijiet[9]. Ir-*request for proposals* kien pubblikat fis-27 ta' Marzu 2015 iżda meta fit-23 ta' Novembru 2014 sar il-ftehim bejn dawk li dak iż-żmien kienu l-azzjonisti tas-soċjetajiet appellanti dwar kif sejrin jaqsmu l-qligħ, ġà kienu jafu illi, għalkemm il-*memorandum of understanding* tal-10 ta' Ottubru 2014 kien isemmi biss l-Isptar ta' Għawdex, il-ħsieb kien li possibbilment jinkiseb ukoll l-Isptar

[9] Ara x-xiehda taċ-*chairman* esekuttiv ta' *Projects Malta Limited* fid-9 ta' Diċembru 2020.

*San Luqa*, għalkemm ma jissemmiex ukoll l-Isptar *Karen Grech* iżda jissemma l-Isptar *Saint Philip's*.

20. Dan isaħħaħ is-suspett illi l-*memorandum of understanding* tal-10 ta' Ottubru 2014 sa mill-bidunett ma kienx jirrifletti l-proġett maħsub iżda serva biss bħala strument biex is-soċjetajiet appellanti jiksbu mingħand il-Gvern it-tagħrif meħtieġ biex jistgħu jħejju l-proposta tagħhom hekk kif jiġi pubblikat ir-*request for proposals* fis-27 ta' Marzu 2015, ħames xhur u nofs wara. Dan ifisser kif, minkejja t-termini x'aktarx qosra pubblikati fir-*request for proposals*, is-soċjetajiet appellanti setgħu jħejju proposta illi, fi kliem il-kumitat tal-għażla, kienet "*a detailed submission, which presents a true and detailed picture of healthcare in Malta and Gozo at present. Their bid submission is based on the present inefficiencies of the service and how to improve it*".

21. Ġà mill-bidunett, iżda, kien jidher illi l-ħsieb wara l-ftehim bejn il-Gvern u s-soċjetajiet appellanti ma kienx it-titjib tas-servizz mediku iżda xi ħaġa oħra. Ġà mill-bidunett kien hemm x'juri li l-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti ma kinitx fattibbli u ma kinitx tassew maħsuba li tirrendi dak li, milli kien jidher, kellha tirrendi. Relevanti illi f'ebda waqt tal-proċess ta' valutazzjoni tal-proposta tas-soċjetajiet appellanti wara l-pubblikazzjoni tar-*request for proposals* ma nħasset il-ħtieġa li ssir *due diligence evaluation* tal-oblaturi. Huwa ta' tħassib ukoll il-kumment tal-awdituri *RSM Malta* illi:

> »Our review of the report and underlying financial data provided by the successful bidder did not constitute an audit or been [*sic*] carried out in accordance with auditing or other standards and practices generally accepted in Malta or other jurisdictions ('Audit Procedures') and accord-

> ingly should not be relied upon as if it has been carried out in accordance with those standards and practices. We are not providing any audit opinion or any assurance opinion whatsoever on the completeness, accuracy and validity of the financial data of the underlying proposal. We have not audited or reviewed in detail the assumptions made by the successful bidder in preparing the response to the request for proposal. Our review, was limited to matters which we have identified that would appear to us to be of significance within the context of our scope and we have relied upon the information as provided.«

22. Ma ħarġitx ċara r-raġuni għala lill-awditur deherlu li ma kellux jagħmel *audit* u għala ħass il-ħtieġa li kellu jipproteġi ruħu b'dan il-*caveat*.

23. Relevanti wkoll f'dan il-kuntest huma l-kummenti tal-kumitat tal-għażla dwar il-fattibilità tal-proġett:

> »The bidder did not clearly show the impact of the project's operations without the government bed revenues; however it did state that the project is not viable without medical tourism. The sensitivity analysis indicated in the business plan outlines a sensitivity wherein income from medical tourism is removed such that the only source of income from the project is derived from government, whilst all costs for the project are retained. On this basis, the resultant annual cash flows, pre-tax and funding are negative through the service concession period of 30 years. This implies the non-sustainability of the project should operating activities in relation to medical tourism be disregarded. Based on the financial report, the medical tourism income as a percentage of total income started at 13% and increased over time to 43% over the concession period.«

24. Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni kont tistenna illi l-parti tal-proġett relativa għat-turiżmu mediku tingħata prijorità, li iżda ma kienx il-każ u, għall-inqas sakemm l-ishma għaddew mingħand l-azzjonisti oriġinali għal għand l-azzjonisti *Steward*, ma jidher li sar xejn biex titmexxa 'l quddiem din il-parti tal-proġett.

25. Fil-fatt, mhux biss dwar din il-parti tal-proġett ma sar xejn iżda, għallinqas sakemm l-ishma għaddew mingħand l-azzjonisti oriġinali għal għand l-azzjonisti *Steward*, ma sar xejn dwar ebda parti tal-proġett, kif

tixhed il-lista ta' *milestones* li ma ntlaħqux miġjuba f'para. 418 tas-sentenza appellata.

26. Ir-reazzjoni ta' min kellu jħares l-interessi tal-pajjiż meta jara *milestone* wara *milestone* tgħaddi bla riżultat ma kinitx li jfittex rimedji taħt il-kuntratt iżda li dejjem iġedded iż-żmien favur is-soċjetajiet appellanti bla ma dawn jagħtu xejn lura, u, anzi, komplew isiru ħlasijiet ta' miljuni ta' euro lill-istess soċjetajiet appellanti, kif jidher ampjament mit-*timeline* miġjub f'para. 418 u 455 tas-sentenza appellata. Hekk, flok jinkixef il-fatt li l-proġett sa mill-bidunett ma kienx fattibbli, tingħata l-impressjoni li kollox kien għadu miexi 'l quddiem.

27. Dan kollu jsaħħaħ u anzi jikkonferma s-suspett illi l-ħsieb wara l-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti ma kienx it-titjib tas-servizz mediku iżda biex isservi bħala strument biex flus igħaddu mill-but tal-pajjiż għall-but tas-soċjetajiet appellanti. Kif sussegwentement stqarr esponent tal-Gvern, dak li dehret li kienet il-konċessjoni ma kinitx "*the real deal*".

28. Fid-dawl ta' dan kollu din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-kumment magħmul fir-rikors tal-appell meta jingħad illi:

> »49. Kif ikkonfermat fin-*National Audit Office Report* ta' Lulju 2020 dwar il-konċessjoni tal-isptarijiet, l-għotja tal-konċessjoni mill-Gvern ta' Malta lil *VGH* kienet *"fraudulently contrived"* (kif stabbilit fl-*NAO July 2020 Addendum Report* dwar l-għotja tal-konċessjoni), u kien jinvolvi impro-prjetajiet u kollużjoni bejn *VGH* u l-Gvern ta' Malta fir-rigward tal-proċess tal-*procurement* (li l-Gvern ta' Malta kien preċedentement saħaq ma' *Steward* li kien sar taħt "is-saltna tad-dritt"[10] f'Malta).
>
> »50. Wara l-ewwel *NAO report*, it-tieni parti tar-rapport tal-*NAO* relatat mal-operat tal-konċessjoni sa Frar 2018, ippublikat f'Diċembru 2021 enfasizza in-nuqqasijiet xokkanti fit-tmexxija tal-konċessjoni meta kienet taħt il-kontroll ta' *VGH*.

10 Bil-Malti ngħidu "stat ta' dritt".

»51. L-*NAO* osserva illi *"none of the major concession milestones were achieved when the concession was under the VGH's control*" u enfasizza illi "*all subsequent failures registered in this concession by Government […] The Government's acquiescence to the evident inadequacies of the VGH reflected ineffectiveness, mirroring the VGH's failure to deliver on its commitments"*.

»… … …

»Il-verità … hi illi l-konċessjoni bdiet tisfaxxa b'riżultat tal-fallimenti inevitabbli ta' *Vitals* u tan-nuqqas ta' *oversight* pubblikament ikkonfermata tal-Gvern ta' Malta … … …«

29. Stabiliti dawn il-fatti u konklużjonijiet, li r-relevanza tagħhom tidher aktar 'il quddiem, ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuti l-oħra dwar l-ammissibilità tal-appell. L-eċċezzjonijiet igħidu hekk:

»L-esponenti jissottomettu illi l-appell tat-tliet soċjetajiet appellanti huwa inammissibbli għal erba' raġunijiet:

»A. Karenza ta' presuppost proċesswali: Nuqqas ta' interess ġuridiku;

»B. Partijiet notevoli mill-appell ma jikkonċernawx id-dispożittiv tas-sentenza, iżda kostatazzjonijiet u/jew dikjarazzjonijiet li saru *obiter;*

»Ċ. It-talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni hija sempliċement frivola jew vessatorja;

»D. L-appell miżgħud, fi ħdan ta' u bil-pretest ta' sfond fattwali, b'alleg-azzjonijiet infondati u inveritieri li, fi kwalsiasi każ, ma jirriżultawx mill-atti proċesswali.«

30. L-ewwel eċċezzjoni – "karenza ta' presuppost proċesswali: nuqqas ta' interess ġuridiku" – ġiet imfissra hekk:

»*In vista* tan-nuqqas t'interess ġuridiku tat-tliet soċjetajiet appellanti, l-appell sar inammissibbli. Jibda' biex jingħad illi t-tliet soċjetajiet appellanti huma firmatarji tas-*Services Concession Agreement for the Redevel-opment, Maintenance, Management, and Operation of the Sites at St Luke's Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital*. *Inoltre*, l-istess tliet soċjetajiet, fis-16 ta' Marzu 2023, inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell mis-soċjetajiet appellanti, innotifikaw lill-Gvern ta' Malta b'dak li huma sejħu *termination notice* (liema kommunikazzjoni l-Gvern ta' Malta ikkontesta bħala invalida u ineffettiva permezz ta' risposta tiegħu tas-17 ta' Marzu 2023, u konsegwentement, fil-21 ta' Marzu 2023, il-Gvern ta' Malta innotifika lis-soċjetajiet appellanti li kien qiegħed jittermina l-konċessjoni u javalixxi ruħu mid-drittijiet tiegħu għal *control step-in*). Isegwi, għalhekk, illi ġjaladarba s-soċjetajiet appellanti indikaw, b'mod ineffikaċi u ineffettiv, l-intenzjoni tagħhom li ma jibqgħux marbuta mas-*Services Concession*

*Agreement*, il-proġett u l-konċessjoni (it-*Transaction Agreement*), bil-konsegwenti terminazzjoni effettiva tal-Gvern ta' Malta, l-istess soċjetajiet appellanti m'għadhomx igawdu mill-interess ġuridiku, li huwa presuppost proċesswali li ma jistax jiġi estiż f'kawża ta' din in-natura/xorta (waħda purament ċivili, u mhux kostituzzjonali), sabiex imexxu l-appell tagħhom. Id-dokumenti hawn fuq imsemmija m'humiex qegħdin jinġiebu a kon-jizzjoni ta' din il-qorti sabiex hi tippronunzja ruħha fir-rigward *stante* illi l-kontenut tagħhom għal kollox jeżorbita minn din il-vertenza, iżda sempliċement in sostenn tal-karenza ta' interess ġuridiku tas-soċjetajiet appellanti hawn appena sollevata. Fil-fatt it-teminazzjoni tal-Gvern ta' Malta innotifikata fil-21 ta' Marzu 2023 saret bla preġudizzju għal dawn il-proċeduri, jiġifieri bla preġudizzju għal pronunzjament ta' din il-qorti u l-effetti li tali pronunzjament jista' jkollu.

»Anke fl-assenza ta' provediment *ad hoc* fil-Kodiċi ritwali tagħna, l-interess li wieħed jaġixxi hu kondizzjoni *sine qua non* ta' kull azzjoni jew proċedura. Dan sija għall-inizju ta' kawża in kwantu preordinat għall-otteniment ta' rimedju protett mil-liġi u sija wkoll għal kawża ta' ritrattazzjoni in kwantu għall-espressjoni "fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess" fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Għall-iskop tal-kwistjoni hawn involuta dak li jinteressa mill-viċin huwa x-xorta ta' interess li wieħed għandu jkollu biex jipproponi istanza t'appell. … … …

»Affermat dan, huwa prinċipju proċedurali wkoll, rakkolt mid-duttrina legali u l-ġurisprudenza, illi l-interess ġuridiku li jintitola parti f'kawża li tappella mis-sentenza jikkonkretizza ruħu fis-sokkombenza. Fl-aspett sostanzjali tagħha din is-sokkombenza tippresupponi li l-appellanti kien parti fil-ġudizzju u hi korrelata għall-preġudizzju li dan jgħid li sofra bil-fatt tad-deċiżjoni. Dan magħdud, il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tagħna jikkonsenti, però, skont l-artikolu 236 li "l-appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet in kawża, iżda wkoll minn kull min ikollu interess". Jinsab spjegat fil-ġurisprudenza illi anke hawn "il-kelma 'interess' għandha tiġi interpretata fis-sens illi dak l-interess irid ikun konkret, u jrid ikun jissussisti di fronte għal dak li kontra tiegħu tkun saret id-domanda". … … …

»Jekk is-soċjetajiet appellanti, *ex admissis*, jipposjedu *animus relinquere,* debitament rifless f'dak li jsejħu *notice of termination* tagħhom, għalkemm kategorikament oppost mill-Gvern ta' Malta kif ukoll minħabba t-termin-azzjoni tal-istess Gvern, ma jistgħux jiġu reintegrati fl-i*status quo ante*, jiġifieri fil-pussess tas-siti rispettivi bis-saħħa tal-impjant kuntrattwali, kemm jekk jiġi annullat l-impjant kollu u anke jekk jibqa' intatt u mhux mittiefes. Fil-konfront tas-soċjetajiet appellanti, b'kull rispett, jissussisti fatt sopravvenut għall-intavolar/preżentazzjoni tal-appell li jeżawrixxi jew jes-tingwi l-interess fl-istess appell *ab initio.* … … …

»L-interess irid iwassal għal riżultat t'utilità u ta' vantaġġ għal min jippro-poni d-domanda, sija jekk fl-ewwel istanza, sija jekk fl-istanza tal-appell. In partikolari, l-interess li wieħed jikkontesta sentenza jew xi kap tagħha għandu jkun deżunt mill-utilità ġuridika li mill-eventwali akkoljiment tal-aggravju jista' jidderivi lill-parti li tipproponih. Li jfisser illi, fejn ma tis-sussistix il-possibilità għall-appellanti li jikkonsegwi riżultat utli u ġuridika-ment apprezzabbli, jiġi nieqes l-interess ġuridiku u dan jagħmel l-appell inammissibbli.

»… … …

»Konsegwentement, l-appell, filwaqt li kien validu dakinhar li ġie intavolat, issa sar, *ipso jure*, inammissibbli.«

31. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-premessa illi, bit-*termination notice* minnhom mogħtija, is-soċjetajiet appellanti ma għandhomx aktar interess fil-konċessjoni. Dan l-argument huwa ħażin għal żewġ raġunijiet.

32. L-ewwel raġuni hi illi, kif jingħad fit-tweġiba stess, il-Gvern qiegħed jik-kontesta l-validità tat-*termination notice*, li jfisser illi, jekk il-kontestazzjoni hija valida, l-interess tas-soċjetajiet appellanti għadu jissussisti. Kif jingħad ukoll fit-tweġiba, it-*termination notice* u l-kontestazzjoni dwarha "m'humiex qegħdin jinġiebu a konjizzjoni ta' din il-qorti sabiex hi tippro-nunzja ruħha fir-rigward" u għalhekk il-kwistjoni jekk is-soċjetajiet appell-anti irrinunzjawx jew le għall-konċessjoni tibqa' miftuħa.

33. Raġuni oħra għala din l-eċċezzjoni ma hijiex tajba hija illi, indipend-entement mill-kwistjoni jekk it-*termination notice* tiswiex jew le, jista' jagħmel differenza għall-posizzjoni legali tas-soċjetajiet appellanti l-waqt meta tintemm il-konċessjoni, jekk hux meta ngħatat it-*termination notice* jew inkella jekk u meta tiġi pronunzjata r-rexxissjoni minħabba inadempi-ment jew inkella jekk u meta tiġi pronunzjata n-nullità *ab initio* tal-kon-ċessjoni. Dan qiegħed jingħad ukoll għax l-appell jolqot ukoll il-kwistjoni jekk is-sentenza appellata ippronunzjatx in-nullità tal-konċessjoni jew ir-rexxissjoni tagħha *ex nunc*. Dawn il-kwistjonijiet ikollhom relevanza għall-għanijiet ta' ħlasijiet jew restituzzjonijiet li jista' jiġri li jkollhom isiru, u għalhekk f'kull każ is-soċjetajiet appellanti għad għandhom interess fl-appell.

34. It-tieni eċċezzjoni – illi "partijiet notevoli mill-appell ma jikkonċernawx id-dispożittiv tas-sentenza, iżda kostatazzjonijiet u/jew dikjarazzjonijiet li saru *obiter*" – ġiet imfissra hekk:

> »Diversi sezzjonijiet tat-tieni parti tar-rikors tal-appell huma inammissibbli peress illi ma jindirizzawx id-*decide*, u ma jservux t'appell minnu. Dawn il-biċċiet jinkludu, *inter alia*,[1] it-tieni aggravju, fejn saħansitra s-soċjetajiet appellanti jammettu illi:
>
> > »"jidher illi kien importanti għall-qorti illi tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej u tagħti kulur lill-ġustifikazzjoni tagħha għas-sentenza, anke jekk, x'ħin naslu għad-*decide*, il-qorti tillimita ruħha biex tiddikjara b'mod ferm iżjed 'kawt' illi 'l-intimati *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* ma adempwewx u kisru l-obbligi tagħhom *ai termini* tal-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, tal-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u *addendum* illi saru sussegwente-ment'.
>
> » Meta wieħed jaqra r-rikors tal-appell iġib is-sensazzjoni illi s-soċjetajiet appellanti jixtiequ jaqilgħu xi affarijiet minn fuq l-istonku għaliex jinsabu irrabjati għall-qorti, għall-Gvern, u għall-istat, allavolja jafu ben tajjeb illi jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-artikolu 219 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-ewwel jifhem li r-*ratio decidendi* tas-sentenza ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni deċiżiva tal-qorti. Infatti dan l-istess artikolu jipprovdi li "Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv". Magħdud ma' dan, jekk wieħed jaqra l-artikolu 240 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè l-artikolu li jipprovdi għall-appell inċidentali, jiġi spjegat li appell jista' jsir minn "kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza". Għalhekk hawn huwa ċar li 'kap' qiegħed jirreferi għall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza.
>
> »It-tieni aggravju, is-sitt aggravju, is-seba' aggravju u t-tmien aggravju jikkostitwixxu appelli minn kostatazzjonijiet *obiter*, u għalhekk ma jinkwadrawx fid-*decide* … … …
>
> »… … …
>
> » Għalhekk, it-tieni aggravju, is-sitt aggravju, is-seba' aggravju u t-tmien aggravju huwa kollha inammissibbli *stante* illi ġew ibbażat biss fuq *obiter,* u ċjoè il-parti razzjonali tas-sentenza appellata, u mhux fuq il-parti operattiva/dispozittiva.«

35. Huwa minnu illi appell isir mill-parti dispositiva tas-sentenza, u mhux mill-motivazzoni, iżda xi drabi biex tattakka l-konklużjonijiet fil-parti dispositiva jkollok tattakka l-motivazzjonijiet li wasslu għal dawk il-konklużjonijiet. Jista' jkun imbagħad illi tassew illi xi aggravji ma jolqtux il-meritu jew ikunu irrelevanti; dan jista' jwassal biex dawk l-aggravji ma

jintlaqgħux jew jiġu skartati – ħaġa li narawha meta nqisu l-aggravji individwalment – iżda ma jivvizzjax l-appell kollu b'mod illi jirrendi l-appell "inammissibbli".

36. Din l-eċċezzjoni, għalhekk, safejn trid dikjarazzjoni ta' "inammissibilità" tal-appell hija wkoll miċħuda.

37. It-tielet eċċezzjoni – illi "t-talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni hija sempliċement frivola jew vessatorja" – tgħid hekk:

> »In kwantu jikkonċerna l-aggravji kostituzzjonali u/jew konvenzjonali u kif ukoll limitatament għal ilmenti ġodda naxxenti mill-istess allegazzjonijiet kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, jeżistu l-estremi sabiex l-appell jiġi ddikjarat irritu u null, u konsegwentement inammissibbli, proprju minħabba l-kostatazzjonijiet tal-ewwel qorti illi, fis-sentenza appellata, ġabet fix-xejn il-*modus operandi* adottat mis-soċjetajiet appellanti mhux biss għaliex ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħhom iżda għaliex ikkritikat bl-aħrax il-provi li tressqu in sostenn tal-istess eċċezzjonijiet.
>
> »Dan apparti l-fatt illi din il-qorti m'hijiex mogħnija b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali. *Ergo*, ma tistax tieħu konjizzjoni ta' ilmenti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali. Dan jinkludi ilmenti tas-soċjetajiet appellanti għaliex ġie akkorċjat it-terminu tal-appell permezz ta' deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ingħatat fl-1 ta' Marzu 2023. Apparti illi l-esponenti jippreżumu illi tali akkorċjament japplika ugwalment għar-risposta tagħhom, fl-assenza ta' dispożizzjoni espliċita fl-istess *dictum* is-soċjetajiet appellanti setgħu, kieku riedu, eżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt l-artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12. Issa li m'għamlux hekk, ma jistgħux jilmentaw, f'dan l-istadju, illi l-akkorċjament illedielhom id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. Fi kwalsiasi każ, il-leżjoni tad-dritt trid mhux biss tkun waħda ipotetika imma fattwali – il-fatti juru li bil-preżentata ta' rikors t'appell ta kważi mitt faċċata, u kontestwalment żewġ rikorsi oħra, is-soċjetajiet appellanti ma subew l-ebda dannu jew preġudizzju. *Tutt'altro*. Madankollu, anke f'proċeduri kostituzzjonali t-terminu prevalenti sabiex wieħed jeżerċita d-dritt t'appell huwa ta'għoxrin jum, u żgur li m'huwiex leżiv ta' xi dritt fundamentali. Addirittura, appell abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jista' jsir biss entro tmint ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza. Isegwi illi t-terminu akkorċjat jaqa' fi ħdan il-parametri ta' dak li huwa raġjonevoli għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.
>
> »Anke li kieku, għall-grazzja tal-argument biss, din il-materja kellha tispiċċa quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, in-natura (merament) frivola tal-kweżit jissussisti. Kuntrarjament il-kwistjoni mqanqla tibqa' kif inhi, jiġifieri merament frivola jew vessatorja. Fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm ebda appell minn deċiżjoni meta talba jew kweżit ikun iddikjarat frivolu jew vessatorju. Is-subartikoli surreferiti għandhom l-istess test: "Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu (l-artikolu 46 tal-

Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-każ) li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja".

»Fis-sentenza tagħha, l-ewwel qorti kienet ċara u inekwivoka fil-fehma tagħha meta iddikjarat, mingħajr tlaqliq, illi:

> »"Din il-qorti tistqarr illi hija tassew perplessa bil-faqar tal-provi illi s-soċjetà *Steward* ressqu quddiem dina l-qorti, liema faqar probabbilment jirrifletti l-faqar ta' investiment, proġetti u ippjanar filfutur illi l-istess *Steward* għandha ppjanat."

»Altru milli jeżisti *bias* tal-ewwel qorti, kif ilmentat fir-rikors tal-appell; tissussisti perplessità fis-sens illi l-ewwel qorti ma setgħetx tifhem kif, f'kawża fejn hemm talba sabiex jiġu annullati u rexissi l-kuntratti, l-intimati konċessjonarji bil-kemm ippreżentaw provi sabiex jikkumbattu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kontrihom konsistenti fl-inadempjenza tal-obbligi kuntrattwali tal-konċessjonarju. Żgur ħadd ma jista' jtiha tort lill-ewwel qorti jekk ħasbet hekk u esprimiet tali perplessità. Naturalment, issa, *ex post facto*, inkixef l-animu tas-soċjetajiet appellanti, u nafu il-għaliex qagħdu lura milli jippreżentaw, quddiem l-ewwel qorti, dak li jippreżentaw abużivament quddiem din il-qorti fl-istadju tal-appell. … … …

»… … … Għalhekk, il-kelma 'faqar', użata tliet darbiet mill-ewwel qorti, għandha l-istess tifsira, l-istess diċitura u l-istess effett tal-kliem 'ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa missens, li ma jistħoqqiliex attenzjoni'.

»Tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi, u limitatament għal-lanjanzi kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, *ai termini* tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appell huwa wieħed irritu u null u konsegwentement inammissibbli. Għalhekk din il-qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' kwalsiasi lanjanza kostituzzjonali u/jew konvenzjonali.«

38. Appell fieragħ jew vessatorju jista' jwassal għas-sanzjoni tal-ispejjeż għal darbtejn taħt l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew ta' spejjeż addizzjonali taħt para. 10 tal-Iskeda A tal-istess Kodiċi, iżda mhux għall-inammissibilità tal-appell. Jekk l-aggravji humiex tassew fiergħa narawh meta nqisuhom individwalment u mhux fil-kuntest ta' eċċezzjoni ta' inammissibilità.

39. Barra minn hekk, il-fatt illi "l-ewwel qorti …, fis-sentenza appellata, ġabet fix-xejn il-*modus operandi* adottat mis-soċjetajiet" ma jistax iċaħħad lillparti telliefa milli tressaq appell meta l-appell jolqot ukoll il-"kostatazzjonijiet" magħmula fis-sentenza appellata. Din ma hijiex kawża kostituzz-

jonali u għalhekk, ukoll jekk b'xi mod l-ewwel qorti tista' tiġi interpretata li qieset il-każ tas-soċjetajiet appellanti bħala "sempliċement" frivolu jew vessatorju, l-appell ma jintlaqatx bl-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew bl-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

40. Ukoll, il-fatt li din il-qorti ma hijiex ta' kompetenza kostituzzjonali ma jfissirx illi ma għandhiex tinterpreta u tapplika l-liġi ordinarja b'mod konformi mal-Kostituzzjoni.

41. Din l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

42. L-aħħar eċċezzjoni – illi "l-appell miżgħud, fi ħdan ta' u bil-pretest ta' sfond fattwali, b'allegazzjonijiet infondati u inveritieri li, fi kwalsiasi każ, ma jirriżultawx mill-atti proċesswali" – tgħid hekk:

> »Sempliċi qari tar-rikors tal-appell għandu jwassal lil din il-qorti sabiex tikkonstata illi s-soċjetajiet appellanti jiddedikaw kważi terz tar-rikors tal-appell tagħhom għas-segwenti:
>
> »• rakkont fantastiku (iktar milli ġuridiku) ta' allegati fatti li ma jinsorġu minn ebda prova naxxenti mill-atti proċesswali, lanqas minn dawk li skorrettement ressqu fl-istanza tal-appell. Dan qed jingħad ukoll għaliex *quod non est in actis non est in mundo*;
>
> »• allegazzjonijiet serji diretti fil-konfront ta' korpi kostituzzjonali u/jew tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż, inkluzi l-qrati tagħna, fost oħrajn, bħall-*NAO*;
>
> »• argumentazzjonijiet li s-soċjetajiet appellanti qatt ma qanqlu fl-istadji opportuni;
>
> »• diversi attentati li permezz tagħhom is-soċjetajiet appellanti donnhom jittantaw jingannaw lil din il-qorti fil-valutazzjoni tal-fatti rilevanti; u kif ukoll
>
> »• bi ksur tad-dettami tal-artikolu 994 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, disprezz lejn l-ewwel qorti li lilha jittantaw jatribwixxu intenzjonijiet nefarji meta, għal diversi drabi, jinsistu li dik il-qorti kellha xi intenzjoni li, akkost ta kollox, issalva l-kawża.
>
> »Dawn, kemm individwalment u *multo magis* kumuluttivament, irendu l-appell inniffsu, jew almenu partijiet imdaqqsa mir-rikors tal-appell, inammissibbli. … … …
>
> »Huwa emblematiku kif fil-każ odjern hemm similitudni sinjifikanti maċ-*change-your-position-as-you-go-along sort of strategy* … … … Dan

għaliex is-soċjetajiet appellanti għamlu proprju dan: biddlu l-pożizzjoni tagħhom *stradafacendo* u skont kif huma deherilhom li ser ikun jaqbillhom jagħmlu f'diversi stadji/perijodi ta' din is-saga. Dan għamluh b'ottika strateġika u futuristika.

»Qed tiġi inserita lista (i-vii) ta' allegazzjonijiet infondati u inveritieri li jispikkaw, fost oħrajn, hekk kif ġew espressi fir-rikors tal-appell:

»i. Fil-kuntest tal-paragrafu 31 tar-rikors tal-appell, għandu jiġi sottolinejat illi l-Gvern ma ppermetta l-ebda trasferiment ta' kuntratti, imma *se mai* ikkonċeda li l-ishma ta' *VGH* jiġu trasferiti lil *Steward*, b'konsegwenza li Steward u VGH, ai finijiet u effetti kollha tal-liġi, huma entità ġuridika waħda bla ebda distinzjoni u bla disturb talelementi kollha kontrattati. Għalhekk il-kumpanija *VGH*, illum *Steward*, trid dejjem tirrispondi għall-għemil tagħha, anke dak li jista' jkun preċedenti għal kwalunkwe bejgħ ta' ishma. Kieku dan ma huwiex il-każ, il-personalità ġuridika tas-soċjetajiet, u għalhekk il-kontinwità tal-persuna ġuridika, tiġi ghal kollox reża fix-xejn. Li kieku l-argument tas-soċjetajiet appellanti kellu xi forma ta validità, ċertament kienu jinvokawh l-istess soċjetajiet fid-difiża kontra kredituri preċedenti ta' *VGH*, ħaġa li m'għamlux għax ma setgħu qatt jagħmlu dan. Dan sabiex ma jissemmiex il-fatt li kien dejjem inkombenti fuq *Steward* li taghmel id-*due diligence* tagħha qabel ma akkwistat il-kumpanija *VGH*, u mhux illum tinħeba wara dan l-istess nuqqas biex tipprova teżimi ruħha mir-responsabbilità. Finalment ma jistax ma jiġix innutat li uffiċjali għolja ta' *VGH* huma illum ukoll uffiċjali għolja ta' *Steward*, liema uffiċjali kienu ben konsapevoli ta' dak kollu li sar minn *VGH* u l-azzjonijisti tagħha. Illum l-appellanti titqanżah targumenta li dan id-*due diligence* m'għamlitux minħabba xi insistenza tal-Gvern. Fir-rigward jiġi rilevat illi fl-ewwel lok dan huwa inveritier u dan kif jixhed is-*Share Purchase Agreement* ippreżentat fl-atti tal-protest ġudizzjarju bin-numru 268/18 ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2018. Ma jirriżulta minn ebda provi in atti u lanqas minn dawk li qed jittantaw iressqu l-appellanti llum li m'huma xejn ħlief dikjarazzjonijiet unilaterali tal-uffiċjali tagħha; u jekk vera dan in-nuqqas seħħ, seħħ b'xelta unika tas-soċjetajiet appellanti li ma ridux jitilfu *its lead position*.

»ii. F'dak li jirrigwarda l-paragrafu 38 tar-rikors tal-appell, jingħad illi l-Gvern qatt ma kien b'xi mod aċċetta jew ftiehem mas-soċjetajiet appellanti li l-konċessjoni tkun '*bankable'* jew kwalunkwe kliem oħra simili. Dan jingħad għal diversi raġunijiet, imma primarjament għassegwenti, senjatament illi:

»a. M'hemm l-ebda provi ta' tali ftehim fl-atti proċesswali, u addirittura lanqas mid-dokumenti illum miġjuba mill-appellanti li l-preżentata tagħhom qed tiġi ikkontestata. Fil-fatt ħarsa lejn tali dokumentazzjoni għandha faċilment turi li, minkejja kull sforz li tali kelma jew kliem tal-istess effett jiġi rikonoxxut mill-Gvern, dan effettivament qatt ma sar;

»b. Anzi, … għandu jiġi nnutat illi l-appellanti intrabtu irrevokabbilment li *"Steward confirms that it would be able to finance its own obligations, and those of the Concessionaire companies under the Concession Agreements, through Steward group's resources and relationships,"* rabta li a bażi tagħha l-Gvern aċċetta t-trasferiment tal-ishma a favur tal-appellanti;

»ċ. Għall-kuntrarju ta' dik il-prova li l-appellanti jippruvaw jagħmlu mill-istqarrijiet tal-Gvern lill-*EUROSTAT*, li fil-fatt juru dawk id-dokumenti huwa li l-Gvern ried jinnegozja obbligi ferm aktar onerużi fuq il-koncessjonarji billi jneħħi "*the presence of a minimum revenue guarantee",* jillimita l-eventi li jistgħu jiġu ikkunsidrati forza maġġuri, jemendaw il-konsegwenzi f'każ ta' terminazzjoni minħabba tibdil fil-liġi billi jitneħħa kull penali kon-segwenzjali, u li l-konċessjonarju jsofri l-ispejjeż naxxenti minn *GoM Control Step-In*, fost l-oħrajn. Dan *stante* li l-*EUROSTAT* kienet ikkonstatat li, kif redatt il-kuntratt, ir-riskju tal-konċessjoni kien qed jaqa fuq il-Gvern u mhux fuq il-konċessjonarju u b'hekk iwassal għal "*on government balance sheet recording*", u dan kif jirriżulta f'kapitolu 7 tat-tieni rapport tal-NAO datat Diċembru 2021;

»d. Għandu jirriżulta bil-wisq kurjuż illi fl-ittra ta' protesta datata 27 ta' Settembru 2021 ma ssir l-ebda referenza għal *MOU* allegatament iffirmat mal-Gvern qabel ma l-appellanti daħlu fil-konċessjoni, liema allegat *MOU*, huwa bla data u firem;

»e Fir-risposta tas-6 ta' Diċembru 2021 għall-ittra hawn fuq immed-jatament imsemmija il-Gvern kategorikament irribatta l-allegazz-jonijiet kollha li l-appellanti għamlu f'dik l-ittra u li qed jerġgħu jittentaw jagħmlu f'dan l-appell.

»iii. M'huwiex minnu, kif allegat fil-paragrafu 40 tar-rikors tal-appell, illi l-Gvern ta' Malta stieden lil *Steward* sabiex jieħdu l-konċessjoni minn *Bluestone*. Ma tirriżultax mill-atti proċesswali, u lanqas tirriżulta minn ebda dokument ġdid li ġie ippreżentat mis-soċjetajiet appellanti.

»iv. L-istess jingħad, addirittura, fir-rigward tat-tieni *footnote* tar-rikors tal-appell li, wieħed jifhem, tikkontjeni *weblink* li għandha issaħħaħ u tissostanzja l-allegazzjonijiet naxxenti mill-paragrafu 66. Dan, però, m'huwiex il-każ għaliex l-Onor. Prim Ministru ma tenniex hekk, skont kif irrapurtat fil-*weblink* li tinsab fil-*footnote* stess.

»v. Fil-paragrafu 65 tar-rikors tal-appell, għal darb' ohra *Steward* donn-hom jittantaw jingannaw lil din il-qorti. Ma huwa vera xejn li l-Ministru tas-Saħħa b' xi mod ried li t-trasferiment tal-ishma lil *Steward*, jew ir-rinegozzjar ma *Steward "needs to be closed this week".* Fl-ewwel lok huwa evidenti mill-*email* li minnha tirriżulta dik id-dikjarazzjoni li s-suġġett in diskussjoni kien ftehim li l-Gvern kien qiegħed jagħmel mal-*MAM*, permezz ta' liema kuntratt, fost oħrajn, il-Gvern ikkom-metta li, minkejja l-konċessjoni, is-servizz tas-saħħa f'pajjiżna kien ser jibqa dejjem servizz pubbliku. Fil-fatt, ftit jiem wara dan, l-istess kuntratt gie konkluż. Fit-tieni lok ċertament dan ma setax kien qed isir in referenza għall-akkwist tal-ishma ta' *VGH* minn *Steward*, fatt li kien ġà seħħ ċirka xahrejn qabel ma saret dik id-dikjarazzjoni, u lanqas seta' remotament kien in referenza għal xi rinegozzjar tal-kuntratt *stante* illi a) l-istess ministru ma kienx parteċipi f'dawk in-negozjati u b) l-ewwel abbożż a konsiderazzjoni tal-Gvern li *Steward* għamlu, u li abbażi tiegħu kellhom jibdew id-diskussjonijiet, kien sar f'Ġunju tal-2018, u *cioè* xhur wara dik l-istess dikjarazzjoni.

»vi. Fil-paragrafu 88 il-*Memorandum of Understanding* li għalih issir referenza huwa *non-binding,* tant illi, fil-fatt, qatt ma kien ġie awto-rizzat mill-Gvern (Kabinett). Wieħed ukoll ma jistax ma jistaqsix il-għaliex kien hemm bżonn ta' dan in-*non-binding MOU* meta suppost

*Steward* kellha f'idejha *a binding MOU* ġà mis-sena 2017, u il-għaliex dan l-allegat *MOU* ma ssir referenza għalih imkien, la fl-*MOU* ta' 2019 u lanqas f'ebda dokumentazzjoni oħra u korrispondenza mal-istess socjetà.

»vii. Irid jintqal, f'dak li jikkonċerna l-paragrafu 90, illi d-diskussjonijiet kienu qegħdin isiru fl-isfond ta mekkaniżmi għall-iżblokk ta' diversi disputi rreġistrati bejn il-partijiet, u dan wara li l-Ministeru tas-Saħħa kien ħareġ *Rectification Notice* kontra *Steward*. Il-qagħda tal-Gvern kienet waħda ċara, u *cioè*, li t-termini tal-kuntratt ma kinux in diskussjoni imma kien hemm kwistjoni t'interpretazzjoni tal-istess kuntratti.

»viii. Fl-ambitu tal-paragrafu 102, il-*client requirements ai termini* ta' disinji kienu ġà determinati fil-kuntratt. Il-Gvern kemm għamel kambjamenti żgħar sabiex jaqdi l-eżigenzi tal-komunità, tibdiliet li l-kuntratt jippermettilu jagħmel. Il-*Project Management Board,* li għalih qed jagħmlu referenza s-soċjetajiet appellanti, twaqqaf milli jkompli jiffunzjona minnha stess fl-2019, u kien biss wara insistenza qalila u wara diversi oppożizzjonijiet minn *Steward* li rega' ġie kompost fl-2022. Id-disinji ippreżentati minn *Steward* ma jikkonformawx mal-i*standards* adoperati f'Malta u, minkejja li kienu infurmati b'dan, *Steward* baqgħu qatt ma aġġornaw l-istess disinji b' koerenza mad-*design standards* adoperati fis-servizz pubbliku Malti.

»Il-punti supesposti rigwardanti l-isfond fattwali qegħdin isiru biss in replika għar-rakkont fantastiku tas-soċjetajiet appellanti li m'għandhom l-ebda bażi fattwali u ġew intromessi fir-rikors tal-appell abużivament u bi ksur tad-dettami proċedurali. Jekk din il-qorti taqbel mal-esponenti li dawn għandhom jiġu sfilzati, jew tal-anqas injorati, mela din l-qorti tista' hekk ukoll tinjora l-lista (i-viii).«

43. Tassew illi fir-rikors tal-appell hemm xi kliem żejjed u mhux xieraq, u wkoll dak li forsi jista' jitqies bħala tehdid sottili. Dan jista' jwassal biex il-qorti tordna l-isfilz tal-kliem żejjed jew, forsi b'aktar pratiċità, li tinjorah, iżda ma jwassalx biex jivvizzja l-appell kollu. Tassew ukoll illi, partikolarment fir-rakkont tal-fatti, hemm osservazzjonijiet u allegazzjonijiet illi ma għandhom ebda relevanza għal dan l-appell, fosthom fejn l-appellanti jirrakkontaw il-verżjoni tagħhom ta' x'wassal lill-azzjonisti tagħhom jiksbu l-ishma fihom mingħand l-azzjonisti oriġinali. Din iżda ma hijiex kawża tal-azzjonisti; hija kawża fejn is-soċjetajiet appellanti, minkejja l-bdil fl-azzjonisti, baqgħu dejjem l-istess persuni legali, u għalhekk dak li

għadda bejn il-Gvern u l-azzjonisti tallum biex wassal illi dawn jiksbu l-ishma ma għandu ebda relevanza għal din il-kawża.

44. Madankollu, dan *se mai* iwassal biex l-argumenti tas-soċjetajiet relativi għal dan l-episodju jitwarrbu u aggravji msejsa esklużivament fuqhom jiġu miċħuda, iżda mhux biex l-appell jitqies inabbissibbli *ab initio*.

45. Din l-aħħar eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda, u nistgħu ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-appell.

46. L-ewwel aggravju jrid in-"nullità imsejsa fuq nuqqas ta' kjarezza tar-rikors maħluf" u ġie mfisser hekk:

> »108. L-appellanti jsostnu illi l-ewwel qorti kienet żbaljata u injorat il-liġi applikabbli meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nullità msejsa fuq nuqqas ta' kjarezza tar-rikors maħluf imressaq mill-attur.
>
> »109. Fir-raġunament tagħha dwar dan il-punt, il-qorti kienet xotta u mhux konvinċenti. Stqarret biss illi, filwaqt illi l-formaliżmu huwa parti essenzjali minn proċeduri ġudizzjarji, dana "ma jfissirx illi tali formaliżmu għandha tintuża b'mod asfissjanti sabiex ixxekkel u twaqqaf proċeduri li jkunu nbdew quddiemha b'mod leġittimu".
>
> »110. L-appellanti madanakollu jsostnu illi dan in-nuqqas t'approċ professjonali, fejn kollox huwa aċċettabbli u kollox jgħaddi purkè l-"kawża tiġi salvata" hija żbaljata mill-bidunett, u forsi fiha nsibu l-għerq tal-problematika kollha tas-sentenza appellata.
>
> »111. Nitilqu mill-fatt illi, għalkemm l-attur jagħmel referenza għall-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jonqos illi, fir-rikors maħluf tiegħu, jindika l-artiklu li fuqu qiegħed jibbaża l-kawża tiegħu, u għalhekk mhux biss jonqos illi jirrispetta, kif jintqal f'iżjed dettall, l-artiklu 156(1)(*a*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jikser ukoll id-drittijiet tal-konvenuti illi jkunu mgħarrfa b'mod ċar dwar il-bażi tat-talba biex hekk ikunu jistgħu iressqu difiża idoneja. Kuntrarjament għal dak li qalet il-qorti, meta l-appellanti rrelevaw in-nullità stante nuqqas ta' kjarezza, ma kinux qegħdin "ifettqu", iżda ġenwinement kienu qed jissenjalaw il-fatt illi hemm diskrepanza bejn il-premessi tal-każ kif imressqa, u l-Kap. 573, u għalhekk kien hemm lok, jekk mhux ta' nullità, almenu ta' kjarifika tan-natura tal-każ.
>
> »112. Dan jingħad għaliex minn qari tal-premessi tar-rikors maħluf huwa ċar illi l-attur kien qed isejjes il-kawża tiegħu fuq allegat ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-konċessjoni. Madanakollu, il-Kapitlu 573 ma jagħti ebda lok ta' tħassir, fuq talba ta' membru parlamentari, fil-kuntest ta' "ksur ta' obbligi fil-konċessjoni" u allura mad-daqqa t'għajn hemm kontradizzjoni pależi bejn il-premessi u t-talbiet.

»113. Bl-istess mod, il-kawża tfixkel għal kollox il-kunċett ta' "nullità" u "rexxissjoni/terminazzjoni kawża ta' inadempjenza". Nullità timplika illi l-konċessjoni enfitewtika u r-*Related Instruments* kellhom jitqiesu nulli *ab initio*. Għall-kuntrarju, terminazzjoni, minnha nfisha, timplika illi kuntratt jew kuntratti li kienu oriġinarjament validi u jorbtu lill-partijiet, għandhom jiġu terminati bħala konsegwenza ta' inadmepjenza.

»114. Kien proprju dan li wassal lill-appellanti jqajmu eċċezzjoni pre-liminari illi l-kawża hija nieqsa minn "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża". Il-premessi u t-talbiet jqiegħdu f'qoffa waħda l-konċessjoni enfitewtika, illi tikkonsisti f'għotja ta' art, u r-*Related Instruments*, illi huma kuntratti ta' servizz. Il-Kapitlu 573 imkien ma jipprovdi għall-konnessjoni ta' kuntratti oħra, separati u ta' natura differenti ma' "għotja ta' art". Il-premessi u t-talbiet jikkonfondu wkoll it-"tħassir" tal-kuntratti, ma' allegazzjoni ta' inadempjenza kuntrattwali, meta huwa ċar illi inadempjenza kuntrattwali mhux neċessarjament tiġġustifika "tħassir" ta' kuntratt u, f'kull każ, tinkombi fuq il-partijiet illi jinvokawha. Dawn huma kollha punti ta' konfużjoni bejn kunċetti legali differenti u l-effetti distinti tagħhom, illi ċertament l-ewwel qorti kellha tqis bir-reqqa, li kieku ma kinitx daqshekk ħerqana illi tilħaq l-iskop dikjarat tagħha illi "ssalva l-kawża".

»115. Waqt is-smigħ rajna wkoll bidla fl-approċ fejn minflok jiffoka fuq l-allegat ksur, l-attur uża seduta wara l-oħra biex jitfa' dubbju fuq il-proċess ta' *procurement* illi wassal għall-għoti tal-konċessjoni bil-għan illi jbiddel il-punt fokali tal-kawża u l-oġġett tat-talbiet tiegħu. Dan, però, ma jirriflettix il-premessi u t-talbiet tal-kawża, illi jirreferu għal ksur ta' kundizzjonijiet jew obbligazzjonijiet li allegatament seħħew *wara* li kienet fis-seħħ il-lonċessjoni.

»116. F'dan ir-rigward, l-attur lanqas iqis illi l-proċess ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi jaqa' f'ambitu ta' liġijiet speċjali oħra (il-liġijiet dwar kuntratti pubbliċi jew, fi kliem ieħor, l-ordinament tal-*public procurement*) illi jir-regolaw il-qasam, fosthom ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, ir-Regolament dwar Kuntratti ta' Konċessjoni u liġijiet sussidjarji oħra dwar l-akkwist pubbliku li huma lkoll ibbażati fuq Direttivi tal-Unjoni Ewropeja u prinċipji żviluppati mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-qafas ta' leġis-lazzjoni dwar l-akkwist pubbliku jipprovdi rimedji speċjali u speċifiċi u jistipula illi kwalunkwe lment dwar proċess ta' *procurement* – bħal talbiet għal "ineffettività" ta' kuntratt pubbliku – għandhom jiġu deċiżi minn *fora* speċjalizzati (bħal, ngħidu aħna il-Bord ta' Reviżjoni ta' Kuntratti Pubbliċi jew, fil-każ speċifiku ta' konċessjonijiet dwar servizzi tas-saħħa, mill-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa) kif se jingħad f'iżjed dettall fil-kuntest tat-tielet aggravju.

»117. Għalhekk, l-argumenti tal-attur, safejn imsejsa fuq ksur ta' liġijiet ta' *procurement*, huma irrilevanti għal din il-kawża, kemm għaliex ma jinkwadrawx fil-parametri tal-premessi u talbiet, kif ukoll għaliex azzjonijiet ta' kontestazzjoni ta' proċess ta' *procurement* huma regolati b'mod differenti – kemm proċeduralment u kemm fil-mertu – minn kawża ċivili. L-ewwel qorti kellha tinduna b'dan, li kieku, kif intqal, ma kinitx daqshekk ħerqana illi tilħaq l-iskop dikjarat tagħha illi "ssalva l-kawża".

»118. Fid-dawl ta' dawn il-kontradizzjonijiet, l-eċċezzjoni ta' nullità mressqa mill-appellanti altru li ma kellhiex titqies li kienet xi difiża frivola jew "asfissjanti". Ir-rikors maħluf kif inhu huwa konfuż u kontradittorju b'dan illi ironikament iġġjova lill-attur stess għaliex il-qorti meta ġiet biex

tikkunsidra t-talbiet tal-attur, "fehmet dak li riedet" sakemm dan kien isostni l-konklużjoni li kienet qed tfittex illi tilħaq. Kif intqal, il-qorti ma kinitx tagħmel dan, li kieku ma kinitx daqshekk ħerqana illi tilħaq l-iskop dikjarat tagħha illi "ssalva l-kawża".

»119. Issir referenza għall-artikolu 156(1)(*a*) tal-Kap. 12, illi minnu jirriżulta l-obbligu illi (i) l-attur jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għat-talba tiegħu; (ii) l-oġġett u r-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) it-talba jew talbiet għandhom ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-rikors maħluf u (iv) dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża.

»… … …

»123. … … … għalkemm in-nullità hija rimedju estrem, il-qorti għandha ċertament tqis b'attenzjoni jekk il-kontradizzjonijiet u nuqqas ta' kjarezza fir-rikors maħluf kinux ta' preġudizzju għall-konvenuti. L-appellanti jsotnu illi f'dan il-każ ċertament kienu ta' preġudizzju, għaliex il-konfużjoni totali u n-nuqqas ta' kjarezza saħansitra wasslu biex il-qorti "qrat" fil-premessi u fit-talbiet "raġunijiet" għat-talba (ngħidu aħna b'rabta mal-provi) illi b'ebda mod ma jirriżultaw mill-premessi u mit-talbiet.

»124. L-ewwel qorti kienet ċaħdet it-talba tal-konvenuti illi l-eċċezzjonijiet preliminari jiġu deċiżi qabel il-mertu, u b'dan ikkundizzjonat il-bqija tal-każ fis-sens illi l-kontradizzjonijiet u n-nuqqas ta' kjarezza fir-rikors maħluf baqgħu qatt ma ġew indirizzati, bi preġudizzju għall-appellanti. Hawn ta' min jgħid illi anke jekk il-qorti dehrilha li m'hemmx l-estremi ta' nullità, kien fil-poter tagħha illi titlob dawk l-emendi u l-kjarifiki meħtieġa fir-rikors maħluf. Dan iżda qatt m'għamlitu. Kjarament, li kieku għamlet dan, kienet tpoġġi f'riskju l-għan dikjarat tagħha illi "ssalva" l-każ.

»125. Ir-riżultat huwa illi din il-kawża ġiet deċiża abbażi ta' rikors li huwa null għaliex kontradittorju u mhux ċar, minbarra l-fatt illi, bil-konfużjoni li tirrenja fl-istess rikors, dan ippreġudika d-drittijiet tal-appellanti għal smigħ xieraq u ċaħħadhom mill-opportunità li jressqu difiżi opportuni.

»126. Kemm l-attur mexa b'diżinvoltura totali lejn proċedura jidher ukoll min-nuqqas tiegħu illi jikkorreġi aspetti tar-rikors maħluf, inkluż fl-okkju tal-każ, sabiex jiġu riflessi kambjamenti illi seħħew fil-kors tal-proċeduri.

»127. B'rabta ma' dan, jiġi osservat illi l-attur Dr Adrian Delia baqa' sal-aħħar indikat illi qiegħed jipproċedi f'dan il-każ bħala "Kap tal-Oppożizzjoni", rwol illi huwa ilu li ħalla fl-2019, filwaqt illi fost il-konvenuti hemm indikat Joseph Muscat bħala "il-Prim Ministru" minkejja il-fatt li Joseph Muscat irriżenja minn dan ir-rwol fil-bidu tal-2020 wara li kien ħabbar li se jagħmel dan f'Diċembru 2019.

»128. Dawn mhumiex biss leġġerezzi imma jkomplu jikkonfondu ir-rwol illi fih kien qiegħed jiftaħ il-kawża l-attur bir-riżultat illi l-elementi legali tal-każ ġew sakrifikati għall-isfera politika. L-attur, bħala l-individwu illi kien qed jipproponi l-kawża, kellu l-obbligu illi jitlob il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-okkju tal-każ, kif kien jinkombi wkoll fuq il-qorti illi jeħtiġilha timxi mal-liġi u l-proċedura – anke jekk, anke fuq dan il-punt, il-qorti probabbilment irraġunat illi dawn huma dettalji irrelevanti, dejjem bil-ħsieb illi ssalva l-kawża.

»129. L-appellanti għalhekk jinsistu illi s-sentenza tal-Prim Istanza għandha tiġi revokata u r-rikors promotur jitqies null u bla effett minħabba

> nuqqas ta' kjarezza u minħabba għeltijiet proċedurali li baqgħu sal-aħħarnett mhux indirizzati.«

47. Dan l-aggravju jattakka l-validità tar-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża; mhux qiegħed jattakka s-sentenza. Il-kwistjoni jekk l-ewwel qorti iddik-jaratx nullità *ab initio* tal-konċessjoni jew inkella rexxissjoni *ex tunc* hija ħaġa li qamet wara, fis-sentenza, u mhux fir-rikors maħluf, u għalhekk ma tolqotx il-validità tar-rikors. L-argument imsejjes fuq id-distinzjoni bejn nullità u rexxissjoni minħabba inadempiment huwa għalhekk barra minn loku fil-kuntest tal-kwistjoni jekk ir-rikors jiswiex jew le.

48. L-oġġett tal-kawża kif imfisser fir-rikors maħluf huwa biżżejjed ċar: dak li qiegħed jintalab hu li titħassar il-konċessjoni minħabba inadempiment min-naħa tal-konċessjonarji. Ma hemm xejn "konfuż u kontradittorju" f'dan. Jekk imbagħad l-attur kellux leġittimazzjoni attiva biex iressaq il-kawża jew setax iressaqha taħt l-Att dwar Artijiet tal-Gvern ["Kap. 573"], jew setax jitlob li jitħassru kemm l-enfitewsi u kemm ir-*related instruments*, jew kellux imexxi taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku ["L.S. 601.03"] jew taħt ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni ["L.S. 601.09"] huma kwistjonijiet li jistgħu *se mai* iwasslu biex il-konvenuti jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju jew biex jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur, iżda mhux għall-invalidità *a priori* tar-rikors maħluf.

49. L-istess jingħad għall-argument illi l-attur għamel "bidla fl-approċċ" waqt is-smigħ tal-kawża: dak li jiġri wara, waqt is-smigħ, ma jaħdimx retro-attivament biex jirrendi *ab initio* invalidu l-att li bih tinbeda l-kawża.

50. Il-fatt imbagħad illi wħud mill-partijiet – speċifikament il-Prim'Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni – illum ma għadhomx jokkupaw dik il-karika ma jaħdimx retro-attivament biex iħassar ir-rikors maħluf.

51. Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju huwa miċħud.

52. It-tieni aggravju jgħid illi "l-qorti stess fixklet il-kunċetti ta' 'nullità' u 'terminazzjoni/rexxissjoni msejsa fuq inadempjenza'" u ġie mfisser hekk:

> »130. Bit-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jissottomettu illi anke l-istess sentenza appellata hija afflitta b'kontradizzjonijiet u nuqqas ta' kjarezza fejn jidħlu l-kunsiderazzjonijiet tagħha u kif dawn iwasslu għad-*decide* eventwali.
>
> »131. Jidher illi kunsiderazzjoni ewlenija tal-qorti kienet illi l-konċessjoni kienet afflitta minn "frodi", kemm fl-għoti tal-konċessjoni kif ukoll f'perjodi sussegwenti, liema "frodi" ġie allegatament imwettaq minn *Vitals*, u, sussegwentement, minn esponenti ta' *Steward*. Dan jiġi ripetut ukoll fi bran illi l-qorti … osservat illi l-konċessjonijiet enfitewtika u *Related Instruments* kienu "riżultat ta' raġġir u gideb intiżi unikament sabiex jikkorrompu l-ħsieb u l-valutazzjoni ta' min kien responsabbli biex jagħżel u jiddeċiedi".
>
> »132. Interessanti però, illi x'ħin niġu għad-*decide*, il-qorti ma tasalx illi tiddeċiedi abbażi tal-element ta' "frodi" illi tirreferi għalih b'tant entużjażmu fil-kuntest tan-narrattiva ta' "qerq u gideb" (*sic*). Mhux ta' b'xejn, meta wieħed iqis illi ir-rikors maħluf ma fih ebda referenza għal frodi, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet! Jidher illi kien importanti għall-qorti illi tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej u tagħti kulur lill-ġustifikazzjoni tagħha għas-sentenza, anke jekk, x'ħin naslu għad-*decide*, il-Qorti tillimita ruħha biex tiddikjara b'mod ferm iżjed "kawt" illi "l-intimati *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* ma adempewx u ksiru l-obbligi tagħhom *ai termini* tal-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, tal-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u *addendum* li saru sussegwentement".
>
> »133. Dan juri kontradizzjoni ċara bejn il-kunsiderazzjonijiet u d-*decide*, fis-sens illi jekk tassew il-konċessjoni hija "nulla" għax afflitta bi frodi, mela allura d-*decide* ma jistax ikun imsejjes fuq allegata inadempjenza! L-istess kontradizzjoni tinsab addirittura fit-talba sabiex in-Nutar Prinċipali tal-Gvern "jippubblika l-att relattiv tat-tħassir u nullità" tal-konċessjoni enfitewtika li hija *contradiction in terms* għax ma jistax ikollok tħassir ta' ftehim li huwa null *ab initio*. Ċertament, il-qorti taf biżżejjed id-differenza fin-natura u l-effett ta' dawn il-kunċetti legali ben noti.
>
> »134. Billi jidher li l-istess sentenza hija afflitta minn kontradizzjonijiet legali elementari u kunflitt bejn kunsiderazzjonijiet u *decide*, għandha tiġi revokata.«

53. Huwa minnu illi l-ewwel qorti xejn ma kienet preċiża fl-għażla tal-kliem u fit-tifsir tal-kunċetti. Wara kollox, lanqas il-liġi stess ma hija tant preċiża meta tittratta dwar raġunijiet li jwasslu għal nullità taħt ir-rubrika *Fuq ir-Rexxissjoni* fil-Kodiċi Ċivili. Madankollu, l-ewwel qorti ma ħassritx il-konċessjoni minħabba frodi iżda minħabba inadempiment, kif wara kollox kienet it-talba tal-attur. Il-frodi, kif naraw aktar ’il quddiem, għandha relevanza għall-għanijiet tal-kawża, iżda, kif rajna aktar ’il fuq[11], ma kinitx frodi fis-sens ta’ “inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet [li] ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta” iżda aktar ħadet il-forma ta’ kollużjoni bejn iż-żewġ partijiet.

54. Tassew illi huma meħtieġa preċiżazzjonjiet dwar id-deċiżjoni tal-qorti, kif sejrin naraw aktar ’il quddiem, iżda jibqa’ l-fatt li ma kinitx il-frodi r-raġuni li wasslet lill-ewwel qorti biex tħassar il-konċessjoni iżda l-inadempiment, u għalhekk ma hemmx fis-sentenza appellata dik il-kontradizzjoni li qegħdin jaraw is-soċjetajiet appellanti.

55. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

56. It-tielet aggravju jgħid illi “t-tħassir ta’ kwalunkwe kuntratt mogħti għall-provvista u l-immaniġġjar ta’ servizzi tas-saħħa u oħrajn anċillari lil operaturi ekonomiċi, li jkun jikkonsisti unikament fid-dritt ta’ sfruttament tal-istess servizzi, huwa regolat unikament mil-L.S. 595.13 (ir-Regola-menti dwar Bord ta’ Reviżjoni dwar l-Akkwist ta’ Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa), u mhux mill-Kap 573 tal-Liġijiet ta’ Malta”, u ġie mfisser hekk:

---

11 Para. 18 *et seqq. supra*

»135. Kif ġa ntqal, is-sentenza appellata ddikjarat illi r-*Related Instruments*, li jinkludu s-*Service Concession Agreement*, huma parti integrali mill-konċessjoni enfitewtika, u konsegwentement iddikjarathom nulli.

»136. Madanakollu, kif ġà ssemma taħt l-ewwel aggravju, l-*SCA* mhuwiex "għotja ta' art" u huwa, pjuttost, "kuntratt" kif definit fl-artiklu 2 tar-Regolamenti dwar Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa ċjoè**:**

> »"kull kuntratt b'interess ta' flus li jsir bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew iżjed u entità tal-akkwist waħda jew iżjed li jkollu bħala l-għan ewlieni tiegħu l-inkarigu tal-provvista u l-immaniġġjar ta' servizzi tas-saħħa u oħrajn anċillari lil wieħed, jew iżjed minn dawn l-operaturi ekonomiċi, li l-korrispettiv għalihom ikun jikkonsisti unikament fid-dritt ta'sfruttament tal-istess servizzi li huma suġġetti għall-kuntratt, jew f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas"

»137. Dan il-punt huwa relevanti u jorbot sfiq mas-sottomissjonijiet magħmula taħt aggravji oħra b'rabta mal-kwestjoni tal-*locus standi* tal-attur u r-rimedji li huwa seta' jfittex taħt il-Kapitlu 573. L-appellanti jinnutaw illi kuntratt bħalma huma l-*SCA* huwa regolati mir-Regolamenti li jistipulaw ir-regoli li għandhom japplikaw b'rabta mal-kontestazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' xi awtorità kontraenti b'rabta mal-proċedura tal-għotja ta' kuntratti bħal dawn, skont l-artiklu 3 tar-Regolamenti. Il-konsegwenzi ta' dan il-qafas speċjali li jirregola appelli minn għotja ta' kuntratti ta' saħħa taħt ir-Regolamenti, b'rabta mal-każ in eżami huma dawn:

»137.1 ilmenti minn deċiżjonijiet ta' awtorità kontraenti jista' jitressqu biss minn "kull kandidat li jħossu aggravat" (artiklu 30);

»137.2 l-ilment għandu jitressaq fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni (artiklu 30); u

»137.3 il-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa huwa l-uniku bord kompetenti biex jisma' lmenti bħal dawn (artiklu 4).

»138. Fid-dawl ta' din il-liġi sussidjarja, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mhijiex kompetenti illi tannulla l-*SCA* jew ir-*Related Instruments* oħra. Lanqas jista' jingħad illi membru parlamentari għandu l-*locus standi* illi jressaq ilment bħal dan illi, f'kull każ, ma tressaqx fit-terminu legali. Bħala konsegwenza, is-sentenza għandha ċertament tiġi revokata safejn tirreferi għar-*Related Instruments*.«

57. L-ewwel qorti qieset il-kuntratt ta' enfitewsi u dawk li ssejħu *related instruments* bħala *quid unum*. Dan fil-fehma tal-qorti huwa korrett għax id-diversi kuntratti huma maħsuba għall-istess għanijiet u jirrappreżentaw l-istess ftehim għalkemm għal raġunijiet ta' pratiċità maqsuma f'diversi strumenti.

58. Dan ifisser neċessarjament illi kull wieħed minn dawn l-istrumenti jsegwi x-xorti tal-oħrajn, għax inkella jekk kull wieħed jiġi impunjat f'*fora* differenti kif iridu s-soċjetajiet appellanti jista' jiġri illi wieħed jitħassar u l-ieħor, għalkemm marbut miegħu u ma jkollux skop jekk mhux fil-kuntest totali tal-kuntratti kollha meħuda flimkien, jibqa' jiswa iżda ma jistax jiġi mwettaq fin-nuqqas tal-kuntratti l-oħra li fuqhom jiddependi.

59. Mela jekk l-ewwel qorti għamlet sew li ħassret il-kuntratt ta' enfitewsi għamlet sew ukoll li ħassret ukoll il-kuntratti marbuta miegħu. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

60. Ir-raba' u l-ħames aggravji t-tnejn jolqtu l-leġittimazzjoni attiva tal-attur u għalhekk inqisuhom flimkien. Ir-raba' aggravju jgħid illi "l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet illi l-attur kellu *locus standi* jitlob rexxissjoni tal-kuntratti abbażi ta' allegata inadempjenza u applikat ħażin l-artiklu 33 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta" u l-ħames aggravju jgħid illi hemm "ksur ċar tal-prinċipju ta' *res inter alios acta* b'konsegwenzi ta' ksur ta' prinċipji ta' liġi ċivili, kostituzzjonali u Ewropea". L-aggravji ġew imfissra hekk:

> »Ir-raba' aggravju
>
> »139. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel qorti osservat illi "jirriżulta, għalkemm mhux espressament mitlub fil-kontenut tar-rikors promotur, iżda ċertament iċċarat fis-smigħ tax-xhieda u fis-sottomissjonijiet dettaljat ..." illi l-azzjoni hija abbażata fuq l-artikolu 33(2) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »140. L-artiklu 33 tal-Kap 573 jgħid:
>
>> »"33. (1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkun null u bla effett.
>>
>> »"(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

»141. Mela, il-Kap. 573 huwa ċarissimu dwar meta "membru tal-Kamra tad-Deputati" jista' jressaq talba għal dikjarazzjoni ta' nullità tat-trasferiment, u ċjoè, jekk it-trasferiment ikun magħmul bi ksur tal-Artikolu 31. L-artikolu 31 jagħti lista ta' sitwazzjonijiet differenti illi jippermettu trasferiment ta' art tal-Gvern. Ksur tal-mandat mogħti b'dan artikolu jseħħ meta tiġi trasferita art tal-Gvern u jkun hemm xi għelt fil-proċedura tat-trasferiment ta' art lill-privat b'dan illi l-għotja/trasferiment oriġinali ma ssegwix il-proċeduri msemmija speċifikament fl-Att. F'każ bħal dan, b'mod eċċezzjonali, jingħata *locus standi* lil membri parlamentari (u li lill-Avukat Ġenerali) illi jitlob in-nullità tat-trasferiment.

»142. Ġa ntqal, però, illi l-premessi tal-kawża u l-mod kif saru t-talbiet huma marbuta ma' allegata inadempjenza tal-partijiet fl-osservanza tal-obbligi waqt illi l-kuntratt kien viġenti. Dan minnu nnifsu jeskludi kawżali msejsa fuq nullità tal-għotja oriġinali u għalhekk huwa inkongruwenti mal-allegati bażi tal-azzjoni (kif anke mifhuma mill-Qorti stess), ċjoè l-artiklu 33 tal-Kap 573.

»143. Huwa daqstant ieħor ċar illi l-artiklu 33 tal-Kap. 573 jirreferi għal trasferiment ta' art pubblika u ma jistax jitwessa' sabiex ikopri kuntratti oħrajn li mhumiex kuntratti ta' trasferiment ta' art u li jikkontemplaw obbligi u doveri li jmorru lil hemm u huma ta' natura differenti mit-trasferiment tal-art infisha.

»144. Anke f'dan ir-rigward, l-ewwel qorti, bir-rispett adottat interpretazzjoni mill-aktar laxka tal-artiklu 33, u laqgħet it-talba tal-attur illi ir-*Related Instruments* jitħassru flimkien mal-konċessjoni enfitewtika. Dawn però, ma jikkonsistux fi "trasferiment ta' art" iżda kuntratti pubbliċi dwar għoti ta' servizzi ta' saħħa. Servizzi neċessarji illi, għandu jingħad, *Steward* kienet u għadha sallum qiegħda tipprovdi.

»145. Il-qorti kienet għalhekk manifestament żbaljata fir-raġunament tagħha. L-artiklu 33 u, *del resto*, il-Kap. 573 kollu kemm hu jitkellem biss min-nullità ta' trasferiment ta' art. Kien ikun mod ieħor li kieku, ngħidu aħna, l-Att in kwestjoni jkopri kuntratti pubbliċi in ġenerali. Kif huwa ben not, però, u kif ġa ntqal fl-aggravju preċedenti, kuntratti pubbliċi (inkluż l-allegata "ineffettività" tagħhom jekk mhux mogħtija skont il-liġi) huma regolati minn qafas ta' liġi distint – dak tal-kuntratti pubbliċi (*public procurement*) – b'regoli u termini speċjali stabbiliti f'leġislazzjoni sussidjarja applikabbli illi hija, min-naħa tagħha, ibbażata fuq Direttivi u prinċipji żviluppati u stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja. Din mhijiex kawża li hija regolata minn jew miftuħa taħt regoli ta' *public procurement* u huwa għalhekk perikoluż mil-lat ta' liġi dwar akwist pubbliku (u mill-perspettiva ta' liġi tal-*EU*) illi l-effetti tal-Kap. 573 jiġu estiżi b'tali mod illi jkollhom impatt fuq l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' qafas ta' liġi li huwa totalment distint.

»146. Huwa għalhekk sottomess illi l-artiklu 33 tal-Kap. 573 ċertament ma jagħti ebda *locus standi* lill-attur sabiex jitlob "in-nullità" jew "ir-rexxissjoni" ta' kuntratti pubbliċi li ma jikkonsistux f'għotja ta' art. L-istess japplika safejn l-attur donnu jippretendi li jattakka xi ftehim ta' trasferiment ta' ishma mingħand *Bluestone* għal *Steward*. Trasferiment ta' ishma mhuwiex "trasferiment ta' art" u ma jaqax taħt l-artiklu 33 tal-Kap 573. *Del resto*, jekk l-attur qed jippretendi illi jikkontesta jew jattakka t-trasferiment tal-ishma, il-ġudizzju mhuwiex integru għaliex min ittrasferixxa (l-azzjonist preċedenti) ma kienx parti fil-kawża.

»147. Il-qorti b'mod kemmxejn goff tipprova tgħatti dawn in-nuqqasijiet kollha billi f'bosta partijiet mis-sentenza tirreferi għal kunċetti ta' "interess pubbliku" u, partikolarment f'paragrafu 381 tinjora d-diffikultajiet proċedurali kollha li semmejna u tqis illi "huwa dmir ta' membru tal-Kamra tad-Deputati illi jipproteġi l-interessi taċ-ċittadin li jkun eleġġieh sabiex jirrappreżentah"(!). Dan huwa argument attraenti daqskemm huwa perikoluż u inaċċettabbli, speċjalment meta jwassal, kif ġara f'dan il-każ, biex l-appellanti (u r-rappreżentanti tagħhom) spiċċaw ġew akkużati bħala "kriminali" mingħajr ma ngħataw il-jedd li jirrispondu għal din l-akkuża. Id-dritt u/jew id-dmir ta' membru parlamentari illi jfittex "l-aħjar interess taċ-ċittadin" jeħtieġ illi jiġi eżerċitat skont il-liġi. Il-qorti jidher illi rraġunat illi l-"interess taċ-ċittadin" jagħti lok li kwalunkwe' membru parlamentari jintrometti ruħu f'kuntratt pubbliku. Li kieku dan kien il-każ, però, il-leġislatur lanqas kien ikollu għalfejn jinkludi l-artiklu 33 tal-Kap. 573 għax dan kien ikun dritt illi jirriżulta "awtomatiku" Il-fatt però illi teżisti r-regola misjuba fl-artiklu 33 turi li din hija eċċezzjoni speċifika ferm għall-prinċipju ta' *res inter alios acta* li għandha għalhekk tiġi applikata strettament kif permess mil-liġi. Għal darb'oħra però l-qorti għamlet minn kollox sabiex "issalva l-kawża".

»148. Fil-paragrafu 379 tas-sentenza, il-qorti tosserva illi:

> »"mkien fil-Kap. 573, ma l-azzjoni li membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandu jew għandha a tenur tal-artikolu 33 ma hija soġġetta għal xi perjodu ta' preskrizzjoni sa meta tali azzjoni tista' ssir, u għalhekk, tali talba tista' ssir fi kwalsiasi ħin, anke wara illi jkun laħaq sar u ġie effettwat it-trasferiment."

»B'kull rispett, dan l-argument juri kemm il-qorti, forsi apposta, ma fehmitx id-difiża tal-appellanti u mill-ġdid injorat ċerti prinċipji legali. L-ewwelnett, l-eċċezzjoni tal-appellanti mhijiex imsejsa fuq "preskrizzjoni" jew fuq il-*punctum temporis* meta membru parlamentari jista' jiftaħ kawża skont il-Kap. 573, iżda pjuttost fuq x'tista' tkun il-bażi ta' tali kawża. B'rabta ma' dan, l-appellanti jtennu illi għotja ta' art tista' tiġi attakkata biss fir-rigward ta' kif tkun seħħet l-għotja, u mhux abbażi ta' fatti li seħħew wara.

»149. Fl-attentat [*sic*] tagħha illi twessa' t-tifsira tal-artiklu 33, però, il-qorti qiegħda tadotta l-pożizzjoni ta' leġislatur u tapplika kunċett ta' *judge-made law* illi huwa aljen għall-ordinament Malti u għal kwalunkwe ordinament fil-konfini tal-Unjoni Ewropeja. Il-ġudikant huwa marbut li jibqa' strettament fil-parametri tal-liġi u jżomm ferm ma' dak stabbilit mid-diċitura tal-liġi:

»… … …

»150. Bla ħsara għas-suespost, ir-rikonoxximent tal-*locus standi* tal-attur f'dan il-każ lanqas huwa kompatibbli mal-artiklu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Il-liġi tal-Unjoni Ewropeja tipproteġi l-independenza u l-imparzjalità fl-istati membri tal-Unjoni Ewropeja, kif stabbilit fl-artiklu 19 tat-TFUE u l-artiklu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-iskop wara dawn l-artiklu huwa illi jxejjen kwalunkwe dubbju raġjonevoli fil-moħħ tal-individwu dwar pressjonijiet fuq il-ġudikant minn fatturi u influwenzi esterni, u n-newtralità tal-ġudikatura fir-rigward tal-interessi ta' quddiemha. Sabiex awtorità ġudizzjarja titqies indipendenti, dawn il-fatturi jeħtieġ illi jiġi rispettati:

»151.1 Id-determinazzjoni tal-vertenza għandha ssir minn awtorità illi hija awtorità terza fir-rigward tal-awtorità illi ħadet id-deċiżjoni kontestata.

»151.2 Tali awtorità għandha tkun imħarsa minn kwalunkwe intervent estern jew pressjoni illi jistgħu jippreġudikaw il-ġudizzju independenti tal-membri rigward il-proċeduri ta' quddiemhom, u għalhekk il-persuna illi tiddeċiedi l-każa għandha jkollha l-garanzija meħtieġa illi ma titneħħiex mill-uffiċċju tagħha.

»152. F'dan l-isfond, interpretazzjoni wiesgħa tal-artiklu 33 tal-Kap. 573 kif magħmula mill-Prim Awla, hija inkompatibbli mal-artiklu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja. L-indipendenza ma tin-tlaħaqx biss billi tagħti garanziji kontra t-tneħħija mill-uffiċju tal-ġudikant, iżda huwa wkoll meħtieġ illi jkun hemm protezzjoni minn influwenzi esterni u indebiti. Fil-każ in eżami, l-attur kien qed jaġixxi bħala "Kap tal-Oppożizzjoni", kontra dak li kien il-"Prim Ministru", fi pretensjoni marbuta ma' allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' kuntratt minn parti terzi, u ntalbet ir-rexissjoni ta' kuntratti, inkluż kuntratti li ma jikkonsistux f'"għotja ta' art". L-użu ta' proċeduri ġudizzjarji minn politiċi bħala għieda politika għalhekk timmina l-indipendenza tal-ġudikatura, u l-istat għadu d-dmir li jassigura illi l-ġudikanti individwali huma ħielsa minn influwenza indebita.

»153. Kif intqal ukoll mill-*ECtHR*, b'rabta mal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u meta wieħed iqis il-pressjoni politika intensa marbuta ma' dawn il-proċeduri, "*the scope of the State's obligation to ensure a trial by an independent and impartial tribunal was not limited to the judiciary, but also implied obligations on any other State authority to respect and abide by the judgments and decisions of the courts. Judicial independence further demanded that individual judges be free from undue influence, including from within the judiciary".*

»154. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-fatt illi l-ewwel qorti irrikonoxxiet il-*locus standi* lil dak li kien il-Kap tal-Oppożizzjoni permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa u eżorbitanti tal-artiklu 33 tal-Kap 573 tikkonsisti fi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tal-appellanti bħala parti privata għall-konċessjoni.

»155. Għalhekk, il-qorti kienet żbaljata u aġixxiet bi ksur tal-jeddijiet tal-appellanti fl-applikazzjoni tagħha tal-artiklu 33 tal-Kap 573 meta qieset illi l-attur kellu *locus standi* li jippreżenta l-kawża li ressaq.

»Il-ħames aggravju

»156. B'żieda u rabta mal-aggravju preċedenti, l-appellanti jisħqu illi d-deċiżjoni tal-qorti illi tirrikonoxxi l-*locus standi* ta' Adrian Delia jirrap-preżenta ksur pależi tal-prinċipju ta' *res inter alios acta* li jwassal għal konsegwenzi legali assurdi. Dan ikompli juri kemm huwa perikoluż illi l-artiklu 33 tal-Kap. 573 jiġi imwessa' u mġebbed bħal lakstuha sabiex joħloq "interess ġuridiku" fejn dan ma jeżistix.

»157. Ikun utli hawnhekk illi wieħed imur lura għall-prinċipji bażilari dwar effetti tal-kuntratti, hekk kif kristallizzati fis-subtitolu bl-istess isem fil-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza, ngħidu aħna għall-artikli li ġejjin:

> »"992. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.
>
> »"(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

»"...

»"999. (1) Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu.

»158. Dawn l-artikoli huma ċari. Terz li mhuwiex parti f'kuntratt ma jistax jippretendi illi jiddetta x'għandhom jagħmlu l-partijiet fil-ftehim. Il-ġustifikazzjoni għal dan hija ċara wkoll. Huma l-partijiet fl-istess kuntratt illi għandhom il-jedd illi jagħmlu dan, u ħadd iżjed. Il-liġi tirrikonoxxi illi jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għal dan, iżda biss "għal raġunijiet magħrufin mil-liġi" jew "fil-każijiet li tgħid il-liġi", u mhux għaliex xi ħadd jidhirlu li "huwa ġust" jew "fl-aħjar interess taċ-ċittadin" illi jkun mod ieħor.

»159. Dan huwa prinċipju sagrosant ta' liġi ċivili u kuntrattwali, u b'estensjoni, ta' liġi ta' proprjetà, illi ġie mtenni f'numru ta' sentenzi tal-qrati nostrani … … …

»… … …

»161. Wieħed għalhekk malajr jikkonkludi illi, taħt prinċipji ta' liġi ċivili, l-attur m'għandux il-*locus standi* rikjest sabiex iressaq it-talbiet li huwa ressaq f'din il-kawża.

»162. Kif rajna, l-ewwel qorti daret ma dawn il-prinċipji billi qalet illi l-Kap. 573 jirrappreżenta wieħed mill-"każijiet li tgħid il-liġi" li jiġġustifika eċċezzjoni għar-regola.

»163. Minbarra li dan huwa żbaljat għar-raġunijiet mogħtija taħt l-aggravju preċedenti, l-appellanti jiġbdu l-attenzjoni għall-konsegwenzi legalment assurdi ta' tali pożizzjoni. Hekk, b'dan l-argument kif applikat fis-sentenza, membru parlamentari jista' jindaħal fi kwalunkwe' trasferiment ta' art, minn żona industrijali għal dar taħt *home ownership scheme*, mhux biss jekk ingħatat bi proċedura żbaljata (kif jikkontempla b'mod ċar il-Kap. 573, u qablu, il-Kap. 268), iżda anke jekk jidhirlu illi sussegwentement seħħ xi ksur tal-kundizzjonijiet u obbligi kuntrattwali marbuta ma' dik l-għotja. Agħar minn hekk, membru parlamentari jista' wkoll jindaħal f'kuntratti oħra li huma prinċipali, aktar milli aċċessorji għall-kuntratti ta' trasferiment ta' art, u jwaqqagħhom.

»164. Din il-konsegwenza tirrappreżenta wkoll mod konvenjenti ta' kif jiġu evitati l-proċeduri ta' avviż u terminazzjoni miftiehma bejn il-partijiet (f'dan il-każ, ngħidu aħna, fl-*SCA*), għaliex ifisser illi, ironikament, terz għandu iżjed jeddijiet mill-partijiet infushom, *stante* li jista' jitlob rexxissjoni ta' ftehim mingħajr ma huwa marbut mar-regoli miftiehma illi jirregolaw il-ksur u terminazzjoni tal-kuntratt (inkluż, ngħidu aħna, obbligi li jingħataw avviżi, *cure periods*, proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' vertenzi, garanzija għal terminazzjoni mhux ġustifikata u *indemnities* relattivi *et cetera*).

»165. L-appellanti jikkontendu illi dan l-aspett tas-sentenza jissolleva wkoll preokkupazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali b'rabta ma' ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, minbarra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Essenzjalment l-Istat Malti ser jieħu lura proprjetà mogħtija b'konċessjoni mingħajr ma segwa l-proċeduri miftiehma fil-kuntratti viġenti mal-appellanti b'effett illi jekwivali għal esproprju tal-art preċedentement mogħtija lill-kumpanniji konċessjonarji. Dan bi ksur tal-jedd fundamentali ta' proprjetà kif protett u sancit mill-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-artiklu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u kif rifless fl-artiklu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

»… … …

»167. Anke jekk, *dato ma non concesso*, il-qorti dehrilha li kien hemm xi ksur tal-obbligi tal-kuntratt, dawn kellhom jiġu indirizzati skont it-termini u ġewwa l-*fora* stabbiliti fil-kuntratti bejn il-partijiet minflok tgħaddi għall-miżura drakonjana ta' rexxissjoni u "nullità".

»168. L-effett tas-sentenza għalhekk jikser ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità li huwa wieħed mill-prinċipji bażilari tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Anke li kieku wieħed kellu jaċċetta, għall-grazzja tal-argument, illi l-attur kellu *locus standi* neċessarju biex jiftaħ kawża dwar inadempiment ta' kuntratti pubbliċi, ir-rexxissjoni ta' tali kuntratti mingħajr ebda kont tal-proċeduri stabbiliti fil-kuntratt jissarraf f'eżitu li jmur għal kollox kontra l-imsemmi prinċipji. Dan qed jingħad għaliex hemm rimedji aktar raġjonevoli, adattati u "proporzjonali" għal allegat ksur ta' obbligi kuntrattwali (kollha kemm hemm, għandu jingħad, huma kontemplati f'kull wieħed mir-*Related Instruments*). Ir-rexissjoni għandha tkun rimedju aħħari u għalhekk u kif ġa ntqal, jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan l-aggravju se jiġi żviluppat aktar fil-kuntest tal-għaxar aggravju.

»… … …

»170. L-artiklu 31(*g*)(C)(i)() tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, li jikkostitwixxi l-bażi ewlenija għas-sentenza sabiex tannulla l-kuntratti kollha relatati mal-konċessjoni enfitewtika, jistqarr illi:

> »"Ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern, ma tista' tiġi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:
>
> »"[…]
>
> »"(*g*) skont waħda mill-forom li ġejjin:
>
> »"[…]
>
> »"(C) Trasferiment b'titolu ta' enfitewsi temporanju:
>
> »"(i) Art tal-Gvern tkun tista' tiġi ttrasferita b'titolu ta' enfitewsi temporanju:
>
> »"(*b*) jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għall-proġett industrijali wara li l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità kompetenti dwar il-benefiċċju li l-proġett jagħti lill-ekonomija tal-pajjiż u li n-numru ta' impiegi li joħloq huwa adegwat;"

»171. F'dan ir-rigward, il-qorti qieset illi fiż-żmien illi *Steward Healthcare International Limited* akkwistat l-ishma fil-kumpanija *Vitals Global Healthcare Limited* – l-azzjonista preċedenti fil-konċessjonarja – l-obbligi kuntrattwali u l-*milestones* illi l-kumpaniji *VGH* kienu ntrabtu bihom ma kinux ġew rispettati. Għalhekk, il-qorti qieset illi l-Gvern ta' Malta qatt ma messu aċċetta t-trasferiment tal-ishma.

»172. Skont l-interpretazzjoni tal-qorti, għalhekk, anke fejn it-trsferiment isir b'effett ta' trasferiment sħiħ jew parzjali minħabba *corporate restructuring* – bħal fil-każ odjern – dan ikun projbit fejn il-konċessjonarju preċedenti ma jkunx osserva l-obbligi kuntrattwali.

»173. L-appellanti jissottomettu illi tali interpretazzjoni tikkostiuwixxi restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment previst fl-artiklu 49 tat-TFUE billi jipprojbixxi kumpanija milli topera konċessjoni b'riżultat ta' suċċessjoni universali wara *corporate restructuring* f'ċirkustanza fejn il-konċessjonarju oriġinali mhuwmiex f'qagħda illi jilħaq l-obbligi tal-konċessjoni.

»174. Kif mistqarr mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fil-każ C-391-20 "*All measures which prohibit, impede or render less attractive the exercise of the freedom guaranteed by Article 49 TFEU must be regarded as restrictions on the freedom of establishment*" … … …

»… … …

»175. Għalhekk, skont deċiżjoniet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kwalunkwe miżura, anke meta applikabbli mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, illi tipprojbixxi, timpedixxi jew tirrendi anqas attraenti, l-eżerċizzju tal-jedd ta' stabbiliment, hija meqjusa restrizzjoni fuq tali jedd.

»176. Fil-każ odjern, kif ġà ssemma', l-interpretazzjoni tal-qorti tipprojbixxi kumpannija milli topera konċessjoni in sostituzzjoni ta' oħra. Huwa għalhekk ċar illi l-applikazzjoni tal-Artiklu 31 u 33, kif interpretati mil-qorti, jikkostituwixxu restrizzjoni fuq il-jedd ta' stabbiliment.

»177. Minkejja dak li ntqal, restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabiliment hija permissibbli meta:

> »"[I]t is justified by an overriding reason in the public interest and, in the second place, it observes the principle of proportionality, which means that it is suitable for securing, in a consistent and systematic manner, the attainment of the objective pursues and does not go beyond what is necessary in order to attain it (judgment of 6 October 2020, Commission *v* Hungary (Higher Education), C-6618, EU:C:2020:792, paragraph 178." (See case C-391/20 (ECLI:EU:C:2022:638)"

»178. Għalhekk, biex restrizzjoni bħal din tkun permissibbli *ai termini* ta' liġi tal-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ illi tkun ġustifikata minn *"overriding reason in the public interest".*

»179. F'dan il-każ, l-uniku interess pubbliku illi jista' jiġi raġjonevolment invokat huwa l-interess tal-Gvern illi jassikura illi jiġu osservati l-obbligi tal-konċessjoni publika u l-eżekuzzjoni ta' tali obbligi mill-konċessjonarju.

»180. Fid-dawl tal-każistika tal-Unjoni Ewropeja *"in the context of the fundamental freedoms guaranteed by the Treaties, reason of public policy may be relied on only if there is a genuine, present and sufficiently serious threat to a fundamental interest of society (judgment of 19 June 2008, Commission v Luxembourg, C-319/06, EU:C:2008:350, paragraph 50.)*".

»181. B'żieda ma' dan, restrizzjonijiet bħal dawn, anke meta hemm raġuni tajba għalihom fl-interess pubbliku, xorta jeħtieġ illi jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità illi titlob illi "*the measures adopted by the institutions do not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued; where there is a choice between several appropriate measures recourse must be had to the least onerous, and the disadvantages caused must not be disproportionate to the aims pursued (Judgment of the 25 October, 2012, Astrim and Elyo Italia v Commission, T-216/09, not published.*

*EU:T:2012:574, paragraph 24).”* Bl-istess mod ara d-deċiżjoni tas-6 t’Ottubru 2021, fil-każ T-7/20.

»182. Il-pass li jmiss, għalhekk, jikkonsisti f’li wieħed jiddetermina jekk interpretazzjoni tal-artiklu 33 tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern illi twassal biex nuqqas ta’ osservazzjoni tal-kunidzzjonijiet marbuta ma’ trasferiment tal-art iġġib ir-rexxissjoni tal-konċessjoni, taqbilx mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

»183. F’dan ir-rigward, b’applikazzjoni tal-artiklu 43.1(d) tad-Direttiva 2014/23/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar dwar Kuntratti ta’ Konċessjoni (għalkemm għandu jingħad illi ma tapplikax speċifikament għall-każ odjern minabba n-natura partikolari ta’ din il-konċessjoni *ai termini* tal-Iskeda 4) tistabilixxi illi :

> »“43 Il-konċessjonijiet jistgħu jiġu modifikati mingħajr proċe dura ġdida tal-għoti ta’ konċessjoni f’konformità ma’ din id-Direttiva fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> »“(d) fejn konċessjonarju ġdid jibdel lill-konċessjonarju li l-awto rità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun inizjalment tat il- konċessjoni bħala konsegwenza ta’:
>
> »“(ii) suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal- konċess-jonarju inizjali, wara ristrutturar korporattiv, inkluż teħid ta’ pussess, amalgamazzjoni u akkwist jew insolvenza, ta’ operatur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji ta’ selezzjoni kwalitattiva stabbiliti inizjal ment, dment li dan ma jwassalx għal modifiki sostanzjali oħra għall-kuntratt u ma jkunx immirat lejn iċ-ċirkon-venzjoni tal-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva;”

»184. L-appellanti jissottomettu illi jekk, għal konċessjonijiet ordinarji, id-Direttiva tippermetti s-sostizzjoni ta’ konċessjonarju eżistenti bħala riżultat ta’ *corporate restrucuting* mingħajr ma jkun meħtieġ proċess ġdid, isegwi illi skont liġijiet tal-Unjoni Ewropea t-trasferiment ta’ konċessoni ta’ servizzi ta’ saħħa wkoll tista’ tiġi permessa meta t-trasferiment isir, bħala f’dan il-każ, b’riżultat ta’ *corporate restructuring* maħsub preċiżament sabiex jindirizza l-problemi bl-azzjonist preċedenti u jassigura s-suċċess tal-konċessjoni. Ċertament, f’xenarju bħal dan, ma hemm ebda theddida serja għal interess fundamentali tas-soċjetà illi jiġġustifika l-projbizzjoni ta’ trasferiment bħal dan.

»185. Difatti, projbizzjoni jew restrizzjoni bħal din ma tistax titqies “proporzjonali” f’kuntest bħal dan fejn konċessjonarju preċedenti (f’dan il-każ, *VGH*) wera nuqqas ta’ kapaċità illi jirrispetta l-obbligi kuntrattwali tiegħu, u t-trasferiment tal-konċessjoni lil azzjonista ġdid (f’dan il-każ, *Steward*) kien maħsub biex isalva l-konċessjoni.

»186. Għalhekk, il-qorti, meta tat din l-interpretazzjoni, aġixxiet kontra l-prinċipju ta’ proporzjonalità.«

61. Qabel xejn, biex jitneħħa kull ekwivoku, it-tħassir tal-konċessjoni ma jolqotx it-trasferiment ta’ ishma fis-soċjetajiet appellanti, kif igħidu ħażin l-istess appellanti fil-para. 146 tar-rikors tal-appell.

62. Rajna[12] illi s-soċjetajiet appellanti baqgħu dejjem l-istess, u għalhekk ir-referenza fir-rikors tal-appell għal "konċessjonarju preċedenti" hija ħażina għax ma kien hemm ebda "konċessjonarju preċedenti": il-konċessjonarju – is-soċjetajiet appellanti – baqgħu dejjem l-istess għax ma kien hemm ebda kumpannija "topera konċessjoni in sostituzzjoni ta' oħra". Ma kien hemm ebda "konċessjonarju ġdid jibdel lill-konċessjonarju li [lilu] l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun inizjalment tat il-konċessjoni"; u ma kien hemm ebda "suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-konċessjonarju inizjali".

63. Il-konsiderazzjonijiet magħmula f'para. 171 'il quddiem tar-rikors tal-appell huma għalhekk irrelevanti u tentativ li jitfgħu l-bżar fl-għajnejn. Meta l-appellanti jgħidu illi l-"konċessjonarju preċedenti (f'dan il-każ, *VGH*) wera nuqqas ta' kapaċità illi jirrispetta l-obbligi kuntrattwali tiegħu" effettivament qegħdin jammettu illi huma stess wrew "nuqqas ta' kapaċità illi jirrispetta[w] l-obbligi kuntrattwali".

64. Huwa wkoll fieragħ l-argument illi, għax il-kawża kienet bejn partijiet illi, meta nfetħet il-kawża, wieħed minnhom kien Prim'Ministru u l-ieħor Kap tal-Oppożizzjoni, mela tintilef l-indipendenza tal-ġudikant għax il-"ġlieda politika" tqiegħed fuqu "influwenza indebita". Li kieku dan kien minnu mela ebda "proċeduri ġudizzjarji minn politiċi" ma jistgħu qatt isiru għax jitqiesu *ipso facto* "bħala ġlieda politika" li xxejjen l-indipendenza tal-ġudikant. Dan mhux biss huwa argument fieragħ iżda wkoll episodju

---

12 Para. 12 *et seqq. supra*

ieħor ta' allegazzjonijiet sottili imma fl-istess waqt sleali kontra l-ġudikant li ippresjeda l-ewwel qorti.

65. Bħal f'kull kawża, hemm min jirbaħ u hemm min jitlef, iżda għax parti titlef ma jfisirx li *ipso facto* ma ngħatax smigħ xieraq, bħallikeku biex tagħti smigħ xieraq lill-konvenuti l-ewwel qorti kellha bilfors iċaħħad lill-attur mill-jedd ta' aċċess għal qorti għar-raġuni biss li huwa fil-politika.

66. Eliminati dawn l-iskorrettezzi fir-rikors tal-appell, ngħaddu mela għall-qofol tal-kwistjoni f'dawn iż-żewġ aggravji, illi hija l-leġittimazzjoni attiva tal-attur biex ressaq din l-azzjoni.

67. Rajna[13] illi l-għoti tal-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti ma kienx riżultat ta' inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet iżda riżultat ta' kollużjoni bejn iż-żewġ partijiet, li seħħet mhux biss meta ntgħażlu s-soċjetajiet appellanti bħala oblatur preferut wara li ngħataw aċċess għal informazzjoni privileġġjata[14], u meta ngħatat il-konċessjoni meta kien magħruf li ma kinitx fattibbli[15], iżda wkoll meta l-ftehim suppost kellu jitwettaq u, għalkemm ma sar xejn, min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, flok ħares dawk l-interessi, ta estensjoni wara oħra ta' żmien biex ma joħroġx fil-berah li l-ftehim kien biss faċċata flok "*the real deal*" u kompla ħallas miljuni ta' euro lis-soċjetajiet appellanti għalkemm dawn ma kinux qegħdin iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom[16].

---

13 Para. 18 *et seqq. supra*

14 Para. 20, *supra*

15 Para. 21, *supra*

16 Para. 26, *supra*

68. Ma hux magħruf għalfejn min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż naqas milli jħares dawn l-interessi u, minflok, aktar kellu għal qalbu l-interessi tas-soċjetajiet appellanti, tant illi, meta wieġbu għar-rikors maħluf, il-konvenuti l-oħra iddefendew il-posizzjoni ts-soċjetajiet appellanti u kien biss meta sar dan l-appell li bdew jiddefendu s-sentenza li tat raġun lill-attur. Il-fatt hu iżda li naqsu minn dmirhom lejn il-pajjiż, ma fittxewx ir-rimedji li messhom fittxew u kellu jkun l-attur li ħa l-inizjattiva biex fl-interess tal-pajjiż ifittex dawk ir-rimedji billi jimpunja l-kuntratt ta' konċessjoni u l-kuntratti marbuta miegħu.

69. Dwar min jista' jiftaħ kawża biex jimpunja kuntratt ta' trasferiment ta' art tal-Gvern, l-art. 33 tal-Kap. 573 igħid hekk:

> »(1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkun null u bla effett.
>
> »(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.«

70. Dwar il-kondizzjonijiet li jridu jitħarsu biex art tal-Gvern tingħata validament b'enfitewsi, l-art. 31(*g*) tal-Kap. 573 *inter alia* jgġid hekk:

> »(C) Trasferiment b'titolu ta' enfitewsi temporanju:
>
> »(i) Art tal-Gvern tkun tista' tiġi ttrasferita b'titolu ta' enfitewsi temporanju:
>
> »… … …
>
> »(*b*) jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għall-proġett industrijali wara li l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità kompetenti dwar il-benefiċċju li l-proġett jagħti lill-ekonomija tal-pajjiż u li n-numru ta' impiegi li joħloq huwa adegwat;«

71. Biex ifittex li jagħti l-bażi legali għall-għoti ta' art tal-Gvern b'enfitewsi, il-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2016 bejn is-soċjetajiet appellanti u l-Gvern, fi "*Clause 2: Disposal of the sites*", igħid hekk:

> »2.2 The Grantor declares that the Grantee has satisfied the Government about the benefit which the project, being an industrial project within the healthcare industry, and which comprises the redevelopment and maintenance of the Sites by the Grantee amd the use of the *Sites* by the Concessionaire for healthcare and ancillary services, will render to the country's economy, including but not limited to the creation of an adequate number of jobs.«

72. Din kienet tkun bażi legali tajba biex seta' validament isir il-kuntratt, li kieku dak li tgħid kien minnu. Rajna[17] iżda illi l-ħsieb wara l-kuntratt kien ieħor, u dak li jingħad dwar il-bażi legali tiegħu huwa frott ta' simulazzjoni u kollużjoni. Dan ifisser illi l-kuntratt huwa nieqes minn bażi legali ġenwina li kienet tagħtih validità taħt l-art. 31 tal-Kap. 573, u dan jagħti *locus standi* lill-attur, bħala membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, biex jimpunja l-kuntratt taħt l-art. 33(2) għax huwa fid-dmir ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u fis-setgħa tal-qorti illi tħassar kuntratt bħal dak li dwaru saret il-kawża meta jintwera li jkun sar għal skopijiet ulterjuri u mhux tassew għall-ġid tal-pajjiż.

73. Huwa għal dawn ir-raġunijiet illi l-qorti qiegħda tiċħad l-aggravju ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-attur.

74. Ngħaddu għas-sitt aggravju, li jgħid illi "l-ewwel qorti żbaljat, u aġixxiet *extra petita*, *ultra petita* u *ultra vires* meta kkunsidrat allegazzjonijiet ta' 'frodi'", u ġie mfisser hekk:

---

[17] Para. 18 *et seqq.*, *supra*.

»187. Kif ġà ntqal, parti sostanzjali mill-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza jirreferu għal allegat "frodi" li twettaq minn *Vitals* u, sussegwentement minn *Steward*. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma għal kollox irrilevanti u barra minn lokhom u dan għaliex ir-rikors maħluf tal-attur ma jagħmel ebda referenza għal "frodi". Kien biss waqt l-andament tal-kawża illi l-attur beda jagħmel referenza għall-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit*. Madanakollu, il-qorti fis-sentenza tagħha sorprendentement stqarret illi "għalkemm il-frażi *fraus omnia corrumpit* ma saritx referenza diretta għaliha, l-argumentazzjonijiet u l-premessi u t-talbiet kollha "huma lkoll bbażati fuq il-fatt illi huwa kien qiegħed jallega li seħħet frodi".

»188. L-appellanti ġenwinement ma jistgħux jifhmu fejn, fir-rikors maħluf, tissemma' l-kelma "frodi", jew fejn ġie allegat, imqar b'mod impliċitu, frodi. Ir-rikors maħluf huwa kjarament imsejjes fuq allegata inadempjenza, mhux fuq frodi.

»… … …

»191. Fis-sentenza tagħha, il-qorti tirreferi għal "frodi" jew aħjar, skont il-Kodiċi Ċivili, "għemil doluż" bħala vizzju tal-kunsens. Huwa paċifiku illi vizzju tal-kunsens jista' jiġi invokat biss mill-parti li l-kunsens tagħha ġie allegatament vizzjat. Skont il-qorti, f'dan il-każ kien il-Gvern u r-rappreżentanti tiegħu li ġew "imqarrqa". Sinjifikanti però illi ebda waħda mill-konvenuti l-oħra fil-kawża, kollha entitajiet tal-Gvern ta' Malta, ma eċċepew jew qatt stqarrew jew issottomettew illi l-kuntratti mertu tal-kawża ġew ottjenuti "bi frodi" jew kienu b'xi mod ieħor afflitti minn "vizzju tal-kunsens". Huwa bħallikieku il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili qiegħda tagħti s-sentenza tagħha daqslikieku kienet hija stess il-Gvern, ċjoè, billi tissostitwixxi l-pożizzjoni kuntrattwali tal-Gvern fir-*Related Instruments* billi tqajjem hija stess l-eċċezzjoni tagħha, imbagħad tipproċedi biex tddeċiedi abbażi ta' eċċezzjoni invokata minnha stess. Dan huwa aġir li jmur kontra kull loġika legali u proċedurali.

»192. Jingħad għalhekk illi billi la l-attur fir-rikors maħluf tiegħu u lanqas il-konvenuti fir-risposti rispettivi tagħhom ma qajmu allegazzjonijiet ta' frodi jew "għemil doluż", din il-qorti ma setgħetx u ma kellhiex tikkunsidra dan il-punt hija stess.

»193. *Inoltre*, anke li kieku *dato ma non concesso*, il-qorti dehrilha li kellha u setgħet tqis allegazzjonijiet ta' frodi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, hija kellha f'dak il-każ, twissi l-partijiet speċifikament u espliċitament sabiex ikollhom l-opportunità illi jipproduċu l-provi u jagħmlu sottomissjonijiet speċifiċi dwar dan. Mingħajr tali twissija, il-qorti aġixxiet kontra l-liġi meta qieset allegazzjonijiet ta' "frodi" fl-għotja tal-konċessjoni u wara, *stante* illi dan kien argument imqajjem mill-attur *strada facendo* u la huwa rifless fir-rikors maħluf u lanqas fir-risposti diversi li jistabilixxu l-*litis contestatio ossia* l-parametri tal-vertenza bejn il-partijiet.

»194. Dan l-aġir tal-qorti għandu wkoll konsegwenzi serji ta' indole kostituzzjonali. Dan għaliex minħabba l-linja li ħadet il-qorti fis-sentenza tagħha, linja mhix ġustifikata mir-rikors maħluf kif imressaq, hija illediet il-jedd ta' smigħ xieraq mhux biss tal-appellanti, iżda wkoll tal-individwi involuti f'*Steward* illi ġew imċappsa u mgħoddija bħala kriminali fis-sentenza, mingħajr ma anqas biss kienu parti fil-kawża u mingħajr għalhekk ma kellhom l-opportunità li jiddefendu ruħhom minn akkużi illi huma aġixxew kriminalment. Dan iqajjem preokkupazzjonijiet serji għaliex tirrifletti ksur tal-applikabilità tas-saltna tad-dritt, u l-appellanti qegħdin

> għalhekk jirriservaw il-jeddijiet u rimedji kostutzzjonali u d-drittijiet oħra kollha li jista' jkollhom.«

75. It-talba tal-attur kienet biex il-qorti tħassar il-konċessjoni, u l-ewwel qorti laqgħet it-talba u ħassret il-konċessjoni, minħabba inadempiment, mhux minħabba għamil doluż. Ma hemm xejn *extra petita*, *ultra petita* u *ultra vires* f'hekk.

76. Għalkemm il-konklużjonijiet ta' din il-qorti dwar il-frodi huma differenti minn dawk tal-ewwel qorti, u, kif naraw aktar 'il quddiem[18], din il-qorti mhux bilfors taqbel mal-ewwel qorti li kien hemm qerq u mġieba kriminali min-naħa tal-azzjonisti preżenti tas-soċjetajiet appellanti, din il-qorti wkoll kellha tagħmel konsiderazzjonijiet dwar frodi u kollużjoni[19] għax dawk il-konsiderazzjonijiet kienu relevanti u meħtieġa mhux biex il-qorti tara kienx hemm għemil doluż bħala vizzju tal-kunsens iżda sabiex tasal għal konklużjoni dwar il-*locus standi* tal-attur, u għalhekk lanqas f'dan il-każ ma huma *ultra vires*.

77. Is-sitt aggravju huwa għalhekk miċħud.

78. Is-seba' u t-tmien aggravji jolqtu s-sejbien ta' għemil doluż min-naħa tal-azzjonisti l-ġodda tas-soċjetajiet appellanti, u għalhekk inqisuhom flimkien. Is-seba' aggravju jgħid illi s-"sejba ta' 'frodi' jew 'għemil doluż' hija żbaljata fil-fatt u fid-dritt", u t-tmien aggravju jgħid illi kien hemm "ksur ta' jedd tal-partijiet involuti għal smiegħ xieraq, meta l-qorti akkużat lill-appellanti u individwi esponenti tagħhom 'b'għemil doluż' jew addiritt-

18 Para. **Error! Reference source not found.**, *infra*

19 Para. 67 *et seqq. supra*

ura ‘kriminali’ abbażi ta’ eżami superfiċjali tal-evidenza”. L-aggravji ġew mfissra hekk:

> »Is-seba’ aggravju
>
> »195. Bla ħsara għall-aggravju preċedenti, l-appellanti jsostnu illi kwalunkwe sejba ta’ “frodi” jew “għemil doluż” fil-konfront tagħhom – li hija fi kwalunkwe każ nieqsa minn kull prova jew smieħ – hija żbaljata fil-fatt u fid-dritt u tindika l-*bias* ċar tal-ewwel qorti kontra l-esponenti, fejn l-ewwel “salvat” imbagħad “iġġustifikat” it-talbiet tal-attur.
>
> »196. Il-Kodiċi Ċivili jitratta l-kunċett ta’ “għemil doluż” taħt il-vizzji tal-kunsens. Il-qorti, però, applikat dan il-prinċipju b’diżrispett totali tal-artiklu 981 tal-Kodiċi, illi jistipula kif ġej:
>
>> »“981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajr-hom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.
>>
>> »“(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.
>
> »197. Il-qrati nostrani qiesu l-kunċett ta’ għemil doluż f’numru ta’ deċiżjonijiet tagħhom, iżda qatt kif applikat f’dan il-każ. … … …
>
> »… … …
>
> »198. Kif intqal, huwa paċifiku illi l-“għemil doluż” ma jistax jiġi preżunt, iżda għandu jiġi ppruvat u dan kif jitlob l-artiklu 981(2) tal-Kap. 12 [*recte*, 16].
>
> »199. Sorprendentement, però, l-ewwel qorti għamlet eżattament bil-kontra ta’ dak illi jgħid l-imsemmi artiklu u, b’mod dikjarat, ippreżumiet għemil doluż min-naħa tal-appellanti, u b’mod partikolari ta’ *Steward*, mingħajr ebda bażi probatorja u mingħajr ma applikat il-minimu ta’ loġika illi wieħed kien jistenna għall-fatti in eżami. Li d-dikjarazzjoni hija bbażata sempliċiment fuq preżunzjoni/*assumption* mhux qed tgħidu l-appellanta, iżda stqarritu apertament l-ewwel qorti stess, partikolarment fil-paragrafi 501 sa 504 tad-deċiżjoni tagħha – forsi l-aktar parti inkredibbli mis-sentenza kollha, il-parti li l-aktar b’mod ċar turi l-*bias* assoluta tal-qorti.
>
> »200. Essenzjalment, l-ewwel qorti timputa żewġ elementi illi hija tqis “frawdolenti”.
>
> »201. L-ewwelnett issostni illi *Steward* bilfors kienet taf bil-problemi illi kienet qed taffaċċja l-konċessjoni meta akkwistat l-ishma ta’ *Vitals*. Minn hemm il-qorti tikkonkludi, b’qabża loġika denja tal-Olimpijadi Mondjali, illi *Steward* daħlet għall-konċessjoni biss u unikament biex tkun tista’ tar-rikkixxi ruħha indebitament. Il-qorti tgħid li dan “l-arrikkiment” *Steward* għamlitu billi ottjeniet u gawdiet minn self mill-*Bank of Valletta plc* garantit mill-Gvern (ara paragrafi 495 sa 498 tas-sentenza appellata). Għandu jingħad illi dan is-self seħħ ferm wara illi l-appellanti kienu akkwistaw l-ishma fil-kumpanniji konċessjonarji u għalhekk is-sentenza jidher li qed tattribwixxi poteri ta’ qari tal-futur mhux biss lill-esponenti iżda wkoll lill-firmatarju *Bank of Valletta plc*, liema bank konvenjentement ma jis-semmiex mill-qorti f’dan il-kuntest.

»202. It-tieninett, il-qorti tipponta subgħajha b'mod speċifiku lejn l-*Amendment and Restatement Agreement* iffirmat fis-27 t'Awwissu 2019 (xejn anqas minn tmintax-il xahar (!) wara t-trasferiment tal-konċessjoni fi Frar 2018) bejn il-Gvern, l-appellanti u l-*Bank of Valletta* – il-bank terz li mhuwiex parti fil-kawża. Hawn il-qorti tilmenta minn klawżola partikolari li biha l-partijiet ftiehmu li rexxissjoni tal-konċessjoni, anke b'effett ta' sentenza, titqies *GoM Non-Rectifiable Event of Default* b'tali mod illi l-Gvern ta' Malta jagħmel tajjeb għas-self mogħti mill-*BOV* u jħallas penali ta' mitt miljun Euro (ara paragrafi 499 u 500) kif stipulat fl-*SCA*. Il-qorti tonqos milli tirrikonoxxi illi (i) il-penali tal-mitt miljun Euro kienet fl-Iskeda 7 tas-*Service Concession Agreement* sa mill-bidunett (*i.e.* qabel daħlet *Steward*) iżda li l-ftehim tal-2019 sempliċiment ikkrea kap ġdid ta' *non-rectifiable event of default* min-naħa tal-Gvern – ċjoè, rexissjoni jew annullament tal-kuntratti tal-konċessjoni (ii) illi l-emenda daħħlet ċirku-stanza oħra li tista' twassal għall-ħlas tal-€ 100 miljun, iżda ma kinitx qed tintroduċiha għall-ewwel darba u (iii) li d-*direct termination provision* il-ġdida ġiet introdotta fuq talba tal-*Bank of Valletta*, bank ikkontrollat mill-Gvern ta' Malta bħala kundizzjoni (*condition precedent*) għall-finanzja-ment.

»203. M'hemmx dubbju illi, jekk wieħed jaċċetta r-raġunament tal-qorti, is-sekwenza ta' dawn il-ġrajjiet tirriżulta illi hija xogħol jew ta' ġenju assolut, inkella ta' xi bassâr tal-futur illi seta' jantiċipa minn qabel illi dawn il-kuntratti kollha kienu ser jiġu iffirmati fil-ħin opportun. Bir-rispett, dan huwa tassew każ ta' sentenza żbaljata għaliex imsejsa fuq loġika żbaljata.

»204. Il-qorti dehrilha illi dawn il-kundizzjonijiet, miftiehma u maqbula kuntrattwalment, huma tant ta' vantaġġ għall-konċessjonarju, li allura ebda rappreżentant tal-Istat Malti ma kien sejjer jaċċettahom liberament, u fuq din il-bażi biss tikkonkludi illi *Steward* bilfors aġixxiet mhux biss b'"għemil doluż" f'sens ta' liġi ċivili, iżda agħar minn hekk, b'aġir "possibilment kriminali!" Mill-ġdid jingħad illi din hija deċiżjoni msejsa fuq loġika żbaljata, b'dan li hawn l-allegazzjoni tant hija serja u infondata illi timmerita kritika mill-*fora* superjuri, li l-appellanti sejrin ifittxu.

»205. Mhux biss! F'attentat [*recte*, tentativ]estrem illi tgħatti u taħfer kwalunkwe nuqqas tal-Gvern ta' Malta u timputa għemil doluż lil *Steward* – il-"barranin" – il-qorti tagħmel l-osservazzjoni li ġejja:

> »"502. Il-qorti tistqarr, madanakollu, illi hija tassew imħassba kif persuni responsabbli mill-awtoritajiet governattivi setgħu qatt xjentement jidħlu għal tali obbligi daqstant onerużi fuq il-Gvern, u trid temmen illi tali obbligu ġie minnhom assunt, possibbilment riżultat ta' inġenwità, jekk mhux pressjoni sabiex il-proġett oriġinali jibqa' vijabbli, iżda ċertament temmen li seħħ *in vista* tal-aġir frawdolenti u, possibbilment kriminali, kemm tas-soċjetà *Steward*, kif illum komposta, kif ukoll mis-soċjeta *Vitals*, kif oriġinalment komposta, u l-investituri tagħha."

»206. Il-kliem "imħassba", "temmen", "trid temmen", "possibilment", "jekk mhux" jixhdu l-fatt illi l-konklużjonijiet tal-qorti mhumiex imsejsa fuq xi evidenza soda iżda fuq narrattiva illi hija attraenti minn perspettiva populista.

»207. Fi kliem ieħor, skont is-savvju ġudizzju tal-qorti, l-ogħla esponenti tal-Gvern, inkluż l-Onorevoli Ministru Dottor Konrad Mizzi, kienu dilettanti,

verġni jew, fl-agħar ipoteżi, kretini, u bla responsabbilità daqslikieku taħt l-età. L-istess, milli jidher, igħodd għall-uffiċjali għolja tal-*Bank of Valletta plc*, bank ewlieni fi stat tal-Unjoni Ewropeja. Mill-banda l-oħra, *Steward* "kif illum komposta" b'aġir oskur denju ta' karattru f'rumanz Gotiku, approfittat ruħha mill-inġenwità ta' dawn l-imsieken.

»208. M'għandniex xi ngħidu illi dan tal-qorti huwa raġunament li ma jagħmel ebda sens. Imur ukoll kontra l-prinċipji legali bażilari ġà msemmija, ċjoè illi kwalunkwe' għemil doluż jeħtieġ illi jiġi ppruvat: … … …

»209. Bi ksur ċar ta' dawn il-prinċipji bejn stabbiliti, l-ewwel qorti imputat "aġir possibilment kriminali" sempliċiment minn qari ta' klawżola kuntrattwali illi dehrilha illi hija vantaġġjuża għall-konċessjonarju! Dan huwa argument "maħdum b'lura" mill-konklużjoni tiegħu, kif tixhed il-loġika dgħajfa li ssostnieh.

»210. Huwa minnu illi meta *Steward* daħlet fil-konċessjoni, kienet taf illi l-konċessjoni kienet taħt pressjoni minħabba n-nuqqasijiet ta' *Vitals* u n-nuqqas ta' *oversight* min-naħa tal-Gvern ta' Malta, anke jekk ma kellha assolutament ebda għarfien tal-problemi illi wara ġew mikxufa fl-*NAO Reports* u li wasslu għal ittra li l-appellanti bagħtu lill-Prim Ministru Robert Abela fit-28 ta' Settembru, 2021. *Steward* iżda daħlet għall-konċessjoni wara l-wegħdi li sarulha, inkluż mill-Prim Ministru, mill-Ministru tas-Saħħa u *chief of staff* tal-epoka, illi l-konċessjoni kienet se tiġi rinegozjata sabiex tkun finanzjarjament vijabbli. Wegħdi illi nkisru u sfumaw fix-xejn. Tassew, *Steward* ma kellha ebda interess illi tidħol għall-uġigħ ta' ras ta' din il-konċessjoni, illi kieku ma kellhiex moħħha mistrieħ mis-sapport tal-Gvern ta' Malta li ddawwar konċessjoni, dak iż-żmien falluta, f'waħda li setgħet tkun sostenibbli u, konsegwentement, ta' suċċess. Inkella x'kienet il-loġika li grupp Amerikan magħruf u ta' suċċess jidħol għal konċessjoni bħal din?

»211. Huwa ben not u rappurtat pubblikament – u ġie mistqarr ukoll mix-xhieda quddiem l-ewwel qorti – li negozjati dwar il-konċessjoni kienu għadhom għaddejjin waqt l-andament tal-kawża. Madanakollu, hekk kif ingħatat is-sentenza appellata, il-Prim Ministru u d-Deputat Prim Ministru, it-tnejn ħarġu pubblikament jgħidu illi huma qatt ma taw wiċċ lil *Steward* fl-attentati [*recte*, tentativi] tagħha illi tirranġa l-istruttura tal-konċessjoni, u saħansitra stqarrew illi din l-istrateġija tal-Gvern kellha eżitu pożittiv fid-dawl tas-sentenza mogħtija!

»212. Għalhekk, jekk hawn parti mqarrqa hawnhekk, jew parti li ġiet indotta fi żball mill-ottika kuntrattwali, hija mela *Steward*, illi straħet fuq assigurazzjonijiet mogħtija lilha mill-ogħla rappreżentanti, inkluż il-Prim Ministru, Deputat Prim Ministru u Ministeru tas-Saħħa u ċ-*chief of staff* ta' Gvern ta' stat tal-Unjoni Ewropeja, illi miegħu kienet qed tiddiskuti, *in buona fede*, il-bażi tal-investiment tagħha. Issa, minn fuq, qed issib ruħha akkużata minn qorti tal-istess stat illi aġixxiet b'mod kriminali! Bil-Gvern ta' Malta jogħrok idejh, u prontament jiddikjara illi mhux ser jappella s-sentenza minkejja illi nqagħet kontrieh u minkejja l-fatt illi fost il-konvenuti l-oħra hemm awtoritajiet illi suppost huma independenti u huma mistennija illi jaġixxu independetement mill-Gvern `entrali. Azzjoni (jew nuqqas ta' azzjoni, biex inkunu iżjed eżatii) illi mhux biss għandha implikazzjoni fuq l-applikazzjoni kuntrattwali tal-kuntratti tal-konċessjoni, imma illi minn dan l-aspett jagħmlu mill-Gvern u mill-ġudikatura ħaġa waħda, bi ksur ta' prinċipji ta' separazzjoni tal-poter.

»213. Fl-analiżi superfiċjali tagħha dwar l-allegat "frodi", il-qorti wkoll tinjora għal kollox l-involviment tal-*Bank of Valletta* fil-kuntratti illi l-qorti qed issibhom tant problematiċi. Il-fatt illi l-*Bank of Valletta* kien ukoll firmatarju għall-kuntratti juri illi kien hemm interessi oħra involut, lil hemm minn dawk l-Gvern u ta' *Steward* bħala konċessjonarja. Madanakollu, fis-sentenza tagħha, il-qorti tonqos kompletament milli tqis dan, u bħala riżultat, l-analiżi tagħha tibqa' waħda superfiċjali u inkompleta.

»214. Kemm hu hekk, ma tridx wisq biex tifhem illi l-klawżola dwar il-garanziji mogħtija mill-Gvern fil-kuntest ta' terminazzjoni mhix qiegħda hemm biex tiġġjova lil *Steward* biss, iżda primarjament sabiex tipproteġi l-*Bank of Valletta*. U tassew, kien il-bank illi nsista illi jsir l-*Amendment and Restatement Agreement* tas-27 t'Awwissu 2019, fil-kuntest ta' self ulterjuri li l-istess kien qiegħed javvanza, b'rabta partikolari mat-twettiq tal-bini ta' *Barts College*, f'Għawdex. Hawn ta' min ifakkar illi l-proġett ta' *Barts*, wara li kien pratikament waqaf għal kollox taħt *Vitals*, ġie kompletat fi żmien qasir minn *Steward*, u inawgurat aktar tard dik is-sena, fil-21 ta' Novembru 2019 u għalhekk dan is-self kien essenzjali fi żmien meta kienu qed isiru spejjeż kbir kapitali.

»215. Anke f'dan il-kuntest, jekk kien hemm *weak(er) party* fil-kuntratt ċertament kienet *Steward*, mhux il-Gvern jew il-bank. Ma ninsewx illi *Steward* kienet qiegħda tikkuntratta f'ġurisdizzjoni għaliha barranija, f'kuntratti soġġetti għal liġi ta' Malta, mal-Gvern ta' Malta, u ma' bank ewlieni f'Malta illi fih l-istess Gvern għandu sehem sostanzjali. Huwa inkonċepibbli kif f'kuntest bħal dan *Steward* titpinġa bħala li setgħet qatt jirnexxilha "tqarraq" bil-partijiet l-oħra fil-kuntratt. *Del resto,* dan jikkontra-diċi osservazzjonijiet li għamlet il-qorti stess fi bnadi oħra tal-istess sentenza (ngħidu aħna fil-paragrafu 426 u 427), fejn tikkritika l-aġir ta' Konrad Mizzi, dak iż-żmien ministru fl-istess Gvern.

»216. Minbarra l-aspett fattwali, il-kunsiderazzjonijiet tal-qorti huma bir-rispett karenti jekk jitqiesu mill-aspett legali.

»217. B'rabta ma' dan, l-appellanti josservaw illi l-kunċett ta' *fraus*, jew għemil doluż fil-kuntest ta' liġi ċivili, huwa għal kollox distint minn kunċetti ta' "frodi" kif jista' jiftehem f'kuntest ta' liġi kriminali, b'elementi kostituttivi għal kollox differenti u oneru ta' prova naturalment differenti wkoll. L-ewwel qorti, però, donnha tinjora għal kollox din id-distinzjoni legali bażika.

»218. Kif rajna, "frodi" bħala vizzju tal-kunsens tirrikjedi "raġġiri" – kemm jekk "kriminali" u kemm jekk le – illi jwasslu lill-parti kontraenti l-oħra biex tikkonkludi negozju li ma kinitx tikkuntratta għalih li ma kienx għal tali "raġġir".

»219. Il-"frodi" kriminali, min-naħa l-oħra, huwa r-reat kontemplat fl-artikli 293 sa 301K tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) li, għandu jingħad, huwa ben distint mir-reati ta' korruzzjoni (artiklu 121 tal-Kap. 9) jew *trading in influence* (artiklu 121A tal-Kap. 9) li huma dawk ir-reati li donnha qed tirreferi għalihom il-qorti fir-raġunament tagħha.

»220. Isegwi illi jekk il-qorti dehrilha illi kien hemm aġir kriminali li jinvolvi esponenti tal-Gvern, dan minnu nnifsu jeskludi l-frodi bħala bażi ta' vizzju tal-kunsens, għaliex ifisser illi l-esponenti tal-Gvern kellhom ix-*scientia* meħtieġa huma u jiffirmaw il-kuntratti relattivi u bl-ebda mod ma jista' jingħad illi ġew imqarrqa.

»221. L-appellanti ma jaħsbux illi dan sfuġġa lill-qorti. Għall-kuntrarju, huwa probabbilment għalhekk illi, b'mod mill-aktar kontradittorju, wara li tagħmel kritika estensiva lill-esponenti tal-Gvern ta' Malta, il-qorti fil-paragrafu 503/504 fis-siegħa u l-ħin tibdel id-diska u timputa "għemil doluż" biss lil *Steward*, biex hekk tiġġustifika l-konklużjoni (żbaljata) tagħha li seħħ "frodi" fis-sens ċivili ta' "vizzju tal-kunsens". Dan minkejja illi l-ewwel qorti irreferiet f'diversi partijiet tas-sentenza appellata għal allegata "kollużjoni" li tinvolvi membri tal-Gvern u/jew awtoritajiet konċernati, partikolarment b'rabta mal-għotja tal-konċessjoni lil *Vitals*. Dan, minnu nnifsu jeskludi l-kunċett ta' vizzju tal-kuntratt imsejjes fuq għemil doluż, illi ma jista' qatt ikun preżenti jekk (allegatament) iż-żewġ partijiet kontraenti kienu qed jaġixxu f'kollużjoni bejniethom.

»222. Konvenjentement, il-qorti, mingħajr ma teżamina b'ebda mod l-artikli dwar "frodi" fil-kuntest kriminali, tikkonfondi flimkien "għemil doluż" f'ambitu ċivili ma' "aġir kriminali"; imbagħad, mingħajr ebda bażi probatorja illi tindika xi "frodi" – la kuntrattwali u wisq aqas kriminali – tgħaddi biex takkuża lil *Steward* bit-tnejn li huma! Mill-ġdid hawnhekk, l-importanti jidher li kien li wieħed jasal għar-riżultat aħħari mixtieq.

»223. Is-superfiċjalità u loġika dgħajfa hija imbagħad moħbija b'appell għas-sentiment popolari billi l-qorti tippreżenta lill-attur (u, impliċitament, lilha nfisha meta tilqa' t-talbiet tiegħu) bħala balward tal-interessi taċ-ċittadin Malti fil-konfront tal-frodist barrani. Attitudni [*recte*, atteġġjament] illi hija għal kollox insulari, inġusta, xokkanti u leżiva tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-appellanti, kif ukoll tal-uffiċjali tagħhom fil-vesti personali tagħhom kif se jiġi sottomess f'aktar dettall fl-aggravju li jmiss.

»224. Anke għal dawn ir-raġunijiet, is-sentenza jisthoqqilha illi tiġi revokata.

»It-tmien aggravju

»225. Bl-aggravju preċedenti, l-appellanti wrew kif l-istqarrija ta' "għemil doluż" min-naħa ta' *Steward* u esponenti tagħha hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

»226. B'żieda ma' u mingħajr preġudizzju għal dan, l-appellanti jsostnu illi l-mod li bih il-qorti qieset il-provi fir-rigward, sabiex b'hekk waslet għall-konklużjoni ta' "għemil doluż" jew addirittura "kriminali" fil-konfront ta' *Steward*, tant huwa żbaljat u superfiċjali illi jwasslu għal ksur tad-drittijiet illi *Steward* u d-diretturi individwali tagħha għandhom *ai termini* tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni.

»227. L-appellanti jirreferu fost l-oħrajn għas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> »227.1 Kif rajna, "għemil doluż" jeħtieġ l-eżistenza ta' vittma, *ossia* l-persuna li ġiet indotta b'raġġiri sabiex tikkuntratta kontra l-interessi tagħha. Ħadd mill-partijiet għall-kuntratti fil-konċessjoni (ċjoè, il-konvenuti l-oħra) ma akkuża lil *Steward* bi "frodi". Ħadd ma invoka nullità tal-kuntratt abbażi ta' vizzju tal-kunsens. Kienet għalhekk sorpriża għall-appellanti kif il-qorti setgħet qatt tinvoka vizzju tal-kunsens meta lanqas biss kien qed jiġi invokat mill-partijiet kontraenti;
>
> »227.2 Kwalunkwe aġir kriminali jeħtieġ illi jiġi pruvat lil hemm minn kull dubbju raġjonevoli, li ċertament ma sarx f'dan il-każ. Jekk il-qorti, però, qed tqis illi hemm lok ta' rexissjoni tal-konċessjoni abbażi ta' għemil doluż, sinjal illi jidhrilha li r-reat ġie mwettaq u dan minnu nnifsu

> jimplika l-involviment ta' esponenti tal-Gvern. Wieħed għalhekk isaqsi għalfejn il-qorti ma ordnatx l-investigazzjoni ta' mqar uffiċjal wieħed tal-Gvern ta' Malta?
>
> »227.3 Il-qorti wkoll tfixkel il-kunċett ta' għemil doluż *ab initio* ma' ġrajjiet li allegatament seħħew wara u li, għandu jingħad, ma kienu bl-ebda mod frawdolenti min-naħa ta' *Steward*. Hekk, wieħed qajla jifhem kif l-allegat għemil doluż (mhux pruvat!) marbut mal-*Amendment and Restatement Agreement* jista' qatt iwassal għall-effett retroattiv ta' nullità tal-kuntratt t'enfitewżi tat-22 ta' Marzu 2016 jew tas-*Service Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 jew ta' kwalunkwe wieħed mir-*Related Instruments*;
>
> »227.4 Aktar u aktar jingħad dan meta wieħed iqis illi l-persuni involuti fin-negozjati mal-Gvern fl-2015 (*Vitals*) u fl-2019 (*Steward*) kienu differenti.

> »228. Dan kollu oġġettivament juri attitudni ta' *bias* fil-konfront ta' *Steward* u l-esponenti tagħha u nuqqasijiet serji fl-eżami tal-provi u l-applikazzjoni tal-prinċipji legali involuti. Jissarraf f'eżempju klassiku ta' *unsafe judgment* u b'hekk jagħti lok għat-tħassir tas-sentenza appellata anke *ai termini* tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.«

79. Il-qorti qabel xejn ittenni illi fil-kuntest tal-kawża tallum l-għemil doluż, speċifikament il-kollużjoni bejn is-soċjetajiet appellanti u esponenti għolja tal-Gvern jew tal-aġenziji tiegħu, ma tqiesx bħala vizzju tal-kunsens. Fis-sentenza appellata il-konċessjoni tħassret mhux għax riżultat ta' kunsens vizzjat iżda minħabba inadempiment, waqt li f'din is-sentenza tallum il-kollużjoni tal-għemil doluż tqieset relevanti biss għall-għanijiet tal-leġittimazzjoni attiva tal-attur. L-osservazzjonijiet fir-rikors tal-appell dwar għemil doluż bħala viżżju tal-kunsens, u d-distinzjoni bejn l-għemil doluż taħt il-liġi ċivili u dik penali, huma għalhekk irrelevanti.

80. Preċiżat dan il-punt, din il-qorti tgħid illi taqbel mal-appellanti, mhux fejn igħidu illi huma ma kinux kompliċi fil-kollużjoni, iżda fejn igħidu illi l-ewwel qorti ma kellhiex issib illi l-azzjonisti preżenti huma ħatja ta' għemil doluż u, anzi, għemil kriminali. Dan qiegħed jingħad mhux għax għandu relevanza għall-għanijiet tal-kawża – għax l-azzjonisti ma humiex parti – iżda għax din il-qorti taqbel illi setgħet saret inġustizzja mal-azzjonisti

preżenti meta ġew mixlija b'għemil kriminali u għalhekk jixraq illi kull inġustizzja tiġi eliminata.

81. Għalkemm tqis illi huwa suspettuż il-fatt li l-azzjonisti *Steward* kisbu l-ishma fis-soċjetajiet appellanti u daħlu għal impriża ta' mijiet ta' miljuni mingħajr ma għamlu *due diligence assessment*, partikolarment meta kienu jafu bl-impenji li s-soċjetajiet appellanti daħlu għalihom u li ma wettqu pratikament xejn minnhom u ebda *milestone* ma ntlaħaq – għax ċertament kienu jafu x'kienu l-kondizzjonijiet tal-konċessjoni qabel kisbu l-ishma u "*Steward* bilfors kienet taf bil-problemi illi kienet qed taffaċċja l-konċessjoni meta akkwistat l-ishma ta' *Vitals*"[20] – u l-qorti ma tarax li r-raġunijiet mogħtija għal dan in-nuqqas huma konvinċenti, madankollu din il-qorti temmen illi l-azzjonisti l-ġodda daħlu għall-impriża *in bona fide* u fil-fatt kien biss wara t-trasferiment tal-ishma illi beda jsir xi xogħol bis-serjetà, li ma kienx jikkonsisti biss fil-madum tal-kamra tal-banju, kif forsi tasal biex tifhem minn qari tas-sentenza appellata.

82. Dan kollu ma jibdel xejn mill-parti dispositiva tas-sentenza, għax kienu n-nuqqasijiet tas-soċjetajiet appellanti u mhux tal-azzjonisti preżenti li wasslu biex tinħall il-konċessjoni. Inċidentalment il-kumment fil-para. 201 tar-rikors tal-appell illi "l-appellanti kienu akkwistaw l-ishma fil-kumpanniji konċessjonarji" u r-referenza għal "trasferiment tal-konċessjoni" f'para. 202 ikomplu jikxfu l-konfużjoni li tikkaratterizza parti sew mill-appell meta s-soċjetajiet appellanti jinsew, jew iridu lil min jinsa, illi "l-appellanti" u "l-

[20] Para. 201 tar-rikors tal-appell

kumpanniji konċessjonarji" huma l-istess entità u li ma sar ebda "trasferiment tal-konċessjoni".

83. Madankollu dak li jingħad dwar dan l-aggravju għandu jservi biex jikkoreġi l-impressjoni li s-sentenza appellata toħloq dwar l-azzjonisti preżenti. F'dan is-sens biss l-aggravji qegħdin jitqiesu favorevolment, u mhux ukoll fejn iridu li titħassar is-sentenza appellata u fejn jittrattaw ir-relazzjoni bejn l-azzjonisti u l-Gvern li ma għandha ebda relevanza għall-għanijiet ta' din il-kawża.

84. Id-disa' aggravju huwa dwar l-"*allegata inadempjenza*" u ġie mfisser hekk:

> »229. Dwar l-allegata inadempjenza, il-qorti kienet żbaljata fil-mertu tal-konklużjonijiet tagħha, u l-mod sarkastiku li bih qieset il-provi mressqa quddiemha jkompli jixhed sens gravi ta' *bias* fil-konfront tal-appellanti.
>
> »230. F'dan ir-rigward, il-qorti essenzjalment qieset illi l-*concession mile-stones* marbuta mal-proġett ta' kostruzzjoni jidher illi ma ntlaħqux u li l-proġett ta' turiżmu mediku illi kien parti mill-proposta oriġinali ta' *Vitals* qatt ma seħħ u ma jidhirx li hemm intenzjoni li jseħħ. Il-qorti hawn tibdel ruħha f'parti kontraenti u tiddeċiedi fl-assenza ta' informazzjoni jew ġusti-fikazzjoni.
>
> »231. Il-qorti ma waqfitx hawn però, iżda b'ħafna kummenti ironiċi fuq rapport eżebit minn *Steward* illi juri "*upgrade tat-toilets*", tat l-impressjoni illi *Steward* ma kkontribwiet xejn fis-snin illi kienet involuta fil-konċessjoni.
>
> »232. L-osservazzjonijiet tal-qorti kienu għal kollox bla bażi u barra minn lokhom. Il-qorti hija u tifli r-rapport in kwestjoni donnha qrat biss l-ewwel u l-aħħar paġni u qabżet taqsimiet sħaħ illi jirreferu f'dettall għal (i) *upgrades* fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, (ii) inkluż *dental clinic* u (iii) *stroke unit* ġdid, (iv) *orthopeadic unit* ġdida, (v) *orthotics u prosthetics unit* ġdid fl-Isptar Karin Grech (vi) ikkumplimentat minn kollaborazzjonijiet ma' esperti dinjija fil-qasam tal-prostetika, (vii) flotta ġdida ta' ambulanzi kif ukoll (viii) servizzi ġodda ta' *helicopter* għall-pazjenti, (ix) *anatomy centre* f'Għawdex flimkien mal-(x) binja tal-*Barts College for Medicine and Dentistry* – proġett illi kien stalla taħt *Vitals* u tlesta b'mod mgħaġġel hekk kif *Steward* daħlet fil-konċessjoni. Dan fost diversi proġetti oħra ta' upgrades oħra, oltre l-operat u t-titjib ta' servizzi tas-saħħa matul dan iż-żmien kollu. F'għajnejn l-ewwel qorti, dan kollu jista' jiġi kkondensat f'ħaġa waħda "*upgrade tat-toilets*". Investiment ta' aktar minn sittin miljun Euro (€ 60,000,000) li, għandu jerġa' jingħad, ġie ridott u ridikolat għal "*upgrade tat-toilets*". Dan l-investiment ta' 'l fuq minn sittin miljun Euro (€ 60,000,000) però qiegħed hemm u huwa evidenti u l-appellanti jinsistu

illi jekk il-Gvern ta' Malta jieħu lura s-siti enfitewtiċi b'riżultat ta' dawn il-proċeduri, l-appellanti għandhom jiġu kumpensati u f'dan ir-rigward jirriservaw id-drittijiet kollha tagħhom, inkluż dak li jinvokaw, jekk hemm bżonn, il-*just retentionis* skont il-Kodiċi Ċivili, inkluż l-artiklu 550.

»233. Kemm l-attur kif ukoll il-qorti donnhom jinsew ukoll illi l-konċessjoni ma kinitx biss tikkonsisti f'obbligi ta' kostruzzjoni u *upgrades* iżda wkoll f'riorganiżżażżjoni tal-operat u servizzi tas-saħħa fl-isptarijiet.

»234. *Steward* mexxiet dan b'effiċjenza inkluż fiż-żmenijiet diffiċli tal-imxija tal-*Covid* fejn *Steward* użat il-kuntatti internazzjonali tagħha biex fi żmien qasir ottjeniet ventilators fl-Isptar t'Għawdex u lestiet *ward* b'ħamsa u għoxrin sodda mgħammra b'*ventilators* waqt illi l-Gvern kien għadu qed jara kif jagħmel biex jara minn fejn se jsib *ventilators* għal *MDH* (ara l-*photo report* maħluf minn James Grima). Iżda kif intqal il-qorti jidher li tant kienet mehdija tifli ċ-ċeramika tat-*toilets* illi anke dan il-fatt spjegat fir-rapport ta' James Grima qabżilha.

»235. Jiġi wkoll mtenni illi f'ħames snin illi *Steward* ilha involuta fil-konċessjoni, hija qatt ma rċeviet ebda avviż mill-Gvern illi jallega xi *default* b'rabta mat-tmexxija tal-isptarijiet. Anzi, huwa magħrufa l-istqarrijiet pubbliċi, inkluż tal-Ministru Fearne, jiddefendi l-għażla ta' *Steward* bħala "*the real deal*" u l-*budgets* allokati għat-tmexxija tal-isptarijiet minn *Steward*.

»236. Hija għalhekk għal kollox żbaljata u nieqsa minn kull prova n-narrattiva riflessa fis-sentenza ta' konċessjonarju illi f'ħames snin ma għamel xejn ħlief "*upgrade tat-toilets*" u baqa' sieq fuq oħra "jarrikkixxi ruħu indebitament" mill-konċessjoni. Din mhix ħlief karikatura illi tirrifletti loġika dgħajfa.

»237. Bla ħsara għas-suespost, kull allegazzjoni ta' inadempjenza kellha wkoll titqies fil-kuntest spjegat aktar kmieni f'dan l-appell, (għalkemm l-appellanti, f'kull każ, itennu illi la l-attur u lanqas il-qorti ma kellhom il-jedd illi jindaħlu fil-kuntratti ta' konċessjoni). Dan kien kuntest fejn l-istruttura oriġinali tal-konċessjoni ma kinitx waħda *bankable* u allura, mingħajr il-kollaborazzjoni *in buona fede* tal-Gvern ta' Malta, kif anke ġie dikjarat lil *Eurostat*, sabiex l-istruttura tal-konċessjoni tinbidel, il-proġetti tal-kostruzzjoni ma setgħux jimxu 'l quddiem.

»238. Dan ċertament però mhux b'xi nuqqas ta' *Steward*. U lanqas minħabba xi "faqar ta' pjanijiet" għall-quddiem, kif tinferixxi l-qorti, li donnha wkoll insiet id-dokumentazzjoni voluminuża mressqa minn rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar illi minnha jirriżultaw il-proġetti maħsuba.

»239. Dan kollu joħodna lura għall-kwestjoni tal-interess ġuridiku ta' Adrian Delia biex jippromwovi din il-kawża. Il-vertenzi li qed jissemmew f'din it-taqsima setgħu ikunu – jekk il-Gvern ta' Malta dehrlu li jkun hemm xi ksur – is-suġġett ta' proċeduri arbitrali jew ġudizzjarji bejn il-partijiet kontraenti, f'liema każ kienu jitmexxew skont it-terminu u l-kundizzjonijet tal-kuntratti ta' konċessjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, l-effett tas-sentenza huwa illi l-Gvern gawda indirettament, fis-sens illi ottjena (b'mod vikarju tramite l-Oppożizzjoni) xoljiment tal-konċessjoni mingħajr ma kellu jimxi mar-rabtiet kuntrattwali li kien preċedentement assuma! Huwa ksur ta' dawn l-obbligi u aspettattivi leġittimi u *events of default* inekwivokabbli illi jiġġustifikaw it-terminazzjoni tal-kuntratti ta' konċessjoni mill-konċessjonarju.

»240. Għalhekk il-ġudizzju tal-ewwel qorti huwa wkoll żbaljat safejn imsejjes fuq inadempjenza kuntrattwali «

85. Għal darb'oħra s-soċjetajiet appellanti qegħdin jinsew, jew iridu jnessu, illi n-nuqqasijiet – li huma stess jistqarru – li seħħew qabel il-bidla fl-azzjonisti huma u jibqgħu nuqqasijiet tagħhom. Huwa tema rikorrenti f'dan l-appell illi jfittex li jnessi d-distinzjoni bejn is-soċjetajiet u l-azzjonisti tagħhom bħallikieku meta kisbu l-ishma l-azzjonisti l-ġodda s-soċjetajiet appellanti bdew b'*tabula rasa*.

86. Kulma hu meħtieġ għall-għanijiet ta' dan l-aggravju huwa illi l-qorti tikkorreġi l-impressjoni żbaljata li tagħti s-sentenza appellata illi kulma seħħ wara l-bidla fl-azzjonisti kien it-tiġdid ta' kamra tal-banju. Jibqa' l-fatt iżda illi s-soċjetajiet appellanti – u nerġgħu nfakkru li huma dawn, u mhux l-azzjonisti, li huma parti f'din il-kawża – kemm-il darba naqsu milli jilħqu l-*milestones* għalkemm sabu min igħinhom billi darba wara oħra jġedded iż-żmien li ngħatalhom u ressaq 'il quddiem il-*milestones*.

87. L-għaxar aggravju jilmenta dwar "nuqqas ta' kjarezza fid-*decide* dwar kuntratti rexissi, u, konsegwentement, deċiżjoni illi hija *extra petita* u *ultra vires*" u ġie mfisser hekk:

»241. Dan l-aggravju jirreferi b'mod speċifiku għad-deċide tas-sentenza.

»242. L-appellanti jsostnu b'rabta ma' dan illi s-sentenza appellata mhix ċara dwar il-kuntratti li qed jiġu rexxissi. It-talbiet tal-attur appellat jirreferu senjatament għar-"rexissjoni u annullament" tal-"konċessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 u tar-*Related Instruments* li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika surreferita".

»243. Ir-*Related Instruments* huma ben definiti fil-konċessjoni enfitewtika u jirreferu għall-*SCA*, *LSA* u *HSDA*, iżda mhux għal kull u kwalunkwe kuntratt illi huwa b'xi mod isemmi jew jirreferi għall-konċessjoni.

»244. Madanakollu, il-kunsiderazzjonijiet tal-qorti, speċjalment b'rabta mal-*Amendment and Restatement Agreement*, jagħtu x'jifhem illi l-qorti

kellha l-intenzjoni li tħassar kwalunkwe ftehim illi b'xi mod imiss jew huwa relatat mal-konċessjoni.

»245. Dan donnu jiftehem ukoll mid-*decide* illi jimplika illi qed jitħassru kull forma ta' kuntratt sussegwenti li għandu x'jaqsam mal-konċessjoni.

»246. Madanakollu l-ordnijiet tal-qorti, jekk tassew għandhom hekk jiftehmu, huma kjarament *extra pet*ita u *ultra vires*.

»247. Dan qed jingħad għaliex it-talbiet kif imressqa mill-attur jagħmlu biss referenza għall-konċessjoni enfitewtika u r-*Related Instruments* iżda mhux għal emendi u *addenda* għall-istess, liema "emendi u *addenda*" fi kwalunkwe każ mhumiex definiti b'mod ċar la fil-premessi u lanqas fit-talbiet attriċi. Għalhekk, u qabel xejn, hemm lok li jiġi ċċarat għal liema kuntratti eżattament kienet qiegħda tirreferi l-qorti, għaliex in-nuqqas ta' kjarezza qed twassal għal aktar inċertezza u konfużjoni.

»248. F'kull każ, il-qorti ma kinitx intitolata illi tordna illi jitħassru kuntratti li ma ntalabax it-tħassir tagħhom. Dan japplika b'mod partikolari għal kwalunkwe ftehim illi sar wara l-bidu tal-kawża, *stante* illi l-attur ma talab ebda bidla fit-talbiet imressqa, … … …

»249. Fl-aħħarnett, il-qorti ma setgħetx tippretendi illi tirrexxindi jew li taffettwa b'xi mod kuntratti illi fihom huma parti terzi li ma kinux parti fil-kawża. Dan jinkludi wkoll l-*Amendment and Restatement Agreement* illi l-qorti qalet illi potenzjalment sar b'"għemil kriminali" ta' *Steward*, bla ma qieset illi dan kien ftehim illi jinvolvi mhux biss il-Gvern ta' Malta, iżda wkoll parti terza, ċjoè il-*Bank of Valletta plc* illi qatt ma kien parti fil-proċeduri u ċertament qatt ma semma' leħnu dwar l-imsemmi ftehim jew partijiet oħra illi huma benefiċjarji diretti ta' tali ftehimiet b'effett ta' kuntratt separati bħas-*subordination agreeent* u l-*junior debt agreement*.

»250. Għal dawn ir-raġunijiet ukoll is-sentenza jistħoqqilha illi tiġi revokata.«

88. Is-sentenza hija ċara: wara li qalet illi "s-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015, il-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u l-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016, flimkien mal-emendi u *addendum* [*recte*, *addenda*] varji illi saru, għand-hom jitqiesu li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika tempor-anja konċessa lis-soċjeta *Steward Malta Assets Limited*, ġà *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, [*sc.* b'kuntratt] tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella", kompliet billi "tħassar u tannulla l-konċessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-*Services Concession Agreement* tat-30 ta' Novembru

2015, tal-*Health Services Delivery Agreement* tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-*Labour Supply Agreement* tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u *addendum* [*addenda*] varji illi saru u li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja surreferita".

89. Dak mitlub mill-attur kien illi l-qorti, wara illi "tiddikjara … illi r-*related instruments* jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja tat-22 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Thomas Vella", tgħaddi biex "tħassar u tannulla l-konċessjoni enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 u r-*Related Instruments* li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja".

90. Għalhekk ma hemm xejn *ultra vires* għax dak deċiż huwa dak mitlub.

91. Naturalment it-tibdiliet u l-*addenda* ma għandhomx eżistenza awtonoma u jibqgħu fis-seħħ biss sakemm "imdendiln" mal-ftehim li tiegħu huma aċċessorji u inseriti fih.

92. Daqstant ieħor naturalment, it-tħassir tal-konċessjoni u tal-kuntratti relativi ma jolqotx id-drittijiet miksuba *in bona fide* minn terzi li ma humiex parti f'din il-kawża, bla ħsara dejjem għal dak li jgħid u jrid l-art. 1210 tal-Kodiċi Ċivili dwar l-effetti tar-rexxissjoni quddiem terzi.

93. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

94. Il-ħdax-il aggravju jgħid illi "s-sentenza appellata tikser l-artiklu 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea" u ġie mfisser hekk:

> »251. Bla ħsara għall-aggravji preċedenti, l-appellanti jissottomettu illi s-sentenza appellata tikkostitwixxi miżura nazzjonali illi għandha l-effett ta'

esproprjazzjoni indiretta, u, bħala konsegwenza u għar-raġunijiet li se jiġu spjegati fil-kuntest ta' dan l-aggravju, jiksru l-artiklu 63 TFUE illi jgħid:

»"1. Fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita.

»"2. Fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq pagamenti bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandha tkun projbita."

»252. Esproprjazzjoni indiretta hija sitwazzjoni fejn gvern jieħu azzjonijiet illi b'mod sinjifikanti jindaħlu fl-użu, tgawdija jew valur ekonomiku ta' investiment, anke jekk ma jkunx hemm teħid fiżiku tal-proprjetà. Esproprjazzjoni indiretta tista' sseħħ b'diversi modi, ngħidu aħna b'bidliet f'regolamenti, tħassir ta' permessi, jew azzjonijiet arbitrarji u diskriminatorju.

»253. Trattati bilaterali jew multilaterali ta' investiment ġeneralment joffru protezzjoni minn:

»253.1 Esproprjazzjoni diretta: Ftehim ta' protezzjoni tal-investiment tipikament tipprojbixxi esproprjazzjoni diretta mingħajr kumpens fil-pront, adegwat u effettiv. Dan ifisser illi jekk gvern jieħu proprjetà ta' investitur, għandu jipprovdi kumpens illi jirrifletti l-valur ġust tas-suq, imħallas bla dewmien u f'valuta legali illi tista' tiġi msarrfa.

»253.2 Esproprjazzjoni indiretta: Trattati bħal dawn jipproteġi lil investituri wkoll minn esprorprjazzjoni indiretti illi, kif ġie nnutat, tiġri meta gvern jieħu azzjonijiet illi b'mod sinjifikanti jindaħlu fl-użu u fil-valur ta' investiment, anke jekk mingħajr teħid forzuż ta' proprjetà. Esproprjazzjoni indiretta tista' tkun ta' forom differenti, inkluż bdil fil-liġijiet u regolamenti, u azzjonijiet arbitrarji u diskriminatorji. *Investment protection agreements* tipikament jeżiġu minn gvernijiet illi jipprovdu kumpens għal esproprjazzjoni indiretta illi jkun ekwivalenti għat-telf tal-investiment li jintilef.

»254. L-appellanti jissottomettu illi għalkemm Malta ma għandha ebda trattat bilaterali ta' investiment ma' Spanja jew l-Amerika, il-ġurisdizzjonijiet fejn huma reġistrati il-*parent companies* tal-appellanti, il-liġi tal-Unjoni Ewropea tipprovdi protezzjonijiet ekwivalenti, kif ikkonfermat l-istess Kummissjoni Ewropea.

»255. Hawn issir referenza għall-hekk imsejħa *Communication from the Commission to the European Parliament and the Council on the Protection of intra-EU investment* pubblikata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2018 illi l-iskop tagħha huwa illi tfakkar "*the most relevant substantive and procedural standards in EU law for the treatmet of cross-border investments in the EU*" b'dan li turi illi "*EU law protects all forms of EU cross-border investments throughout their entire life cycle*". Skont l-artiklu 17 tat-TFUE, il-Kummissjoni hija l-gwardjana tat-Trattati tal-EU, u għandha tenforza l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, issegwi l-applikazzjoni tagħhom, u tassigura lili jiġu applikati b'mod uniformi mal-Unjoni.

»256. Skont il-Kummissjoni, il-liġi tal-Unjoni Ewropea tipproteġi l-attività ekonomika tal-operaturi ekonomiċi matul iċ-ċiklu sħiħ tal-investiment. B'mod ġenerali, kwalunkwe miżura nazzjonali adottata minn stat membru illi tista' taffettwa l-Liġi Ewropea jew id-drittijiet ta' investitur ieħor fl-*EU* għandha tirrispetta l-prinċipji ġenerali ta' Liġi Ewropeja, b'dan illi ma

twassalx għal esproprju indirett jew illegali, liema prinċipji jistgħu jinġabru kif ġej:

»i. Il-miżura nazzjonali għandha tkun proporzjonali. Għandha sservi skop pubbliku u leġittimu b'mod konsistenti u sistematiku. M'għandhiex tmur lil hemm minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq l-għan pubbliku. Miżura ma titqiesx proporzjonali jekk hemm rimedji alternattivi illi huma anqas restrittivi.

»ii. Miżuri nazzjonali għandhom ikunu ċari, preċiżi u li jkollhom effett illi wieħed jista' jbassar. Dan jinkludi obbligi li jiġu protetti l-aspettattivi leġittimi ta' operaturi ekonomiċi f'ċerti każi speċifiċi.

»"It is settled case-law that any trader on the part of whom an institution has promoted reasonable expectations mayrely on the principle of the protection of legitimate expecations."«

»257. L-appellanti jissottomettu illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji għall-każ odjern, abbażi tar-raġunament tal-Kummissjoni:

»i. Esproprjazzjoni indiretta hija restrizzjoni sproporzjonata fuq il-libertà tal-moviment tal-kapital protetta mil-Liġi tal-Unjoni Ewropea (artiklu 63 tat-TFUE). Kif innutat il-Qorti tal-Ġustizzju tal-Unjoni Ewropea fil-każ *SEGRO*:

»"In the present instance, it must be found that, by virtue of its very subject matter, legislation such as that at issue in the main proceedings, which provides for the extintion of rights of usufruct acquired by contract over agricultural land, including those held as a result of exercise of the right to free movement of capital, restricts that freedom on account of that fact alone. The possible adoption, envisaged by the referring court in its second question in Case C-52/16, of a measure compensating the persons who, after acquiring such rights, have been deprived of them in this way by that legislation would not be capable of affecting that finding.

»"That legislation deprives the person concerned both of the ability to continue to enjoy the right which he has acquired, by preventing him, in particular, from using the agricultural land concerned for the purposes for which he acquired that right, and of the ability to dispose of that right.

»"By depriving in that way nationals of Member States other than Hungary, who are entitled to benefit from free movement of capital, of enjoyment of the property in which they invested capital, the national legislation at issue in the main proceedings constitutes a restriction on such free movemnet, Furthermore, as is clear from settled case-law, the measures prohibited by Article 63(1) TFEU, as restrictions on the movement of capital, include those which are likely to discourage non-residents from making investments in a Member State (judgments of 25 January 2007, Festersen, C-370/05, EU:C:2007:59, paragraph 24 and the case law cited and of 1 October 2009, Woningstichting Sint Servatius C-567/07, EU:C:2009:593, paragraph 21).

»"It follows that national legislation such as that at issue in the main proceedings constitutes a restriction on the fundamental freedom guaranteed in Article 63 TFEU."

»Barra minn hekk, il-libertà tal-istabbiliment ta' operatur eko-nomiku fis-suq intern huwa wkoll protett mit-trattati tal-UE (artikli

49 sa 55 TFUE) kontra kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta. Azzjonijiet arbitratrji u immirati minn stat mebru illi jirrendu impossibbli l-istabbiliment ta’ operatur ekonomiku minn stat membru ieħor jaqgħu fil-kategorija ta’ miżuri projbiti minn din il-libertà fundamentali.

»ii. It-tieninett, il-liġi tal-Unjoni Ewropeja tipproteġi wkoll il-jedd għal proprjetà bħala dirtt fundamentali, u kwalunkwe ksur ta’ tali dritt jimplika dritt għal kumpens skont l-artiklu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja. Kwalunkwe espro-prjazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipji ġenerali ta’ Liġi Ewropea ġà msemmija.

»258. Jekk wieħed isegwi għalhekk ir-raġunament tal-Kummissjoni Ewropea, jasal għall-konklużjoni illi l-liġi tal-Unjoni Ewropeja tagħti l-istess xorta ta’ protezzjonijiet li kieku jkunu mogħti minn trattat bilaterali ta’ investiment. Għalhekk kwalunkwe att ta’ organu tal-istat, bħalma hija s-sentenza appellata, li jkollha effett ekwivalenti għal esproprjazzjoni, indiretta jikser l-obbligu tal-istati membri li jipproteġi investimenti magħmula minn kwalunkwe investitur mill-UE.

»289. Għaldaqstant, is-sentenza appellata, speċjalment jekk titqies kjarament *ultra petita*, *extra petita* u *ultra vires*, kif spjegat taħt aggravji oħra (fosthom il-ħames aggravju) mhijiex kompatibbli mal-Artiklu 63 tat-TFUE.«

95. L-appellanti qegħdin iħalltu l-kunċett ta’ esproprjazzjoni mal-kunċett ta’ rexxissjoni ta’ ftehim minħabba nuqqas ta’ ademipment. B’dan l-argument ebda kuntratt ta’ akkwist ta’ proprjetà ma jista’ jitħassar b’konsegwenza ta’ sentenza ta’ qorti, taħt ebda ċirkostanza, lanqas jekk – kif irriżulta ċar fil-każ tallum – ikun hemm inadempiment ta’ obbligazzjoniet li l-ħarsien tagħhom ikun kondizzjoni riżoluttiva tal-kuntratt ta’ akkwist. Iżda l-Kostituzzjoni ta’ Malta stess fl-art. 37 tgħid illi ma jitqiesx teħid illeċitu ta’ proprjetà meta dan isir “fl-esekuzzjoni ta’ sentenzi jew ordnijiet ta’ qrati”.

96. Dan l-aggravju huwa fieragħ, u huwa biss tentativ li jdaħħal element “ewropew” fil-kontroversja.

97. L-aħħar aggravju – it-tnax-il wieħed – huwa “kontestazzjoni tal-kap tal-ispejjeż” u ġie mfisser hekk:

»260. Rigward il-kap tal-ispejjeż, l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel qorti waħħlet l-ispejjeż ġudizzjarji kollha fuq *Steward*, meta, anke li kieku l-qorti kienet korretta fil-konklużjonijiet tagħha (li ċertament mhijiex), l-ispejjeż kellhom, fl-agħar ipoteżi, jiġi merfugħa wkoll mill-konvenuta l-oħra.

»… … .

»262. Difatti l-artiklu 223(1) jistipula illi "kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż". Din ir-regola hija temperata fis-subartiklu 223(3) fejn jingħad

> »"(3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."«

»263. Dawn l-artikli ġew interpretati mill-qrati nostrani fis-sens illi, meta hemm tellief f'kawża, il-qorti għandha bħala regola tordnalu jbatihom hu, sakemm ma hemmx xi wieħed mill-elementi imsemmija fl-artiklu 223(3).

»264. Issa f'dan il-każ il-qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tad-diversi konvenuti, u b'referenza għall-konvenuti l-oħra (mhux is-soċjetajiet *Steward*) qieset uħud mid-difiżi tagħhom bħala frivoli – bħal meta kkritikat il-fatt illi kull waħda mill-konvenuti (għajr *Steward*) eċċepiet li mhijiex leġittimu kontradittur. Dan minbarra illi f'bosta bnadi fis-sentenza ikkritikat l-aġir ta' ċerti esponenti tal-Gvern (anke jekk, fejn konvenjenti, kif rajna, il-qorti wkoll għalqet għajnejha u ħelsithom minn kull responsabbilità).

»265. Minkejja dan, inkredibbilment, il-qorti mingħajr ma tat ebda raġuni jew ġustifikazzjoni, allokat l-ispejjeż kollha tal-kawża lill-appellanti, b'assolutament ebda mitigazzjoni.

»266. Huwa sottomess illi dan imur kontra d-disposizzjonijiet tal-liġi. Aktar minn hekk, però, ikompli jikxef l-element qawwi ta' *bias* fis-sentenza, fejn, imqar fuq punt bażiku bħal ma huwa l-kap tal-ispejjeż, il-qorti rat kif għamlet waħħlet kollox fuq *Steward*.«

98. Dan l-aggravju huwa tajjeb: billi l-kollużjoni kienet bejn il-konvenuti appellanti u l-esponenti tal-Gvern jew tal-aġenziji tiegħu, huwa xieraq illi kull wieħed mill-konvenuti jbati sehem mill-ispejjeż. L-aggravju sejjer għalhekk jintlaqa' billi l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bejn il-konvenuti appellanti u l-konvenuti l-oħra.

99. Ngħaddu issa għall-appell ta' *Steward Health Care International, S.L.U.* ["*Steward Spain*"], li huwa appell magħmul taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

100. *Steward Spain* tgħid illi għandha l-interess li jrid l-art. 236 biex tressaq l-appell "billi hija l-benefiċjarja, fuq bażi subordinata, bħala *junior lender* lil *Steward Malta Limited* tal-*collateral* u l-garanziji kollha oħra li tgawdi l-*Bank of Valletta*. Għalhekk ir-rexissjoni jew l-annullament tal-kuntratti ser ikollha impatt dirett fuq *Steward Spain*". Fissret l-aggravji hekk:

> »25. L-aggravji … sintetikament jikkonsistu fis-segwenti:
>
> »1) l-allegazzjoni ta' frodi ma kinetx parti mill-mertu tal-kawża;
>
> »2) l-adempjenza kuntrattwali ma kinetx parti mill-mertu tal-kawża;
>
> »3) id-dritt ta' proprjetà.
>
> »I) L-allegazzjoni ta' frodi ma kinetx parti mill-mertu tal-kawża
>
> »26. Il-mertu tal-kawża huwa definit fir-rikors maħluf u l-eċċezzjonijiet. Ir-rikors maħluf huwa limitat biex jirrimarka li Vitals, li ġiet mogħtija l-kuntratti oriġinarjament, kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha skond l-istess kuntratti, u għalhekk l-istess *Vitals* ma kellhiex titħalla tittrasferixxi l-obbligi tagħha lil *Steward*. L-ebda wieħed mill-intimati ma eċċipew formalment, fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, li l-kunsens tagħhom kien vizzjat bi frodi.
>
> »27. Huwa għalhekk stramb kif il-qorti konkludiet li l-kuntratti kienu affettwati minn frodi. Billi frodi topera bħala vizzju ta' kunsens (artikolu 981 tal-Kap 16) hija biss il-persuna li l-kunsens tagħha kien vizzjat u miksub bir-riżultat ta' frodi li tista' tqajjem u titlob lill-qorti tannulla jew tinjora l-effetti tal-kuntratt minhabba frodi.
>
> »28. Minkejja dan kollu, fil-paragrafu 447 il-qorti ddikjarat li kienet se tikkunsidra jekk twettaqx frodi, u kompliet biex tannulla l-kuntratti għal din ir-raguni.
>
> »29. B'hekk il-sentenza appellata hija *extra* u/jew *ultra petita*.
>
> »II) L-adempjenza kuntrattwali ma kinitx parti mill-mertu tal-kawża
>
> »30. Fis-sentenza tagħha jidher li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili annullat il-kuntratti billi l-Gvern ma kellux jawtorizza 'l *Vitals* biex iċċedi u tittrasferixxi l-interess tagħha lil Steward imma minflok messhu ha azzjoni biex jirrevoka jew jittermina it-*Transaction Agreements* minħabba in-adempjenza, *i.e.* ksur tad-drittijiet u l-obbligi li l-partijiet kienu ftehmu liberament.
>
> »31. L-attur ma huwiex qed jaġixxi f'kapaċità rappreżentattiva tal-Gvern u indubbjament huwa terza persuna għall-kuntratt.
>
> »32. L-attur ma setax jipproċedi biex jgħarbel l-adempjenza kuntrattwali billi d-dritt li jitlob l-eżekuzzjoni speċifika huwa dritt mħolli biss lill-kreditur (art. 1152 tal-Kodiċi Ċivili), u f'ċerti kazijiet, lill-kreditur tal-kreditur.
>
> »33. *Inoltre* a tenur tal-Artikolu 1069 tal-Kap. 16 huwa biss il-kreditur (Il-Gvern) li jista' jenforza kuntratt: "l-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli".

»34. Il-kreditur biss għandu d-diskrezzjoni li jċedi, jinsisti jew jagħti żmien għall-adempiment t'obbligu.

»35. Huwa evidenti mill-atti illi meta ħalliet *Steward* tieħu l-kuntratti f'idejha, il-Gvern kien qed iċedi u jagħti dilazzjoni tat-terminu għall-adempiment tal-obbligu kollha fejn id-debitur (*Vitals*) kien potenzjalment moruż.

»36. Għalhekk is-sentenza tal-qorti li l-morożità f'obbligu dwar liema l-adempiment kien ġie ċedut mill-Kreditur twassal għat-terminazzjoni u/jew rexissjoni ta' kuntratt tippreġudika lil terzi li jkunu kkuntrattaw mad-debitur abbażi taċ-ċertezza li d-debitur ma kienx inadempjenti.

»37. L-appellanti dahlet f'drittijiet kontra *Steward* u aċċettat kuntratti bhal *Amended & Restated Direct Agreement* preċiżament billi ma kien hemm l-ebda morożità fit-*Transaction Agreements*. Is-sentenza tal-qorti tneħħi ċ-ċertezza legali li tifforma l-bażi ta' kull kuntratt.

»38. *Inoltre* l-adempiment tal-kuntratt minn *Steward* hija assolutament irrilevanti għall-każ *ragione temporis* billi l-kawża infetħet fi Frar 2018, ftit jiem wara li l-kuntratt ġew assenjat lil *Steward*.

»39. Għaldaqstant, anke hawn il-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula mill-qorti relatati mal-esekuzzjoni ta' *Steward*, mingħajr talba espressa mill-Gvern huma assolutament *extra* u *ultra petita* u għandhom jiġu skartati.

» III) Id-dritt ta' proprjetà

»40. Is-sentenza appellata irrevokat it-*Transaction Agreements*. Meta għamlet hekk is-sentenza appellata ippreġudikjat serjament kull possibilità li r-rikorrenti kellha li titħallas lura s-self dovut lilha, *stante* li l-bank għandu jiġi mħallas l-ewwel u bi prijorità fuq l-esponenti.

»41. L-esponenti hija kreditriċi fuq self f'ammont ta' 'l fuq minn tlettax-il miljun Euro lil *Steward Malta Limited* (l-hekk imsejha j*unior loan*). Ai *termini* tal-ftehim tas-17 ta' Lulju 2019 l-*ante causa* tal-esponenti kienet qablet li l-*Bank of Valletta* jippregradwa l-kreditu dovut lilha u essenzjalment il-*junior loan* titħallas biss *una volta* li l-*Bank of Valletta* jkun tħallas lura tal-faċilità mogħtija minnu. Ġaladarba l-faċilità tal-*Bank of Valletta* hija garantita b'iskrizzjonijiet ipotekarji fuq il-proprjetà soġġetta għall-konċessjoni enfitewtika, jigi li hekk kif il-konċessjoni enfitewtika ġiet rexxissa bis-sentenza appellata huwa ċar li l-*Bank of Valletta* ma fadallu ebda proprjetà li tiggarantilu r-ripagament tal-faċilità bankarja tiegħu. Dan ipoġġi lill-esponenti f'pożizzjoni prekarja billi, bil-bank imċaħħad minn sigurtà u s-self dovut lill-bank mhux imħallas, l-ammonti dovuti lill-esponenti huma f'periklu akbar. Għalhekk ir-rexxissjoni tat-*Transaction Agreements* affettwat ukoll il-pożizzjoni tal-esponent bħala kreditur.

»42. Id-dritt ta' kreditu li għandha l-esponenti huwa kjarament possediment *ai termini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll jikkwalifika bhala interess fi proprjetà *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»43. B'hekk meta rrexxindiet it-*Transaction Agreements* l-ewwel qorti iddeprivat lill-esponenti mid-drittijiet u l-possedimenti tagħha inkluz il-possibilità nnifisha li titħallas lura s-self dovut lilha. Is-sentenza appellata effettivament annjentat il-garanzija ipotekarja finalment miżmuma mill-*Bank of Valletta* u li kienet tiggarantixxi r-ripagament tas-self tal-bank (li

jiġi jiggradwa qabel dak tal-esponenti), u b'hekk ġie li s-sentenza appellata affettwat ukoll ir-ripagament tas-self dovut lill-esponenti, billi s-self tal-esponenti jitħallas biss *una volta* li l-*Bank of Valletta* jkun tħallas.

»44. Filwaqt li giet effettivament iddeprivata minn kull possibilità li titħallas lura s-self mogħti minnha, l-esponenti tinsab f'pożizzjoni li t-telf imġarrab minnha ma huwa ser ikun radrizzat bl-ebda mod, li jfisser li din iċ-ċaħda ta' possediment se tkun saret mingħajr ebda kumpens, li jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti.

»45. *Di più*, il-privazzjoni tal-esponenti mill-possedimenti tagħha ma tistax tingħad li saret skond il-liġi, jew addirittura skond xi liġi. Anzi, dik il-privazzjoni se tkun seħħet b'riżultat tal-effetti ta' sentenza li *a sua volta* lanqas kienet sentenza mogħtija skond il-liġi, billi (kif rajna) ingħatat *ultra petita* u *extra petita*.«

101. Dwar l-ewwel aggravju ġà rajna[21] ampjament illi l-frodi ma tqisitx fis-sens ta' għemil doluż bħala vizzju tal-kunsens iżda fis-sens ta' kollużjoni bejn is-soċjetajiet appellanti u min kellu d-dmir li jara li jitħarsu l-kondizzjonijiet tal-konċessjoni li tagħti sies għal-leġittimazzjoni attiva tal-attur biex imexxi b'din il-kawża. Huma għalhekk irrelevanti l-argumenti dwar "frodi [li] topera bħala vizzju ta' kunsens" u jgħid ħażin ir-rikors tal-appell illi l-ewwel qorti "kompliet biex tannulla l-kuntratti għal din ir-raguni": il-konċessjoni tħassret minħabba inadempiment u mhux minħabba vizzju tal-kunsens.

102. Dwar it-tieni aggravju – illi l-adempjenza kuntrattwali ma kinitx parti mill-mertu tal-kawża – tgħid ħażin *Steward Spain* illi l-ewwel qorti "annullat il-kuntratti billi l-Gvern ma kellux jawtorizza 'l *Vitals* biex iċċedi u tittras-ferixxi l-interess tagħha lil Steward". It-trasferiment tal-ishma mill-azzjonisti *Vitals* lill-azzjonisti *Steward* ma ntlaqatx bis-sentenza u għadu jiswa, u lanqas ma kien dan it-trasferiment ir-raġuni għar-rexxissjoni tal-konċessjoni.

21 Para. 75 *et seq. supra*

103. Li tgħid imbagħad illi "l-adempjenza kuntrattwali ma kinitx parti mill-mertu tal-kawża" huwa manifestament żbaljat, meta l-kawżali ewlenija għat-talbiet tal-attur kienet appuntu n-nuqqas ta' "adempjenza kuntrattwali".

104. L-argument imbagħad illi "l-attur ma setax jipproċedi biex igħarbel l-adempjenza kuntrattwali" huwa argument dwar il-leġittimazzjoni attiva tal-attur, li ġà ġie trattat ampjament f'din is-sentenza[22] bil-konklużjoni li l-attur għandu l-leġittimazzjoni attiva sabiex imexxi b'din il-kawża.

105. L-argument l-ieħor illi "l-adempiment kien ġie ċedut mill-kreditur" ma huwiex argument biex it-termini miftiehma jerġgħu jiġu "ċeduti" iżda huwa biss wieħed mill-ħafna provi tal-eżistenza tal-kollużjoni bejn il-partijiet fil-konċessjoni[23] li wasslet biex kellu jkun l-attur, u mhux min kien fid-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, li jfittex rimedju b'din il-kawża.

106. Argument ieħor żbaljat huwa illi "l-adempiment tal-kuntratt minn *Steward* hija assolutament irrilevanti għall-każ *ragione temporis* billi l-kawża infetħet fi Frar 2018, ftit jiem wara li l-kuntratt ġew assenjat lil *Steward*". Ġà rajna[24] illi ma ġie "assenjat" ebda kuntratt lil *Steward* billi s-soċjetajiet appellanti baqgħu l-istess, kemm meta kien jisimhom *Vitals* u kemm meta bidlu isimhom (iżda mhux l-identità) u saru *Steward*. Rajna wkoll li kien tema kostanti fl-appell ewlieni li l-appellanti jfittxu li jisfokaw dan l-aspett fondamentali tal-kawża, *viz.* illi n-nuqqasijiet tas-soċjetajiet appell-anti meta kien jisimhom *Vitals* baqa' sallum in-nuqqas tas-soċjetajiet appellanti ukoll wara li sar jisimhom *Steward*.

[22] Para. 67 *et seqq. supra*

[23] Para. 26 *supra*

[24] Para. 12 *et seqq. supra*

107. L-aħħar aggravju – dwar id-dritt ta' proprjetà – jibda bl-osservazzjoni illi l-appellanti ġġarrab preġudizzju għax "il-bank għandu jiġi mħallas l-ewwel u bi prijorità fuq l-esponenti". Din iżda hija konsegwenza tal-ftehim ta' *subordination* bejn il-bank u l-appellanti u mhux konsegwenza tar-rexxissjoni tal-konċessjoni. L-argument għalhekk illi r-rexxissjoni hija ta' preġudizzju għal *Steward Spain* għax sejra titħallas wara l-bank hija irrelevanti.

108. Huwa minnu illi r-rexxissjoni tal-konċessjoni, u partikolarment tal-enfitewsi, tolqot ħażin l-ipoteka li tiggarantixxi l-ħlas lill-kreditur pre-gradwat u, konsewgentement, iddgħajjef ukoll il-posizzjoni tal-kredituri l-oħra. Din iżda hija konsegwenza ta' kull rexxissjoni ta' trasferiment ta' immobbli, kif igħid l-art. 1210 Kod. Ċiv., u ma tistax titqies raġuni għala rexxissjoni ta' immobbli ma tista' qatt tingħata.

109. Naturalment, jekk *Steward Spain* hija kreditriċi tas-soċjetajiet appellanti dan id-dritt ta' kreditu ma jintlaqatx bis-sentenza u għadu jseħħ, iżda mhux kull ma jnaqqas il-"garanzija komuni"[25] tal-kredituri huwa bi ksur tad-dritt għat-tgawdija tal-"possedimenti".

110. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell ta' *Steward Spain* huwa miċħud.

111. Il-qorti għalhekk tiddisponi miż-żewġ appelli, dak ewlieni u dak tat-terz, billi tiċħad l-appell tat-terz, dak ta' *Steward Spain*; tilqa' l-appell ewlieni ta' *Steward Malta Assets Limited*, *Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* biss fejn jolqot il-kap tal-ispejjeż u tiċħdu fil-

[25] Art. 1994 Kod. Ċiv.

bqija bil-preċiżazzjonijiet magħmula fil-konsiderazzjonijiet dwar is-seba' u t-tmien aggravji. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn iddisponiet dwar l-ispejjeż tal-ewwel grad u tikkonfermaha fil-bqija.

112. L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn it-tliet soċjetajiet appellanti min-naħa l-waħda u l-konvenuti l-oħrajn min-naħa l-oħra. L-ispejjeż tal-appell ewlieni, billi l-konvenuti l-oħra ressqu eċċezzjonijiet li ma ntlaqgħux, jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) iħallsuhom it-tliet soċjetajiet appellanti flimkien u s-sehem l-ieħor minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsuh il-konvenuti l-oħra flimkien. L-ispejjeż tal-appell tat-terz tħallashom l-appellanti *Steward Health Care International, S.L.U.* (*Steward Spain*).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur